

**Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr**
**A.D. 2011**

# Festa 2022

# 100 SENA FOSTNA
# 1922-2022

# Werrej

Werrej . . . . . 1
Ritratt Kumitat Eżekuttiv . . . . . 2
Kumitat Eżekuttiv 2022-2023 . . . . . 3
Messaġġ mis-Sindku . . . . . 4
Messaġġ mill-President . . . . . 5
Collage tal-Festa 2019 . . . . . 6
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali . . . . . 8
Messaġġ mill-Kaxxier . . . . . 12
Messaġġ mill-Viċi President . . . . . 13
Messaġġ mill-Kappillan . . . . . 16
Messaġġ mis-Surmast Direttur . . . . . 20
Ingħaqad mal-Banda... . . . . . 24
Għotja ta' Strument . . . . . 25
Lista tal-Innijiet Proċessjonali u Marjani, u Marċi Brijjużi . . . . 28
Bejn Festa u Oħra . . . . . 32
It-Tieni Safra tal-Banda - Caserta 2020 . . . . . 46
It-Tlugħ is-Sema ta' Marija . . . . . 52
Elf Sena Huma Għalik Bħal Jum tal-Bieraħ Li Għadda . . . . . 56
In-Nebbieta . . . . . 60
Collage 10 Snin Impenn Mużikali . . . . . 62
10 Snin Impenn Mużikali - Akkademja . . . . . 64
Taħbit ta' Qalb Maltija fl-Istat ta' Indiana . . . . . 72
Servizzi Mużikali 2022 . . . . . 80
Programm tal-Festa 2022 - Festi Interni . . . . . Insert
Sehem il-Banda fil-Festa . . . . . Insert
Programm Vokali u Strumentali . . . . . 81
Il-Mitħna tal-Qamħ fil-Palma l-Imġarr . . . . . 97
Il-Verġni Marija fil-Qalb ta' Patri Piju . . . . . 102
Id-Domma tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija . . . . . 105
Id-Devozzjoni ta' San Ġorġ Preca Lejn il-Madonna . . . . . 109
Mons Kalcidon Vassallo Jagħlaq 50 Sena Jqaddes . . . . . 129
Ode To Mgarr . . . . . 133
Analiżi tal-Innu l-Imġarr Bin Marija (It-Tieni Parti) . . . . . 134
Mro William Attard . . . . . 138
Il-Laqmijiet ta' Santa Marija f'Malta . . . . . 141
Logħob tal-Imgħoddi . . . . . 177
Min Huma d-Dixxendenti tal-Għasafar . . . . . 181
L-Importanza tal-Frott . . . . . 182
Servitù . . . . . 184
L-Arkivji fil-Baned Maltin . . . . . 188
Lista tar-Reklami . . . . . 192

Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika**
**"Marija Mtellgħa s-Sema",**
**tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari
ta' Santa Marija, Awwissu 2022
www.bandamgarr.com
info@bandamgarr.com
VO/0577
VAT MT 2606 2606

Editur:
Joseph Caruana

Qari tal-provi:
Chris Giordano

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Maria Vella
Martin Scerri

Ritratti:
Awturi tal-artikli
Arkivji
Sebio Aquilina
Joseph Caruana
Brian Cauchi
Lumiere Studio
Frederick Muscat
Raymond Muscat
Trevor Newstead

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv
tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru
r-reklami, kontributuri tal-artikli,
u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li
rreklamaw u lilkom li tapprezzaw
din il-pubblikazzjoni.

Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti
minn din il-pubblikazzjoni mingħajr
il-permess bil-miktub
tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

L-artikli kollha li qegħdin jiġu ppubblikati
f'dan il-ktieb huma propjetà tal-awturi
rispettivi. Is-Soċjetà Filarmonika "Marija
Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr, mhix
responsabbli mill-fehmiet imfissra fl-artikli
ppubblikati f'din il-ħarġa. Għalhekk kull
awtur huwa responsabbli ta' dak li jikteb.

Kull reklam li jidher f'din
il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni
lis-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni
qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.

Issettjat u Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**
**21649012, 99499084**




*Wara, mix-xellug: Christian Vella, Mark Edward Mifsud (kaxxier), Maria Vella, John Bugeja, Angela Muscat u Sharon Azzopardi.*
*Quddiem, mix-xellug: Dr Sonia Consiglio, Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Paul Vella (Sindku), Giovanni Gatt (President), Dun George J. Schembri (Kappillan) u Colin Falzon (Viċi President).*





*T-Shirt għall-Festa Santa Marija 2022*

**Sizes: Tfal sa 2XL**
**Donazzjoni: €8**

**Ċempel: 79674678, 79391306**

# Kumitat Eżekuttiv 2022-23

*Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D. 2011*

**Presidenti Onorarji**
In-Nutar Dr. Tony Abela BA, NP, ND
It-Tabib Godfrey Farrugia
L-Onor. Dr. Ian Borg MP
L-Onor. Kav. Louis J. Vella MQR
Is-Sur Raymond Muscat BSc., EFIAP, FMPS
Is-Sur Michael Attard
Is-Sindku s-Sur Paul Vella
Is-Sur Paul Camilleri
Is-Sur Antoine Azzopardi
Is-Sur Giancarlo Sopetti
L-Onor. Dr. Alicia Bugeja Said MP
Is-Sur Charlie Polidano

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella
L-Inġinier Mario Sammut

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxier**
Is-Sur Mark Edward Mifsud ACCA, MIA

**Assistent Segretarja**
L-Avukata Dr Sonia Consiglio LL.D

**Viċi President**
Is-Sur Colin Falzon

**Assti. Kaxxiera**
Is-Sinjura Anġela Muscat
Is-Sinjura Maria Vella

**P.R.O**
Is-Sinjura Maria Vella

**Delegat Briju u Spettaklu**
Is-Sur Christian Vella

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana

**Arkivista**
Is-Sur Joseph Caruana

**Membri**
Is-Sur John Bugeja
Is-Sinjura Sharon Azzopardi

**Rappreżentanti Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana
Is-Sur Christian Vella

**Surmast Direttur u Għalliem tar-Ramm u Perkussjoni**
Mro Tancred Grech
FLCM, LLCM,
B.A(Hons)Music, PGCE

**Assistent Surmast**
Mro Mauro Spiteri
A(Mus) LCM., A.L.C.M.

**Għalliem Strumenti tal-Qasba**
Is-Sur Charlie Pace

**Għalliem tat-Teorija**
Mro Mauro Spiteri
A(Mus) LCM., A.L.C.M.

**Awditur**
Is-Sur Antoine Borg
FCCA FIA CPA

**Għalliem A Music Journey**
Dr Wayne Bartolo
Dip. ABRSM (Tuba), B.A. (Drumkit),
B.A. (Hons) in Tuba Performance;
MTL in Music Education

**Webmaster**
Is-Sur Joseph Caruana

**Konsulenti Legali**
L-Avukat Noella Scriha LL.D
L-Avukat Dr Sonia Consiglio LL.D

**Nutar tal-Każin**
In-Nutar Dr Tony Abela BA, NP, ND

**Direttur Spiritwali**
Il-Kappillan Dun George J. Schembri

# Sforz Kollettiv



**Paul Vella**
*Sindku*

Ħuti Mġarrin,

Wara sentejn nuqqas tal-festa tradizzjonali tagħna, din is-sena ninsabu qrib li niċċelebraw il-festa kif nafuha aħna. Festa b'manifestazzjonijiet esterni wkoll. Dan għaliex fi żmien il-pandemija ma kienx possibbli li niċċelebraw il-festi esterni. Napprezza li ningħaqdu flimkien biex niċċelebraw festa xierqa, festa li turi l-għaqda fil-komunità Mġarrija.

Nifhem li wara dan in-nuqqas ta' sentejn inkunu drajna ċertu rilaxx, però naf ukoll li bi sforz żgħir ilkoll flimkien nerġgħu niksbu dik il-ħeġġa u l-entużjażmu biex niċċelebraw festa sabiħa u xierqa.

Il-kunsill lokali, kif ilu jagħmel għal bosta snin, ħa ħsieb li jorganizzaw laqgħa ta' koordinament. Għal din il-laqgħa attendew l-awtoritajiet ċivili, ekkleżjastiċi kif ukoll l-għaqdiet Imġarrin involuti fl-organizzazzjoni tal-festa. L-iskop ta' din il-laqgħa kien, bħal dejjem, biex ikollna organizzazzjoni tajba tal-festa u biex kollox imur kif mixtieq. Nirringrazzja lill-partijiet kollha tas-sehem tagħhom.

Il-festa tikber u tkun sabiħa skont kemm irridu aħna. Inħeġġeġ biex nagħmlu sforz kollettiv u mingħajr ma naraw biss dak li hu ikrah u d-difetti ta' xulxin, ningħaqdu f'komunità waħda u flimkien naħdmu għall-ġid tal-festa u l-lokal tagħna. Nappella biex iktar individwi jissieħbu fl-għaqdiet u gruppi lokali biex jgħinu b'mod volontarju. Il-volontarjat hu element importanti fil-komunità u ta' min jinkoraġġih.

Il-kunsill lokali dejjem jagħmel dak li jista' biex jgħin fl-organizzazzjoni tal-festa u l-attivitajiet li jsiru matul is-sena u jirringrazzjakom tal-appoġġ li tagħtu intom ukoll fil-festi u l-manifestazzjonijiet li jiġu organizzati fl-Imġarr matul is-sena.

Nagħlaq billi f'ismi, f'isem sħabi l-kunsilliera, l-istaff tal-kunsill u l-familja tagħna nawguralkom il-festa t-tajba.



# Servizz bla ħlas lill-parroċċa

**Giovanni Gatt**
*President*

Ħuti Mġarrin,

Wara sentejn mingħajr purċissjoni bl-istatwa titulari din is-sena l-festa se tkun iktar mixtieqa. Propju din is-sena qed niċċelebraw il-mitt sena mill-miġja tal-vara titulari fostna. Ħajr lil dawk kollha li ħadmu biex għandna vara titulari li tixraq lill-parroċċa tagħna. Tul dawn l-għaxar snin li għaddew il-banda tagħna tat servizz mill-aqwa u dejjem bla ħlas lill-parroċċa tagħna.

Inħeġġeġ lill-Imġarrin kollha biex jekk jixtiequ jagħtu donazzjoni għall-ispejjeż tal-banda, tkun veru ta' għajnuna u apprezzata. Il-banda fil-jiem tal-festa tferraħ lin-nies u tpaxxi l-widnejn ta' kull min ikun preżenti. Jalla ma jdumx ma jkollna l-każin tagħna lest.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat għax-xogħol volontarju li jagħmlu.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin u lil dawk kollha li jiġu jżuruna.

Viva Santa Marija!

*Nawguraw lil Dun Lawrenz Gauci f'egħluq il-Ħamsin Anniversarju Saċerdotali tiegħu.*

*AD Multos Annos*

# FESTA 2019


































# Servizz lill-komunità Mġarrija

**Joseph Caruana**
*Segretarju Ġenerali*

Għeżież Imġarrin,

Wara nuqqas ta' sentejn ninsabu viċin li nerġgħu niċċelebraw il-festa titulari kif tradizzjonalment nafuha. Dan għaliex, kif tafu, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, li ħakmet id-dinja, fis-sentejn li għaddew ġiet iċċelebrata biss festa ristretta mingħajr ebda manifestazzjonijiet esterni. Issa nittamaw li nibqgħu mexjin lejn in-normalità.

Dan il-perjodu ikrah li għaddejna minnu ħalla impatt qawwi fuq l-għaqda tagħna u ma nistax ma ngħidx li ħalla effetti koroh fuqna. Tlifna diversi volontiera u anke bandisti u allievi. Dan ifisser li kellna niċċaħħdu minn bosta affarijiet jew drawwiet li konna drajna bihom. Imma l-għaqal hekk jitlob. Wara li analizzajna s-sitwazzjoni finanzjarja tal-għaqda ddeċidejna li anke nagħmlu xi tibdil kif niċċelebraw il-festa. Ġie deċiż ukoll li din is-sena ma nagħmlux il-marċ ta' filgħodu. Kif anke se taraw iktar 'il quddiem, naqqasna wkoll il-kontenut ta' dan il-ktieb biex inżommu bilanċ mar-reklami miġbura. Nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat li aċċettaw li ma jwasslux il-messaġġ tagħhom kif jagħmlu kull sena f'dan il-ktieb biex ikollna iktar spazju dedikat lir-reklamar.

Is-Soċjetà tagħna, għalkemm ma setgħetx torganizza ċelebrazzjonijiet u lanqas attivitajiet soċjali, għamlet mill-aħjar li setgħet biex tibqa' attiva. Dan kien possibbli grazzi għal ammont ta' fondi li ħadna permezz ta' diversi proġetti li wettaqna. Kif se taraw iktar 'il quddiem f'din il-pubblikazzjoni, f'dawn is-sentejn il-banda rrekordjat diversi CDs u tellgħet akkademja tal-ogħla livell f'għeluq l-10 snin mit-twaqqif tagħha.

Inkun qed nonqos jekk ma nsemmix il-mawra memorabbli li l-banda tagħna għamlet f'Caserta fi Frar 2020, mawra li kompliet tgħolli l-isem tal-banda tagħna. Il-banda tagħna flimkien mal-kor tal-parroċċa għamlu unur lill-Imġarr, u għalkemm ittappan ftit bil-pandemija żgur li lkoll għadna ngħożżu dawk il-mumenti sbieħ.

Din is-sena l-banda, issa li riesqa lejn in-normal, reġgħet qed tagħmel servizz mużikali. Fil-fatt ħadna sehem fil-festa titulari ta' San Ġużepp fil-Kalkara u għal darb'oħra għamilna marċ brijuż f'Ħal Lija għall-festa tas-Salvatur.

F'dawk li huma attivitajiet soċjali bdejna wkoll u kellna rispons tajjeb ħafna.

Nisperaw li nibqgħu sejrin hekk ħalli ma ndumux ma nerġgħu naqbdu dak ir-ritmu li kellna qabel bdiet il-pandemija.

Kif ħabbar l-Onor. Ministru Dr Ian Borg lejlet il-festa tas-sena l-oħra, il-gvern se jkun qed iwettaq il-ħolma tal-każin tagħna u bħalissa qed isiru l-aħħar preparamenti biex jiġi ppubblikat it-tender. Nifhmu li ilkom tistennew, però rridu napprezzaw li dan hu proġett kbir u jirrikjedi ħafna impenn u xogħol preparatorju, xogħol li għalkemm ma jidhirx, hu ferm neċessarju.

Minn qalbi nappellalkom biex tissieħbu magħna u tagħtuna l-għajnuna tagħkom. Għandna bżonn ħafna għajnuna volontarja biex ikun possibbli nibqgħu nwettqu l-pjanijiet tagħna. Il-volontarjat hu duwa tal-vizzji u għalhekk hu importanti li lkoll insibu ftit ħin naħdmu f'dan is-settur, biex filwaqt li nkunu qed nirriabilitaw ruħna billi nwettqu xi ħaġa għall-ġid, inkunu wkoll qed ngħinu fit-tkabbir tal-festa tant għażiża għalina.

Fl- 2019 konna ħabbarna l-proġett tal-istatwa tad-dimostrazjoni. Sfortunatament minħabba diversi raġunijiet, din l-istatwa mhux se tkun lesta għal din il-festa, pero diġa qed nippjanaw festi kbar għas-sena d-dieħla meta nkunu qed ninawguraw dan il-proġett, flimkien mal-kolonna monumentali u l-bradella. Dawn tal-aħħar ġew finanzjati permezz ta' fondi ewropej taħt il-fund Leader.

Fl-okkażjoni tal-festa titulari se jiddebutta mal-banda bandist did, Jake Farrugia bil-kurunetta. Minn qalbi nawguralu tal-impenn tiegħu biex wasal s'hawn u nirringrazja lis-surmast direttur, l-assistent surmast u l-għalliema tad-dedikazzjoni tagħhom biex jagħllmu lill-allievi tagħna.

Fis-sena taċ-ċentinarju mill-miġja tal-vara titulari ta' Santa Marija nitolbu lill-Patruna tagħna biex tibqa' żżomm idejha fuq il-banda tagħna biex inkomplu nagħtu servizz lill-komunità Mġarrija u nissoktaw bit-tagħlim tal-arti mużikali u nwettqu iktar proġetti ta' innovazzjoni bħalma huma dawk li għamluna l-ewwel banda paperless u l-ewwel u l-unika banda li għandha mobile app.

Nagħlaq billi nirringrazja lill-mara tiegħi Vanessa tal-paċenzja kbira li tieħu, lil sħabi kollha tal-kumitat u l-familji tagħhom, lis-sindku u l-kunsilliera u l-istaff tal-kunsill, il-kappillan u l-kleru tal-għajnuna tagħhom. Nirringrazja lil dawk kollha li jgħinuna finanzjarjament biex inkomplu nwettqu ħidmietna.

Imġarrin, ejjew ningħaqdu flimkien biex f'dawn il-jiem sbieħ t'Awwissu niċċelebraw festa xierqa u qaddisa lil Ommna Santa Marija, is-Sultana tas-smewwiet.

Minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba.


Il-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha!
IAN BORG
follow
+356 9977 7666
contact@ianborg.eu

# L-Ikla l-Kbira tal-Festa

*B'risq l-ispejjeż tal-Banda fil-Festa*

## Open Air fit-Triq ta' Maġenb il-Knisja, Mġarr

## Nhar il-Ħamis, 18 ta' Awwissu 2022

## Mit-8.00 pm 'l Quddiem



**Għall-Kbar:**
Ftira Maltija + Timpana + Għażla bejn Ribeye, Majjal jew Chicken Breast + Insalata u Kontorni + Deżerta
**Prezz:** Majjal/Chicken €22, Ribeye €25

**Għat-Tfal:**
Ftira Maltija + Beef Burger + Insalata + Chips + Deżerta
**Prezz:** €10 (+ Timpana: €12)

Bookings u dettalji: 79391306, 99265409



## Mistieden speċjali: Renato u Ħafna Mużika Country ma' Marisa D'Amato

**Sponsors**

Aquarius Rent A Car · DineWest Restaurant • Pizzeria • Take-Away · Hair-A-Holic · J & L Supermarket · Malta Sunrife · Paradise Bay Resort · Ta' Ċelita · Vella Supermarket



# Għandna Bżonn il-Finanzi

**Mark Edward Mifsud**
*Kaxxier*

Din is-sena hija l-ewwel sena tiegħi fil-kumitat tal-banda tar-raħal tagħna. Hija l-ewwel opportunità tiegħi biex napprezza x-xogħol siewi li jsir mill-membri kollha tal-kumitat b'risq il-festa tant għażiża għalina, xogħol li jdum sena sħiħa.

Il-festa tfisser ħafna għalina l-Imġarrin, u magħrufin ma' Malta kollha għaliha, speċjalment għat-tradizzjoni ta' kif tintrefa' l-vara u l-offerti li jintefgħu. Biex il-festa tkun tista' ssir hemm ħafna preparamenti li jridu jsiru, grazzi għan-nies li jaħdmu volontarjament, bħal dan il-kumitat u kumitati oħra fi ħdan ir-raħal tagħna.

Fil-ħdax-il sena li ilha mwaqqfa s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema diġà ħarġet numru ta' CDs, fosthom dawk brijużi, proċessjonali u funebri. Dan juri l-impenn sa mill-bidu tat-twaqqif tas-Soċjetà, u taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Ġenerali u tal-President dawn l-għanijiet qegħdin jintlaħqu.

Is-snin li ġejjin huma kruċjali għal din is-Soċjetà, hekk kif il-kumitat qed iħares biex ikompli l-bini fuq il-każin biex b'hekk is-Soċjetà jkollha l-każin li jistħoqqilha. Għalhekk is-sostenn tagħkom matul is-sena huwa importanti ħafna għalina.

Dawk in-nies li jixtiequ jingħaqdu magħna fuq livell ta' kumitat nitlobhom ikellmu lil xi membru tal-kumitat.

Biex il-banda tkun tista' topera u toffri tagħlim b'xejn u l-briju fil-festa, fost ħafna attivitajiet oħra, għandha bżonn il-finanzi biex intaffu l-ispejjeż, li tant huma kbar. Għalhekk nitlobkom biex tagħtu donazzjoni lill-banda tal-festa tant għażiża għalina. Min jixtieq jagħmel dan javviċina lili jew lil xi membru ieħor tal-kumitat.

Nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!



# Nerġgħu Niġu Fuq Saqajna

**Colin Falzon**
*Viċi President*

Ħuti Mġarrin,

Wara nuqqas ta' sentejn minħabba l-pandemija tal-COVID-19, li nistgħu ngħidu li waqqfet lid-dinja, erġajna wasalna biex niċċelebraw il-festa tant għażiża għalina l-Imġarrin, dik ta' Santa Marija. Kien żmien ikrah għalina li ma stajniex niċċelebraw il-festa li tant inħobbu, u nkun sinċier ngħidilkom li għadna qed nirkupraw u nittamaw li ma ndumux ma nerġgħu niġu fuq saqajna.

Tul dan iż-żmien naqset ħafna l-attività fi ħdan l-għaqda tagħna. Dan ifisser li naqas drastikament id-dħul tal-għaqda. Dan in-nuqqas wassal biex jisfratta diversi pjanijiet li kellna, però l-importanti hu li llum erġajna ninsabu viċin li ngawdu l-festa. Il-festa hi żmien li nkunu ilna nistennew u nippreparaw ħafna għalih, u għalhekk ninsabu ħerqana biex niċċelebraw festa sabiħa bħalma dejjem għamilna.

F'isem sħabi tal-kumitat nixtieq nirringrazzjakom li bqajtu ssostnuna, u nħeġġeġ lil dawk li birdu biex jerġgħu jirrankaw ħalli nerġgħu niksbu n-normalità li konna ngawdu sal-festa tas-sena 2019.

Nixtieq nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!



WHERE EXPERIENCE MEETS INNOVATION



Framegrip

PROVIDING PLEASANT LIFESTYLES SINCE 1982

(+356) 2141 9787 • MOSTA ROAD, LIJA, LJA 9010, MALTA • WWW.FRAMEGRIP.COM

ŻGHIR B'QALB KBIRA

# Viva Santa Marija





*Is-Sindku s-Sur Paul Vella u l-familja jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Imġarrin kollha*



# "Għax il-ferħ tal-Knisja hu li tevanġelizza!"

**Dun George J Schembri**
*Kappillan u Direttur Spiritwali*

Wasalna biex mill-ġdid niċċelebraw il-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema fil-parroċċa tagħna. Il-jiem tal-festa jservu biex flimkien bħala komunità parrokkjali nersqu lejn xulxin u niċċelebraw is-sabiħ li nkunu flimkien. B'hekk insiru nafu aktar lil xulxin u nkunu familja waħda. Imma, aktar minn hekk, il-festa tagħna fuq kollox hija festa reliġjuża, jiġifieri ċelebrazzjoni ta' fidi ħajja, li bħala komunità ninbnew mill-ġdid f'esperjenza ħajja. Għalhekk nixtieq naqsam magħkom xi riflessjonijiet li jistgħu jgħinuna nkunu Nsara bis-sens, u li fi kliem il-Papa Franġisku, Insara li għandhom "bżonn ta' fidi li tinbena u tiġġedded fil-laqgħa personali ma' Kristu".

Meta l-Papa Franġisku kien Malta, f'Marzu li għadda, qalilna biex "niskopru mill-ġdid l-essenzjal tal-fidi". Dan ifisser li jeħtiġilna nirritornaw lura għall-esperjenza tal-Knisja billi nerġgħu lura lejn l-oriġini u "nirkupraw l-ispirtu tal-ewwel komunità Nisranija", billi "nerġgħu lura lejn il-qalb u nerġgħu niskopru l-qalba tal-fidi: ir-relazzjoni ma' Ġesù u t-tħabbira tal-Evanġelju tiegħu lid-dinja kollha. Dan hu l-essenzjali! Għax il-ferħ tal-Knisja hu li tevanġelizza!" **Ejjew nistaqsu jekk il-festa tagħna hix ritorn għall-esperjenza tal-ewwel Insara! Il-mixja tal-fidi tagħna matul is-sena hija tħabbira ta' messaġġ importanti, li huwa Ġesù?**

Il-festi reliġjużi Maltin, tul is-sekli, ħolqu u sawru kultura soċjali importanti. Forsi aħna niftaħru bi storja prezzjuża u li tiswa ħafna biex bnejna patrimonju ta' arti, letteratura u mużika. Imma jkun falliment totali jekk ninsew li l-akbar xogħol tal-Knisja huwa l-ħidma spiritwali u pastorali, li hija mgħixa fil-ħajja ta' kuljum. Il-Papa Franġisku jfakkarna li l-ħajja tal-Knisja mhi "qatt biss storja tal-imgħoddi biex infakkruha, imma futur kbir li rridu nibnu". Il-Papa Franġisku jenfasizza li "**ma tistax tkun biżżejjed għalina fidi magħmula minn drawwiet li ġew mgħoddija lilna, minn ċelebrazzjonijiet solenni, okkażjonijiet sbieħ popolari, mumenti qawwija u emozzjonanti; għandna bżonn ta' fidi li tinbena u tiġġedded fil-laqgħa personali ma' Kristu, fis-smigħ ta' kuljum tal-Kelma tiegħu, fis-sehem attiv fil-ħajja tal-Knisja, fir-ruħ tal-kompassjoni popolari**".

Il-festa ta' Santa Marija fil-parroċċa tagħna trid timxi fuq dan il-ħsieb tal-Papa Franġisku, li jħeġġiġna biex verament ngħixu ħajja Nisranija bis-sens u b'hekk

niċċelebraw b'mod awtentiku. Jekk inħarsu madwarna naraw kriżijiet fil-ħajja tal-fidi, apatija tal-prattika tat-twemmin u indifferenza għall-preżenza ta' Alla. Dan ifisser li kif qalilna l-Papa Franġisku, "xi drabi l-qafas ta' barra jista' jkun reliġjuż, imma wara dik il-libsa l-fidi tkun qed teqdiem. Fil-fatt il-gwardarobba eleganti tal-ilbies reliġjuż mhux dejjem taqbel ma' fidi ħajja li tiġi mid-dinamiżmu tal-evanġelizzazzjoni." Bħala komunità ta' fidi nieħdu ħsieb li l-prattika reliġjuża ma tkunx espressjoni mejta tal-passat, imma trid tesprimi fidi ħajja, miftuħa, li xxerred il-ferħ tal-Evanġelju. ***"Għax il-ferħ tal-Knisja hu li tevanġelizza!"***

Jalla Marija Mtellgħa s-Sema – espressjoni ħajja tal-ferħ tal-Knisja – tkun ta' ispirazzjoni biex fil-komunità tagħna ngħixu l-fidi b'mod ħaj. B'hekk inkunu verament Insara li niċċelebraw fil-prattika s-sabiħ tal-fidi tagħna. Il-Mulej iberikkom!

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

***Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr se tagħmel dawn is-servizzi mużikali bla ħlas fil-festa titulari ta' Santa Marija Patruna tagħna***

**It-Tlieta, 16 ta' Awwissu 2022 – programm vokali u strumentali**

**Il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu 2022 – marċ brijuż**

**Is-Sibt, 20 ta' Awwissu 2022 – marċ brijuż u programm ta' mużika leġġera**
**Dan qed isir bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr.**

**Il-Ħadd, 21 ta' Awwissu 2022 – marċ brijuż u purċissjoni**

***Dan ikun possibbli dejjem grazzi għad-donazzjonijiet tagħkom***

***Viva Santa Marija!***





# Nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imġarrin kollha

alicia.bugeja-said@gov.mt
+356 99857268

# Weekend Break

*fil-Paradise Bay Hotel, iċ-Ċirkewwa*

**9-11 ta' Diċembru 2022**

*Ejjew iddevertu magħna!*









*Min hu nteressat, jikkuntattjana fuq 99265409, 79391306 jew 79674678, jew jibgħat email lil mgarrband2011@gmail.com.*



# Inħarsu 'l Quddiem Għal Futur Sabiħ

**Tancred Grech**
*FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*
*Surmast Direttur*

Awwissu reġa' magħna, u dan ifisser li wasal iż-żmien li niċċelebraw il-festa tant għal qalbna: il-festa ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema. Din is-sena kienet waħda importanti u mill-aktar impenjattiva għas-Soċjetà tagħna, għax fiha ċċelebrajna l-10 anniversarju mit-twaqqif tagħha.

Biex niċċelebraw dan l-avveniment importanti tellajna akkademja ferm sabiħa, bl-isem 10 Snin Impenn Mużikali. Din l-akkademja ttellgħet quddiem il-knisja maestuża tal-Imġarr nhar is-16 ta' Awwissu, u fiha ndaqqu xogħlijiet mużikali li huma proprjetà tas-Soċjetà tagħna biss. Kull min ħa sehem jew attenda żgur li ħa gost u nnota t-talent u l-livell mużikali ta' kwalità li bi pjaċir niftaħar li għandna.

Is-serata fetħet propju b'żewġ innijiet popolari. L-ewwel l-innu kien *L-Imġarr Iben Marija*, b'mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappara u b'versi ta' Ġanni Cilia, taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri. Ħadu sehem ukoll il-korijiet Regina Coeli taħt id-direzzjoni ta' Mro Mary Cauchi kif ukoll il-kor Cappella Musicale Caeciliana taħt id-direzzjoni ta' Mro Abraham D'Amato. Wara ndaqq l-innu *Infaħħruk Dejjem*, fuq mużika tiegħi u bi kliem ta' Joseph Caruana, segwit mis-silta magħrufa *The Lonely Shepherd*. L-arranġament ta' din is-silta sar minn Mro Ray Sciberras u s-solista kien il-Peruvjan Fernando Benito Saico fuq il-panflute. Ta' min wieħed isemmi li dan l-arranġament sabiħ sar apposta għal din l-okkażjoni.

Għal din l-okkażjoni speċjali nkitbet ukoll is-silta *Salve Regina* mill-kompożitur Chris Sciberras u tkantat bħala solista mis-sopran brava Claire Caruana. Xogħol ieħor ġdid li seta' jitgawda f'din l-okkażjoni speċjali kien *Xbieħa Ħelwa*, b'kompożizzjoni ta' Chris Sciberras u b'lirika tas-Segretarju Joseph Caruana. Għal darb'oħra ħa sehem il-kor Cappella Musicale Caeciliana.

Mument tant mistenni kien meta l-banda esegwiet l-innu ferm sabiħ *Imbierka s-Sema*, b'kompożizzjoni tal-kompożitur magħruf Mro Ray Sciberras u b'lirika tas-Sur Joe Julian Farrugia. Dan l-innu ħadu sehem fih it-tenur Georg Zammit, is-sopran Claire Caruana kif ukoll il-kor Cappella Musicale Caeciliana taħt id-direzzjoni ta' Mro Abraham D'Amato. Ma setgħux jonqsu wkoll l-innu marċ *Sultana tal-Imġarr*, b'kompożizzjoni tiegħi u b'versi ta' Joe Julian, u l-innu tal-banda, b'mużika tal-Ex Surmast Mro Mario Testa u b'versi tal-Kavallier Ġorġ

Bianchi, li għalqu din l-akkademja memorabbli.

Min-naħa tiegħi din kienet esperjenza ferm sabiħa. Inħossni kburi li kont parti minn dawn l-għaxar snin ta' ħidma biex l-isem ta' din is-Soċjetà ferm għal qalbi jkompli jikber.

Minkejja l-isfidi kbar tal-pandemija, il-lezzjonijiet tal-mużika baqgħu għaddejjin b'mod virtwali. Nifraħ lil ħafna allievi li xorta wrew interess u determinazzjoni biex jitgħallmu strument tal-banda. Nieħu l-okkażjoni biex inħabbar li din is-sena ser ikollna mużiċist żagħżugħ ġdid mal-banda tagħna: Jake Farrugia fuq il-kurunata.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex din is-Soċjetà tkompli tikber. Grazzi kbira tmur lis-Segretarju, is-Sur Joseph Caruana, li għandu għal qalbu ħafna din is-Soċjetà u li tant jaħdem biex jaraha tikber u timxi 'l quddiem. Grazzi kbira oħra tmur ukoll lill-kumitat ċentrali kollu tal-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri, lill-għalliem is-Sur Charlie Pace u lill-familja tiegħi – Katya, Ema u Matthias – tas-sapport kontinwu li nsib mingħandhom. Fl-aħħar imma mhux l-inqas nirringrazzja lill-istudenti u l-bandisti li qed jistudjaw mas-Soċjetà. Dawn kollha jagħmluna kburin!

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nħeġġeġ lil kull min hu interessat biex jiġi għal-lezzjonijiet u jingħaqad magħna. Dawn isiru kull nhar ta' Tnejn ġewwa l-kunsill lokali tal-Imġarr.

Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif jixraq li jkollha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!




Mario Calleja
Crane Services
for Hire
Mob: 99265419




**Mosta Road, St. Paul's Bay**

**gorminabakery@gmail.com**



Minn qalbi nawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd
filwaqt li nixtieq
iktar suċċessi
lis-Soċjeta' Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema

**Dr. Sonia Consiglio**
Avukat u
Konsulent Legali

| | |
|---|---|
| Uffiċċini | 12, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Mgarr - MGR 1424 |
| | 92, Triq il-Ferrovija l-Qadima, St. Venera - SVR 9015 |
| Mobile | 9940 6207 |
| Email | avukat.consiglio@gmail.com |

# Ingħaqad mal-Banda
# Jake Farrugia - Kurunetta



Jake twieled fis-16 ta' Ġunju 2010 u joqgħod il-Mosta. Ħu Jake, Luka Paul, li għandu 8 snin, jitgħallem it-trumbetta mal-banda wkoll.

Jake jattendi l-Kulleġġ San Alwiġi u se jibda t-tmien sena. Is-suġġetti favoriti tiegħu huma l-Matematika, ix-Xjenza u l-Mużika. Jake minn dejjem wera interess fil-mużika. Ta' 6 snin hu beda jattendi l-iskola tal-mużika Johann Strauss, fejn tħarreġ taħt diversi għalliema. Fis-sena 2018 Jake beda jitħarreġ fil-kurunetta fi ħdan l-għaqda tagħna taħt is-Surmast Direttur Mro Tancred Grech. Minkejja l-problemi li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19 Jake ma qatax qalbu, tant li baqa' għaddej bl-istudji tiegħu u din is-sena se jkun qed jiddebutta mal-banda tagħna bħala bandist.

Minbarra l-mużika Jake għandu għal qalbu ħafna l-għawm u l-badminton.




# Għotja ta' Strument

Minn żmien għal żmien l-għaqda tagħna jkollha bżonn diversi strumenti mużikali biex l-allievi tagħna jkunu jistgħu jitħarrġu u jipprattikaw bihom.

L-emigranti Awstraljani ta' sikwit jaħsbu fina u jirregalawlna xi strument. Jim, Vickie u Charlie Muscat ta' Dumiemu tawna sax alto. Dan l-istrument qed jintuża minn wieħed mill-allievi tagħna.



*Charlie Muscat ta' Dumiemu*



*Il-koppja Jim u Vickie Muscat ta' Dumiemu*



*Is-sax alto li rregalawlna*

Ta' L-Ingliz
Fenkata Restaurant
59,
Triq il-Kbira,
Mgarr
Tel: 2157 4605
Mob: 7970 4489



PORTO
lounge
BEACH • BAR • RESTAURANT
DISCOVER A NEW LEVEL OF TASTE
BEACH | BAR | RESTURANT
FOR FURTHER INFORMATION OR TO BOOK
CALL +356 22895601 | EMAIL INFO@PORTOLOUNGE.COM.MT

K LOUNGE

bar and restaurant

*Delicious*

# FOOD TASTE







## ABOUT OUR RESTAURANT

K-Lounge situated at the Paradise Bay Resort in Cirkewwa, offers Turkish and Mediterranean dishes such as traditional Gozitan pizzas, wraps, pittas and doners within a relaxed friendly atmosphere and breath-taking views.

PARADISE BAY RESORT

Marfa Road Cirkewwa
MLH 9068 Malta

www.paradise-bay.com
+356 22895000

# *Innijiet u marċi proċessjonali li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2022*

| | |
|---|---|
| Innu tal-banda - **Marija Mtellgħa s-Sema** | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |
| Innu popolari - **Infaħħruk Dejjem** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joseph Caruana |
| Innu popolari - **L-Imġarr Iben Marija** | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ġanni Cilia |
| Innu marċ - **Sultana tal-Imġarr** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Innu marċ - **F'Jum il-Festa** | Mużika: Mary Cauchi<br>Arr. Victor Zammit<br>Lirika: Joe Sammut |
| Innu popolari - **Xbieha Ħelwa** | Mużika: Chris Sciberras<br>Lirika: Joseph Caruana |
| **Auxilium Christianorum** | Neville Pace |
| **Marcia Processionale N. 1** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale N. 2** | Ray Sciberras |
| **Marija Omm l-Imġarrin** | Ray Sciberras |
| **Regina del Cielo** | Ray Sciberras |
| **Sultana tas-Sema** | Andrew Calleja |
| **Warda tal-Imġarr** | Daniel Vella |
| **L-Assunta** | Alex Caruana<br>Arr. Simon Farrugia |
| **In Assumptione Beatae Mariae Virginis** | Adrian Sciberras |
| **Sultana tal-Ħolqien Kollu** | Tano Monseigneur |
| **Bl-Imħabba Tiegħek, Marija** | Tanya Schembri |
| **Assumpta Est Maria** | Luke Vella |
| **Lill-Patruna tal-Imġarrin** | Chris Sciberras |
| **F'Dik Ħarstek Ħanina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fil-Ħlewwa ta' Mejju** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fis-Santwarju tal-Madonna** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Innu ta' Fatima** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ismagħha l-Għanja** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Lil Marija Reġina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Madonna Sbejħa Tagħna** | Arr. Ray Sciberras |
| **O, Kemm Nixtieq Naraha!** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Angelus** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ave Maria** | Arr. Ronnie Debattista |

## *Marċi brijużi li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2022*

| | |
|---|---|
| **Karl** | Tancred Grech |
| **Martina** | Mauro Spiteri |
| **Stella Blu** | Wayne Bartolo |
| **Suona la Fanfarra** | Willie Attard |
| **10 Snin Anniversarju** | Chris Sciberras |
| **Mgarrio** | Daniel Vella |
| **Un Danse Orientale** | Luke Vella |
| **Tal-Lumu** | Hertian Gauci |
| **Maria Assunta** | Christopher Tanti |
| **Caserta** | Shaun Mifsud |
| **Leah u Jake** | Joe Miceli |
| **Binġemma** | Andrew Calleja |
| **Sharon** | Tancred Grech |
| **Taħbit ta' Qalbi** | Tanya Schembri |
| **Queen of Queens** | Andrew Coleiro |
| **Xibi l-Pa** | Ray Sciberras |
| **Valley of Roses** | Charles Zammit |
| **Millennium** | Andrew Coleiro |
| **Nigel** | Mario Testa |
| **Victory** | Vincenzo Ciappara |
| **Leona** | David Caruana |
| **Il-Bożen** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **Santos** | David Agius |
| **Coronation** | Joseph Azzopardi |
| **Sorrento** | Orazio Cachia |
| **The King** | Archibald Mizzi |
| **Kummissjoni Banda** | Ray Sciberras |
| **Moenchengladbach** | David Caruana |
| **Fiesta** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **Giovanni l-President** | John David Zammit |
| **Antoine ċ-Ċavett** | Elton Lee Abela |
| **Lorenza** | Hector Dalli |
| **Golden Jubilee** | Emanuel Bugeja |
| **Coronation** | Luigi Bongailas |
| **Benjamin** | Emanuel Bugeja |
| **Marċi u Bandalori** | Anthony Camilleri |
| **Los Reyes** | Carmel Borg |
| **100 Sena Fostna** | Joseph Galea |
| **Agrigento** | Andrew Coleiro |
| **Santa Marija tal-Imġarrin** | Kevin Abela |

*Surmast Direttur*
*Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*


J&J Gauci Granite LTD
Għal kull għażla ta' Granite, Irħam,
Travertine, Żonqor u Quartz. Isir ukoll xogħol
ta' pavimentar, bankini eċċ.
J&J Gauci Granite L.T.D.
2, Triq il-Fdal Puniku,
Mġarr, Malta MGR2461
Tel: +356 21570540,
Mob: +356 99473248, 99852783
Fax: +356 21525022
E-Mail:jjgauci@yahoo.com

# Il-Kunsillier **Clayton Gauci**



Jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin
kollha.



Kull min jixtieq jagħmel kuntatt ma' Clayton jista' jagħmel dan
fuq 9987 1185
jew claytongauci86@gmail.com

# Bejn Festa u Oħra

Joseph Caruana

Wara nuqqas ta' sentejn reġa' wasal iż-żmien li naraw minn xiex għaddiet l-għaqda tagħna, bejn festa u oħra. Din id-darba l-perjodu hu ferm itwal mis-soltu, peress li fis-snin 2020 u 2021 ma sarux festi esterni u għalhekk l-għaqda tagħna ma ppubblikatx il-ktieb annwali tagħha. L-isem ta' dan l-artiklu, "Bejn festa u oħra", hu ftit qarrieq ukoll għax m'iniex se nitkellem fuq dak li ġara bejn festa u oħra imma, biex inkunu preċiżi, dwar dak li seħħ bejn l-aħħar festa li ħadet sehem fiha l-banda tagħna u l-festa ta' din is-sena.



Wayne Bartolo, l-għalliem tas-sessjonijiet ta' apprezzament mużikali A Music Journey

Wara li għaddiet il-festa tas-sena 2019 issoktajna bl-attivitajiet biex niġbru l-aħħar ftit fondi biex nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-festa u nibdew naħsbu għal dik tas-sena 2020. Bdejna norganizzaw l-attivitajiet soċjali u komplejna bil-lezzjonijiet tal-mużika.

F'Ottubru 2019 Wayne Bartolo ngħaqad mal-iskola tal-mużika tagħna biex jibda jgħallem lit-tfal żgħar b'sessjonijiet ta' apprezzament tal-mużika msejħa A Music Journey.



Il-President tas-Soċjetà, is-Sur Giovanni Gatt, iżomm l-istandard waqt il-marċ li sar fit-toroq tal-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, patruna tal-mużika

Is-Sibt, 2 ta' Novembru 2019 ġiet organizzata pasta night fil-maħżen tal-knisja b'risq il-banda.




Poster tal-pasta night li saret is-Sibt, 2 ta' Novembru 2019

Fl-24 ta' Novembru l-President Giovanni Gatt attenda bl-istandard għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

Fil-21 ta' Diċembru 2019 ġie organizzat festin tal-Milied għat-tfal. Dakinhar tajna bħala rigal lit-tfal kollha li attendew bambin f'maxtura.






*Il-bambini li tqassmu lit-tfal li attendew il-festin tal-Milied organizzat għalihom*

*Il-poster li sar għall-festin tal-Milied tat-tfal*




*Poster tal-ikla li saret is-Sibt, 21 ta' Diċembru 2019*



*Uħud mit-tfal li jattendu s-sessjonijiet A Music Buzz fis-serata ta' Ġieħ l-Imġarr 2020*




*Il-poster uffiċjali maħruġ mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr għal Ġieħ l-Imġarr 2020*




*Poster tal-ikla li saret is-Sibt, 8 ta' Frar 2020*

Is-Sibt 21 ta' Diċembru 2019 fil-maħżen tal-knisja organizzajna l-ikla tal-Milied. Għal din l-attività kien mistieden Joe Demicoli.

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Frar 2020 ħadna sehem waqt is-serata Ġieħ l-Imġarr, imtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Din saret fis-sala tal-iskola tal-lokal. Il-banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Tancred Grech tellgħet programm sabiħ u mżewwaq. Waqt dan il-programm tajna ċans ukoll lit-tfal ċkejkna li jieħdu sehem fis-sessjonijiet ta' Music Appreciation biex huma wkoll iferrħu lill-udjenza.

Is-Sibt, 8 ta' Frar 2020 ġiet organizzata ikla oħra fil-maħżen tal-knsija.

Wara dan l-impenn il-banda kien imissha impenn ferm importanti, dak tat-tieni esperjenza tagħha barra minn xtutna, din id-darba bi programm mużikali fil-kappella paladina tal-Palazz Irjali f'Caserta. Din it-tieni safra tal-banda kienet bejn il-21 u l-25 ta' Frar 2020. Il-qofol ta' din il-mawra ntlaħaq nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2020 meta dakinhar il-banda tellgħet il-programm mużikali. Flimkien mal-banda ħa sehem il-kor tal-parroċċa Regina Coeli taħt it-tmexxija tas-Surmast Mary Cauchi. Il-banda Mġarrija kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha Tancred Grech. Waqt din iż-żjara fl-Italja kien hemm l-ewwel imwiet ikkawżati mill-COVID-19. Fil-fatt dakinhar stess li wasalna Napli bdiet tiġri l-aħbar li fin-naħa ta' fuq tal-Italja dan il-virus beda jinxtered b'mod allarmanti u beda jaħsad ħajjet



*Mro Tancred Grech jidderieġi ż-żewġ baned waqt il-programm li ttella' fil-Palazz Irjali ta' Caserta*



*Parti mill-grupp li akkumpanja l-banda fit-tieni safra tagħha, waqt eskursjoni li saret fil-Belt tal-Vatikan*



*Il-grupp li attenda mal-banda fit-tieni safra tagħha*



*Is-Sinjorina Claudine Muscat tippreżenta l-programm mużikali f'Caserta*

in-nies bl-addoċċ. Tistgħu timmaġinaw it-tensjoni li bdejna nħossu. Ma rridux ninsew li din il-pandemija kienet għadha fil-bidu wisq u qajla konna nafu dwarha. Minkejja dan kollu komplejna bil-programm tal-mawra kif kien ippjanat, u minbarra li ħadna pjaċir flimkien għamilna unur lill-Imġarr u lil Malta bil-programm impekkabbli li tellajna. Flimkien mal-banda tagħna ħadet sehem ukoll il-banda Prinċipessa Jolanda ta' Mathi.

Ftit jiem wara li wasalna Malta bandisti tal-post tagħna ngħaqdu ma' dawk tal-Banda Birżebbuġa biex tellajna programm f'Birżebbuġa bħala parti minn proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ. Dan kien nhar is-Sibt, 29 ta' Frar 2020.



*Is-Surmast Tancred Grech jidderieġi l-banda waqt il-programm mużikali fis-sala tal-iskola ta' Birżebbuġa*




*Il-poster li sar fl-okkażjoni tat-tieni safra tal-banda Mġarrija*



*Maskli bl-emblema tas-Soċjetà li saru fi żmien il-pandemija*

Xi ġranet wara feġġew l-ewwel każi tal-COVID-19 f'Malta wkoll u l-pajjiż waqaf. Ġie dikjarat stat ta' emerġenza u daħlu fis-seħħ diversi restrizzjonijiet. Il-lezzjonijiet tal-mużika kellhom jieqfu ħesrem sakemm ftit wara ssoktaw online.

Ħafna kienu qed jaħsbu li ftit jiem u jiġi kollox għan-normal, però kienu mqarrqa għax għaddew iktar minn sentejn u għalkemm bdejna resqin għan-normalità, għadna ma ġejniex kif konna qabel Frar 2020.

M'għandniex xi ngħidu, il-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet esterni laqqtuha sew minħabba r-restrizzjonijiet, u aħna d-dilettanti kellna nastjenu mid-delizzju tagħna. Żmien iebes li fih ħadna daqqa 'l isfel fil-finanzi. Filwaqt li bqajna nħallsu l-commitments li kellna, ma bdejna ndaħħlu xejn għajr xi għajnuniet li ta l-gvern lill-baned biex jgħinna ma nżarmawx. Minbarra li batejna finanzjarjament, tlifna ħafna voluntiera u allievi u bandisti.

F'Awwissu ta' dik is-sena ma saritx il-festa bħas-soltu. Kulma kien permess li jsir kien il-quddiesa tal-festa. Din kienet grazzja għax għal xhur sħaħ il-knejjes kienu miftuħa biss għat-talb privat u t-tqarbin kien remot. Il-quddies kien jixxandar fuq it-televiżjoni u t-tqarbina tax-xewqa ħadet post it-tqarbin bil-ħobż u l-inbid.



*Is-Segretarju Ġenerali Joseph Caruana jirċievi għotja mill-Onor. Ministru Owen Bonnici biex jitwettaq proġett finanzjat mill-Arts Council Malta*

Wara l-festa tal-2020 bdejna naħsbu li fis-sena 2021 konna se nkunu normali u se niċċelebraw l-10 anniversarju mit-twaqqif tal-banda b'festi kbar.



*Il-garaxx li ġie akkwistat b'kera*

F'Ottubru 2020, wara diversi diskussjonijiet, akkwistajna b'kiri garaxx mill-Awtorità tad-Djar biex jintuża bħala maħżen għall-għaqda tagħna. Dan jinsab f'kumpless ta' garaxxijiet li jinsabu ż-Żebbiegħ, fejn fl-antik kien hemm barriera.

Biex insostnu ruħna u nibqgħu għaddejjin applikajna biex nieħdu diversi fondi minn skemi differenti. Imnalla kienu dawn il-proġetti biex bqajna mexjin. Permezz ta' fondi tal-Unjoni Ewropea fi Frar 2021 lestejna l-proġett Binġemmafest. Permezz ta' dan il-proġett xtrajna tinda kbira, li ntramat fil-bitħa tal-każin għall-attivitajiet, numru ta' siġġijiet, għamilna polo shirt bl-arma tal-għaqda biex jintuża mill-bandisti fis-sajf, u anke xtrajna numru ta' iPads biex inkunu l-ewwel u l-unika għaqda mużikali paperless, billi fil-programmi tal-banda ndoqqu permezz tal-



*Debra waqt il-filming tal-programm mużikali li ttella' fil-Binġemmafest*

iPads minflok nużaw il-karti tal-mużika tradizzjonali. Bħala parti mill-proġett ittellgħet attività li xxandret virtwalment. Din l-attività, imsejħa Binġemmafest, kienet tikkonsisti f'kunċert tal-banda u feature dwar il-kappella ta' Binġemma, il-Victoria Lines u n-niċċa ta' Binġemma. Peress li dik is-sena s-serata Ġieħ l-Imġarr ma saritx minħabba l-pandemija, il-premier ta' dan il-filmat Binġemmafest sar dakinhar tal-ewwel Ħadd ta' Frar 2021, il-jum li fih is-soltu jkollna Ġieħ l-Imġarr.

Proġett ieħor li ħadna kien taħt l-iskema Small Initiatives Scheme. Dan kien imsejjaħ Flimkien Lejn l-10. L-għan tiegħu kien li nagħtu bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-10 anniversarju tal-banda. Wara tibdil li sar fil-proposta oriġinali ta' dan il-proġett, għamilna konkors biex intgħażel il-logo uffiċjali tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-



*Il-kantanta Dorcas Debono waqt ir-recording tal-vuċi tas-song Snin ta' Suċċess*




*Wieħed mill-iPads li żżanżnu waqt Binġemmafest*




*Il-proġett Binġemmafest taħt l-iskema Leader b'fondi tal-Unjoni Ewropea*




*Il-poster li sar għall-konkors tal-logo tal-10 anniversarju*




*Il-logo rebbieħ tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-banda*



*Waqt l-iffilmjar tal-video tal-music video Snin ta' Suċċess fit-3 ta' Marzu 2021*



*Il-labarda tal-istandard tal-10 anniversarju*

banda. Intgħażel dak li ssottometta l-artist Għawdxi George James Cutajar Zahra. L-istess artist ħadem l-istandard tal-10 anniversarju. Ix-xogħol fuq il-labarda ta' dan l-istandard sar mis-Sur Twanny Zammit ta' Ħal Qormi u tħallset mis-Sinjuri Jimmy u Maria Vella.

Parti oħra mill-istess proġett kienet il-music video *Snin ta' Suċċess*. Il-versi tas-song inkitbu mill-awtur Joe Julian Farrugia filwaqt li l-mużika u r-recording saru mis-Surmast Paul Abela. Dorcas Debono kantat din is-song sabiħa. Il-filmati saru minn Audiovisual.

Peress li ma stajniex norganizzaw attivitajiet soċjali bdejna norganizzaw attivitajiet bid-delivery. Dawn għenu ftit biex inkomplu ndawru r-rota.

Fit-8 ta' Marzu 2021 Dr Alicia Said inħatret kaxxiera tal-għaqda. Ftit jiem wara Christopher Tanti rriżenja minn assistent surmast u għalliem tat-teorija. L-Assistent Surmast Mauro Spiteri ħa ħsieb ikompli jgħallem it-teorija hu.



*Il-President Giovanni Gatt jirċievi l-grant agreement tal-proġett 10 Snin Impenn Mużikali*

Proġett kbir li wettaqna b'suċċess bla ebda dubju kien 10 Snin Impenn Mużikali, proġett li ġie ffinanzjat mill-VOPS, proġett li ħadt ferm pjaċir noħlom, nippjana u nwettaq flimkien ma' sħabi. Dan il-proġett żgur se jibqa' msemmi għal tul ta' żmien. Dan il-proġett bażikament

kien jinkludi konkors ta' marċi brijużi, ir-recording ta' sett marċi brijużi u innijiet u mużika li ndaqqet waqt l-akkademja tal-10 anniversarju, akkademja mużikali u ktieb bl-istorja tal-banda, proġett b'ħidma kbira u ħafna pjanar. L-ewwel ma sar kien il-konkors tal-marċi brijużi. Ir-rebbieħa tal-konkors kienu Chris Sciberras, Daniel Vella, Luke Vella, Hertian Gauci u Christopher Tanti. Wara l-għażla tal-marċi rebbieħa saret għażla ta' marċi mill-arkivju biex ġiet irrekordjata CD tal-marċi brijużi. Dan ir-recording sar nhar is-Sibt, 17 t'April 2021 f'Montekristo.

Tlett ijiem wara fl-istess post irrekordjajna sett ta' marċi funebri. (Dawn ma kinux parti mill-proġett 10 Snin Impenn Mużikali.)

Nhar is-Sibt, 22 ta' Mejju 2021 fis-Sala tal-Komunità, il-Mosta ġew irrekordjati l-innijiet u l-mużika tal-akkademja. Dakinhar ġiet irrekordjata l-banda filwaqt li l-kor u s-solisti ġew irrekordjati jiem wara fi studio.

Il-pjan oriġinali kien li l-akkademja tal-10 anniversarju ssir f'Ottubru 2021. Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID iddeċidejna li nagħmluha fis-sajf biex ikun possibbli ssir barra. Kien għalhekk li ntgħażel il-jum tas-16 ta' Awwissu 2021. F'xahar ridna niffinalizzaw kollox. Hawn ma nistax ma napprezzawx il-ħidma li wettaq t-tekniku tal-awdjo Alan Schembri biex laħħaq kollox sad-data l-ġdida biex stajna nagħmlu t-tnedija tas-CD waqt l-akkademja tas-16 t'Awwissu 2021.



Il-poster tal-konkors tal-marċi brijużi



Stedina għall-akkademja 10 Snin Impenn Mużikali



Il-poster uffiċjali tal-akkademja mużikali 10 Snin Impenn Mużikali


It-tekniku tal-awdjo s-Sur Alan Schembri waqt wieħed mir-recordings f'Montekristo


Dehra taz-zuntier ippreparat qabel bdiet l-akkademja mużikali





*Il-banda waqt ir-recordings li saru f'Montekristo*



Peress li sar tibdil fid-data, min kien inkarigat li jikteb l-istorja tal-każin ma setax iwettaq dan ix-xogħol u għalhekk jien ħadt l-inkarigu u minn qalbi ktibt l-istorja tal-10 Snin Impenn Mużikali – l-istorja tal-banda Mġarrija.

Is-Sibt, 18 ta' Lulju 2020 saret l-unika attività soċjali tas-sena fil-parkeġġ tal-każin.




*Il-poster tal-ikla li saret is-Sibt, 18 ta' Lulju 2020*

Beda joqrob sew iż-żmien u saru l-ewwel provi bi preparazzjoni għal din l-akkademja.

Sebaħ il-jum tat-Tnejn, 16 ta' Awwissu 2021, il-jum li se jibqa' marbut ma' qalbna. Id-direzzjoni kienet li ridna kollox l-aħjar possibbli, u rnexxielna. Il-banda, taħt it-tmexxija tas-Surmast bravu tagħna, ferrħet lill-udjenza bl-għażliet mużikali. Il-mużika li ndaqqet hi kollha propjetà assoluta tagħna. Il-qofol intlaħaq meta l-banda daqqet għall-ewwel darba l-innu l-kbir *Imbierka s-Sema*, li għandu lirika ta' Joe Julian Farrugia u kompożizzjoni tas-Surmast Ray Sciberras. Waqt din l-akkademja ħadu sehem is-Sopran Clare Caruana, it-Tenur Georg Zammit, il-kor tal-parroċċa Repina Coeli, immexxi mis-Surmast Mary Cauchi, u l-kor Cappella Musicale Caeciliana, immexxi mis-Surmast Abraham D'Amato. Is-Sinjorina Claudine Muscat ippreżentat is-serata. Waqt din l-akkademja ġiet imnedija s-CD doppja u l-ktieb bl-istorja tal-għaqda. Saru wkoll xi preżentazzjonijiet, fosthom standard tal-Unjoni Ewropea mis-Sur Giovanni Gatt, standard tar-reġjun tat-Tramuntana mill-president tar-reġjun u marċ brijuż iddedikat lil Santa Marija f'għeluq il-mitt sena mill-miġja fostna, regalat mill-kuġini Mons. Alfred Vella u Mons. Edgar Vella. Dakinhar preżentajna s-somma




*Il-banda waqt l-akkademja mużikali 10 Snin Impenn Mużikali*

ta' €500 lill-parroċċa biex tkopri parti mill-ispejjeż tal-mant ta' Santa Marija.

Is-serata kompliet tiżżewwaq bi spettaklu ta' dwal u projections li żgur paxxew lil dawk li attendew.

Lejlet il-festa, nhar is-Sibt, 21 t'Awwissu 2021 kellna żjara mill-Onor. Ministru Ian Borg, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, li ħabbar li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien se jeżerċita x-xewqa tal-Imġarrin u kien se jidħol biex iwettaq il-proġett tal-każin.





*L-Onor. Ministru Ian Borg waqt iż-żjara li għamel fil-każin lejlet il-festa*

*L-Onor. Ministru Ian Borg jiġi intervistat mill-ġurnalista ta' One TV hekk kif ħabbar il-proġett tal-każin*



*Waqt ir-recording tal-innijiet mill-banda fis-Sala tal-Komunità tal-Mosta*





*Is-Surmast Tancred Grech waqt il-prova ġenerali tal-akkademja mużikali*




*Il-ktieb 10 Snin Impenn Mużikali bl-istorja tal-banda Mġarrija, miktub minn Joseph Caruana*

Nhar il-festa, il-Ħadd, 22 ta' Awwissu 2021 konna mistiedna fuq Radju Santa Katerina biex nitkellmu fuq il-banda u l-festa. Dakinhar ukoll attendejna għall-quddiesa tal-festa fil-knisja parrokkjali. Festi esterni ma kienx permess li jsiru minħabba l-pandemija.

Is-Sibt, 2 ta' Ottubru 2021 il-banda ħadet sehem waqt il-Festival tal-Baned u n-Nar, organizzat mir-Reġjun tat-Tramuntana. Dan sar fil-pjazza tal-Imġarr. Il-banda tagħna kienet taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Mauro Spiteri.

F'Ottubru wkoll komplew il-lezzjonijiet tal-mużika fil-kunsill lokali u bdejna nippreparaw biex intellgħu kunċert tal-Milied bit-tfal u l-allievi. Dan il-kunċert sar fil-knisja ta' Sant'Anna fiż-Żebbiegħ u dakinhar tajna presepju żgħir lill-parteċipanti.

F'Diċembru 2021 fil-knisja ta' Sant'Anna fiż-Żebbiegħ tellajna s-serata Milied Flimkien. Waqt din l-attività tal-Milied ipparteċipaw il-bandisti u l-allievi tal-għaqda flimkien mat-tfal li jattendu s-session A Music Journey.



*Is-Surmast Tancred Grech waqt il-programm fuq Radju Santa Katerina*



*Il-banda waqt il-Festival tal-Baned u n-Nar, organizzat mir-Reġjun tat-Tramuntana*




*Posters li ttellgħu fuq il-midja soċjali biex iħajru tfal u żgħażagħ jitgħallmu l-banda*






*L-udjenza waqt is-serata Milied Flimkien*





*Uħud mill-parteċipanti waqt is-serata Milied Flimkien flimkien mal-għalliema tagħhom*



*Il-presepju li ngħata b'tifkira lill-parteċipanti kollha tas-serata Milied Flimkien*



*Waqt waħda mill-provi li saru fit-tinda armata fil-parkeġġ tal-każin biex inħejju għall-kunċert Milied Flimkien*

Nhar it-22 ta' Marzu 2022 tnediet is-CD doppja tal-marċi funebri. Dawn il-marċi kienu wkoll disponibbli fuq USB pen drive.




*Il-poster li sar biex jirreklama t-tnedija tas-CD tal-marċi funebri*




*Is-CD u l-USB drive tas-sett ta' marċi funebri li rrekordjat is-Soċjetà*

Fis-6 t'April 2022 l-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-permess tal-proġett tal-każin.

L-attivitajiet bid-delivery komplew bil-mod il-mod. F'Ġunju 2022 is-Sur Mark Edward Mifsud inħatar kaxxier tal-għaqda.

F'Marzu u April indaqqu l-marċi brijużi u funebri li rrekordjat l-għaqda tagħna fuq One Radio u Radju Malta fil-programm Marċifest u fil-programm Marċi u Bandalori fuq Net FM.




*Il-poster li rreklama li l-marċi tal-għaqda tagħna se jixxandru waqt il-programm Marċifest fuq Radju Malta*

Proġett ieħor li ħadna permezz tas-SIS kien imsemmi Infaħħruk bil-Kant, Marija. Dan kien jikkonsisti f'konkors ta' marċi proċessjonali, ir-recording tagħhom u sett libretti ġodda b'dawn l-innijiet. Ir-recording ta' dawn il-marċi sar nhar is-Sibt, 11 ta' Ġunju 2022 u s-CD se titnieda waqt il-programm mużikali li l-banda se tagħmel nhar it-Tlieta, 16 t'Awwissu 2022. Ir-rebbieħa tal-konkors kienu Adrian Sciberras, Chris Sciberras, Tano Monseigneur u Luke Vella.




*Il-poster li rreklama l-ikla li saret fil-parkeġġ tal-każin nhar is-16 ta' Lulju 2022*




*Il-poster tal-konkors tal-marċi proċessjonali*

L-ewwel attività li ġiet organizzata wara nuqqas twil kienet dik tas-Sibt, 16 ta' Lulju 2022. Din saret fil-parkeġġ tal-każin. Waqt din l-ikla Joe Demicoli kien il-mistieden speċjali u ferraħ l-udjenza.



*It-tekniku tal-awdjo Alan Schembri waqt ir-recording tas-CD bil-marċi proċessjonali*

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Lulju 2022 il-banda tagħna għamlet servizz mużikali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp, il-Kalkara, filwaqt li l-Erbgħa, 27 ta' Lulju 2022 daqqejna marċi brijużi għall-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija.



*Il-banda waqt ir-recording tal-marċi proċessjonali fiż-Żurrieq*




*Il-poster tas-servizz mużikali li sar fil-festa ta' San Ġużepp, il-Kalkara*










*Attivitajiet li ġew organizzati bid-delivery jew take away*

Żewġ proġetti oħra li ħadna kienu wkoll finanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-fond Leader. Wieħed minn dawn kien il-proġett Mġarr Goes Mobile. Permezz ta' dan il-proġett il-banda tagħna se tkun l-ewwel għaqda mużikali li jkollha mobile app. Din l-app se tintuża biex tiffaċilita s-sejħa tal-bandisti għas-servizzi kif ukoll se tagħti tagħrif dwar l-attivitajiet li se nkunu qed norganizzaw. Permezz ta' din l-istess app il-Kunsill Lokali se jkun jista' jwassal notifiki lir-residenti. Din l-app se toffri wkoll lista tad-ditti u s-servizzi mogħtija fl-Imġarr. Din l-app inħadmet mis-Sur Fredrick Muscat.

Proġett ieħor huwa dak imsejjaħ Decorations and Tunes. Permezz ta' dan il-proġett xtrajna sett tubular bells uniċi tax-xorta fil-gżejjer



*Id-disinn tal-kolonna monumentali ta' Santa Marija*



*L-abbozz tal-istatwa ta' Santa Marija*



*Waqt diskussjoni bejn l-artist George James Cutajar Zahra u l-mastrudaxxa Anthony Galea*

Maltin. Dawn se jiżżanżnu waqt il-programm mużikali li se nagħmlu fis-16 t'Awwissu 2022. Bil-fondi ta' dan il-proġett iffinanzjajna l-ewwel stadju tal-kolonna tal-vara ta' Santa Marija, li se tibda tintrama fil-pjazza fil-jiem tal-festa. Saret ukoll bradella għall-istess statwa. Id-disinji saru mill-artist Għawdxi George James Cutajar Zahra waqt li l-mastrudaxxa li qed jaħdem dan ix-xogħol hu Għawdxi wkoll, is-Sur Anthony Galea. Il-kolonna, il-bradella, kif ukoll l-istatwa se jiżanżnu fil-festa tas-sena d-dieħla.



*L-iskultur Michael Cutajar Zahra jħares lejn l-abbozz ta' Santa Marija*

It-tliet proġetti finanzjati mill-UE li semmejt, jiġifieri Binġemmafest, Mġarr Goes Mobile u Decorations and Tunes, kollha gawdew ukoll cofinancing mill-NGO Cofinancing Fund.

L-għaqda tagħna gawdiet ukoll minn fondi tal-Aġenzija Żgħażagħ biex koprejna parti mill-ispejjeż tal-għalliema.

Għalkemm ma sarux festi f'dawn is-sentejn naħseb taqblu miegħi li xorta bqajna għaddejjin u għamilna dak kollu li stajna, bil-limitazzjonijiet kollha u l-problemi kollha li ffaċċjajna biex bqajna għaddejjin, u b'kuraġġ inħarsu 'l quddiem biex ma ndumux ma nerġgħu nibdew ingawdu n-normalità. Issa li ninsabu fuq l-għatba tal-festa ta' Santa Marija ħejjejna programm bil-għaqal biex nżommu bilanċ bejn in-nefqa u dak meħtieġ, biex b'hekk ikun possibbli li niċċelebraw festa xierqa. F'din il-festa b'sodisfazzjon ngħid li se jiddebutta bandist ġdid mal-banda. Dan jagħmlilna kuraġġ għax juri li l-għaqda tagħna qed tagħti l-frott.

Inħeġġiġkom biex kif dejjem għamiltu tibqgħu tgħinuna u ssostnu din l-għaqda tagħkom l-Imġarrin. Nappellalkom biex tissieħbu magħna u tattendu l-attivitajiet li norganizzaw. Mingħajr l-għajnuna tagħkom ma nistgħux inkomplu nwettqu l-pjanijiet tagħna. Għalhekk hu dover ta' kull wieħed u waħda minna li nagħtu dak li nistgħu, il-ftit mingħand il-ħafna.

Dak kollu li sar kien possibbli għax ridtu intom. Ta' dan nirringrazzjakom.

Jalla l-patruna tagħna Santa Marija tpattilkom ta' dak kollu li għamiltu u li tagħmlu mal-għaqda tagħna biex inkomplu nagħmlu ħafna ġid lill-komunità Mġarrija.

# It-Tieni Safra tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

**Joseph Caruana**

Għalkemm is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr twaqqfet biss 8 snin ilu, din l-għaqda diġà kellha bosta suċċessi u daqqet f'bosta lokalitajiet fil-gżejjer Maltin. Mhux biss, fis-sena 2018 il-banda kellha l-ewwel safra tagħha, fejn kienet mistiedna mill-Komun ta' Mathi, li jifforma parti mill-provinċja tal-Piemonte u l-belt metropolitana ta' Turin, biex tagħmel servizz f'dan ir-raħal flimkien mal-banda tal-lokal. L-okkażjoni kienet is-siġill tal-ġemellaġġ li għandhom iż-żewġt irħula.



*Ritratt tal-okkażjoni meħud wara l-kunċert li sar fil-Palazz Irjali ta' Caserta, fl-24 ta' Frar 2020. Fir-ritratt tidher il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema flimkien mal-Kor Regina Coeli u mal-membri tal-kumitat eżekuttiv, is-Sindku u l-kunsilliera tal-Imġarr*

Il-ħbiberija bejn iż-żewġ lokalitajiet, u naturalment bejn il-baned tagħhom, baqgħet tikber u tissaħħaħ. Tant hu hekk li fuq stedina tal-Banda Principessa Yolanda ta' Mathi l-banda Mġarrija kellha l-okkażjoni li tagħmel programm fil-Cappella Palatina tal-Palazz Irjali ta' Caserta, binja ta' importanza kbira li hi patrimonju dinji tal-UNESCO. Dan il-mument żgur ser jibqa' mfakkar fl-



*Ritratt tal-grupp li akkumpanja l-banda Mġarrija fil-mawra li għamlet l-Italja. Ir-ritratt hu meħud quddiem il-Palazz Irjali ta' Caserta*

istorja taż-żewġ baned. Flimkien mal-banda Mġarrija ħa sehem ukoll il-Kor Regina Coeli tal-Imġarr.



*Mro Tancred Grech jidderieġi l-banda Mġarrija flimkien ma' dik ta' Mathi, fit-tielet parti tal-programm waqt li l-Kor Regina Coeli kien qed ikanta l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija*

Grupp sabiħ ta' Mġarrin u ħbieb akkumpanjaw lill-banda f'din iż-żjara li għamlet fil-provinċja ta' Campania. Il-qofol ta' din is-safra ntlaħaq, bla ebda dubju, nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2020, il-jum tal-programm fil-Palazz Irjali. Il-preparamenti kienu ilhom għaddejjin xhur u l-istennija kienet waħda kbira ħafna. Mill-ewwel deher li kien se jkun mument impekkabbli. Waqt il-provi kien jidher entużjażmu kbir, kemm mill-bandisti kif ukoll mis-solisti u mill-koristi li taħt id-direzzjoni tas-surmastrijiet tagħhom għamluna tassew kburin.

Sebaħ il-jum tat-Tnejn, 24 ta' Frar 2020 u wara li l-kontinġent Malti ħa l-kolazzjon reħielha lejn Caserta, ftit kilometri 'l bogħod mill-post fejn konna qed noqogħdu f'din iż-żjara. Mal-wasla għamilna dawra fil-Palazz Irjali biex norjentaw ruħna. Kulħadd baqa' impressjonat b'li ra u xtaq li jagħmel dak kollu possibbli biex kollox imur kif mixtieq. Kmieni waranofsinhar saret prova ġenerali tal-programm, bis-sehem tal-kor u l-banda Taljana. Il-ħin tat-3.30 pm beda joqrob u f'ħakka t'għajn il-Cappella mtliet bin-nies li ġew biex jaraw dan il-kunċert.



*Is-Sindku tal-Imġarr is-Sur Paul Vella jippreżenta tifkira lis-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana*

Kif kien ippjanat, il-kunċert beda fit-3.30 pm. Dan il-kunċert kien preżentat mill-Imġarrija Claudine Muscat. Il-programm kien maqsum fi tliet partijiet. Fl-ewwel parti daqqet il-banda Mġarrija, fit-tieni parti l-banda ta' Mathi u fl-aħħar parti daqqew iż-żewġ baned flimkien. Il-Banda

Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr fetħet dan il-programm bl-innu popolari Infaħħruk Dejjem, li għandu lirika ta' Joseph Caruana u mużika tas-Surmast Tancred Grech. Dan l-innu tkanta mis-Soprano Pauline Vella. Wara l-banda daqqet diversi xogħlijiet oħra, fosthom La Vergine degli Angeli, fejn kienet akkumpanjata wkoll mill-kor, it-talba Ave Maria, xogħol il-kompożitur Malti Joseph Fenech, Benediction, Amazing Grace u Abide with Me. Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr kienet immexxija mis-Surmast Direttur Tancred Grech filwaqt li l-Kor Regina Coeli kien taħt it-tmexxija tas-Surmast Mary Cauchi.



*Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tiġi ppreżentata bi standard tal-Italja biex ifakkar ir-rabta li din l-għaqda għandha ma' dan il-pajjiż u ż-żewġ safriet li għamlet fl-Italja fis-sena 2018 u din is-sena*

Wara li l-Banda Principessa Yolanda ta' Mathi daqqet fit-tieni parti, iż-żewġ baned reġgħu ngħaqdu flimkien għat-tielet parti. F'din il-parti l-banda Mġarrija għażlet li jindaqq l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija, fejn għal darb'oħra ħa sehem il-kor.

Għal din l-okkażjoni nħadem ukoll programm ta' tifkira biex jibqa' mfakkar



*Dehra tal-udjenza u l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr fil-Cappella Palatina tal-Palazz Irjali waqt il-kunċert*

dan l-avveniment. Waqt il-programm kien hemm ukoll diskorsi tal-okkażjoni missindki ta' Mathi u tal-Imġarr kif ukoll minn rappreżentanti taż-żewġ baned.

Filgħaxija ġiet organizzata ikla flimkien. Waqt din l-ikla sar skambju ta' rigali bejn il-partijiet. Il-banda Mġarrija ġiet ippreżentata bi standard tal-Italja biex jibqa' mfakkar li din il-banda żagħżugħa għandha rabtiet ma' dan il-pajjiż, kif ukoll biex jikkommemora ż-żewġ żjarat li l-banda Mġarrija għamlet fl-Italja.

***Nota editorjali***

Sakemm ġejna biex nippubblikaw dan l-artiklu għaddew ftit iktar minn sentejn, peress li minħabba l-pandemija tal-COVID-19 din il-pubblikazzjoni ma saritx għal sentejn wara xulxin. Minn dakinhar ta' din is-safra sal-lum ħallietna persuna li kienet magħna waqt din iż-żjara memorabbli. Qed nirreferi għas-Sur Joe Sammut. Nitlobkom sabiex tiftakru fih fit-talb tagħkom.




*Il-programm ta' tifkira li tħejja apposta*

M.A.V.
SUPPLIES

*Shop 5,*
*Triq Magħkuba*
*Mġarr*
*Tel: 2157 4794*

# We've got you covered on all fronts

## Check out our insurance range




## Melanie Bezzina

Tied Insurance Intermediary for Citadel Insurance p.l.c.

Ciapella Enterprises, Triq Fisher, Mġarr, MĠR 1522

99834083

mbezzina3@gmail.com

Mon-Fri: 9am-12pm; 4pm-6pm

Motor • Home • Travel
Marine • Health • Business

Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised under the Insurance Business Act Cap 403 to carry on general and long term business of insurance and Melanie Bezzina is enrolled under the Insurance Distribution Act, Cap 487, to carry out tied insurance intermediary activities for Citadel Insurance p.l.c. Both are regulated by the Malta Financial Services Authority.

Citadel insurance




**At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:**
**Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.**

**We represent the following brands:**

ALLMAKES 4X4 • ASHCROFT TRANSMISSIONS • ARB AIR LOCKER • BEARMACH PLC • BF GOODRICH TYRES • BRITPART • DETROIT LOCKER • EQUIPE • EXMOOR TRIM • GENERAL TYRES • GOODRIDGE • HI-LIFT • K&N PERFORMANCE FILTERS • MACH 5 WHEELS • MANTEC • MUD STUFF • PRO COMP • RING AUTOMOTIVE • SAFARI • SILVERSTONE TYRES • T-MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • TERRAFIRMA • TIBUS OFFROAD ENGINEERING • WARN

Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: **2157 4615 / 2157 2504** Email: **adrian@ciapella.com**
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: **2141 4441** Fax: **2141 6837** Email: **info@ciapella.com**

Centric Computers

**Computer & Laptop Repairs**
**Network Setups**
**Display and Audio**
**Cables and Peripherals**
**Custom PC Builds**
**Input / Output Devices**
**VHS to DVD/USB Conversions**
**Printer Setups & Inks**

1, Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar
T: 2157 4001 M: 7746 9333
F: @Centric Computers

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema







# It-Tlugħ tal-Verġni Mbierka fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem



**Joe Chetcuti – preżentatur tal-programm *Marċi u Bandalori* fuq Net FM**

Forsi xi ħadd isaqsi u jgħid "Imma aħna l-bnedmin dgħajfa u midinbin nistgħu nipparagunaw ruħna mal-Verġni Marija fit-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem?"

Qabelxejn ngħidu illi huwa tagħlim tal-Knisja Kattolika illi meta din id-dinja kif nafuha aħna tispiċċa u l-aħħar bniedem imut, il-bnedmin kollha minn Adam sal-aħħar bniedem jiltaqgħu f'post bir-ruħ u l-ġisem sabiex l-Imħallef Etern jagħmel ħaqq minnhom. Dan fil-fatt inkunu ngħidu meta nirreċitaw il-Kredu u ntennu: "Nemmen fil-qawma mill-imwiet." Għad jiġi jum illi aħna d-devoti ta' Marija, l-istess bħalha, nitgħollew lejn is-sema bir-ruħ u l-ġisem, imma l-ġisem tagħna ma jkunx iżjed debboli, mimli imperfezzjonijiet, tqil u marradi, imma jkun ġisem glorjuż ħafif illi jgħaddi minn kullimkien bħallikieku mhux ġisem. Ikun l-istess bħalma huwa l-ġisem tal-Madonna issa li hija fis-sema.



*Il-kwadru titulari ta' Marija Mtellgħa s-Sema, li nsibu fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr, xogħol Lazzru Pisani*

Le, f'dik li hija glorja u setgħa ma nistgħux nipparagunaw lilna nfusna mal-Madonna fl-assunzjoni tagħha fis-sema wara l-Ġudizzju Universali. Il-merti personali tagħna huma żgħar wisq u l-merti tal-Madonna kienu kbar wisq. Hekk qalilha l-Anġlu Gabrijel meta kellimha fit-tħabbira tiegħu ġewwa Nazaret. "Int mimlija bil-grazzja," qalilha l-anġlu, "u mbierka int fost in-nisa kollha." Anzi nistgħu ngħidu illi l-Madonna mhux biss hija mimlija bil-grazzja imma fawwara

ta' grazzja, u minħabba din il-milja ta' grazzja aħna, imsejkna bnedmin, nistgħu nakkumulaw xi ftit tal-merti għas-sema.

Il-Verġni Marija, li tkun għalina 'Bieb tas-Sema' u port tas-salvazzjoni, għenitna biex insalvaw kif ukoll tkun magħna u tifraħ meta binha Ġesù jaċċettana biex nidħlu ngawduh fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Issa kif nafu bil-qawma mill-imwiet, kif ngħidu fil-Kredu? Kristu stess qalilna illi malajr wara d-diqa ta' dak iż-żmien ix-xemx tiddallam u l-qamar ma jagħtix dawlu, il-kwiekeb jaqgħu mis-sema, imbagħad jidher fis-sema s-sinjal ta' Bin il-Bniedem, u jaraw lil Bin il-Bniedem ġej fuq is-sħab tas-sema b'setgħa u sebħ kbir. U jibgħat l-anġli tiegħu bi tromba li żżarżar bil-qawwa u jisimgħu l-maħturin mill-erbat irjieħ minn tarf is-sema.

Ġesù jkompli jitkellem fuq Jum il-Ħaqq u jgħid: "Meta jiġi Bin il-Bniedem fil-glorja kollha tiegħu u l-anġli kollha miegħu, jinġemgħu quddiemu l-bnedmin kollha tal-art u jifridhom minn xulxin bħalma ragħaj jifred il-ħrief mill-gidien. Biex inkunu devoti ta' Marija bis-serjetà, il-festi esterni mhumiex biżżejjed. Il-banda, il-ħruq tan-nar, it-tiżjin fit-toroq u l-kant tal-innijiet jistgħu jgħinu ħafna, imma l-importanti huwa l-ispiritwali. Il-Madonna tgħinna sabiex inkunu n-naħa tal-lemin tagħha meta l-ġisem jerġa' jingħaqad ma' ruħna, u dan iseħħ jekk f'ħajjitna nagħmlu biss dak li jrid binha Ġesù u hi stess. Għaldaqstant Marija mhux biss tkun parti mill-ħajja tagħna imma l-ħajja tagħna kollha kemm hi. Għad-devoti Nsara l-festa tal-Assunta, Santa Marija, ma għandhiex tkun biss fil-15 ta' Awwissu, imma tkun kuljum, lejl u nhar, is-sena kollha. San Bernard ma kellu l-ebda dubju fuq dan, u mingħajr tlaqliq qal: "Ma hemm ħadd fis-sema illi ma kienx devot ta' Marija u ma hemm ħadd fl-infern illi kien devot ta' Marija." San Bonaventura fl-innu ta' tifħir lill-Madonna jgħid hekk: "Omm kbira tal-Maestà Divina, Omm illi tajt verament lid-dinja s-Sultan tas-sema, inti s-sellum tas-saltna u tal-glorja ta' hena. Inti tant u tant qawwija li tindaħal bejn Alla u l-bnedmin. Inti l-avukata ħanina tal-fqar u r-refuġju tal-midinbin. Inti s-salvazzjoni ta' min jitolbok port ta' dawk illi sejrin jegħrqu u int li twassal il-ġusti għall-glorja.

Mela t-tlugħ ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem għandu jkun tama tagħna sabiex aħna, ladarba salvi, inkomplu bir-ruħ u l-ġisem inkantaw it-tifħir lilha għall-eternità kollha, bil-menti u bil-vuċi tagħna. Imbagħad għall-għejxien tagħna f'dina d-dinja nitolbu lill-Madonna sabiex tindenja ruħha żżommna meħlusin minn kull dnub. Iva, fil-Verġni Marija nittamaw u kemm jista' jkun lilha nimitaw sabiex bħalma hi tinsab fil-glorja ta' dejjem bir-ruħ u l-ġisem, aħna wkoll għal ġurnata waħda nithennew fil-glorja ta' dejjem bir-ruħ u l-ġisem.

Viva Santa Marija!


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs
Tel: 21582659 - Mobile 79477682 / 3 / 4 /5
Email: info@bgs.com.mt
Web: www.bgs.com.mt
- Traffic Signs
- Belishia Globes
- Road Markings Paint
- Street Furniture
- High Friction Surfacing
- Car Park Markings
- Traffic Management Services
- Building Services
We mark, others follow...


HAIR-A-HOLIC
Unisex Hair Salon
Fully qualified and experienced hair stylists
15, Fisher Road, L-Imġarr, Malta,
Tel: 2157 0949
Let us take care of your hair...
Monday Closed
Tue – Sat 10:00am - 6:30pm
Find us on: facebook.


BOTTEGA
FRAWLI
FORMAGGI & SALUMI
ENOTECA
Salumeria
FOCACCE
VINI E TAGLIERI
2, Triq Dun Edgar
Mgarr - Malta
Booking via Whatsapp
+356 99656729
Bottega Frawli
@bottegafrawli


VASSALLO IAN
IL-ĦAĠI
MEMBRU PARLAMENTARI - 7 DISTRETT
PODJATRA (SPEĊJALIST FIL-KURA TAS-SIEQ)
AWGURI
GĦALL- FESTA
KUNTATT: 79306420 | VASSALLOIAN@YAHOO.COM
UFFIĊĊJU: HAGI, 68, TRIQ SAN TROFIMU RABAT MALTA (B'APPUNTAMENT)

# Elf sena huma għalik bħall-jum tal-bieraħ li għadda

Fr David Muscat

1922-2022. Ċentinarju jidher ħafna żmien, u ngħduha kif inhi, hekk hu. Ftit huma l-bnedmin li jwasslu sa mitt sena għomor. Fl-istorja tal-bniedem mitt sena huma ħafna, imma huma ftit ukoll, skont minn liema ċirkustanzi qed tħares jew xi tkun qed tqis. Fl-istorja tal-ġeoloġija mitt sena huma teptipa ta' għajn. Quddiem Alla mitt sena mhuma xejn għax għalih elf sena huma bħall-jum tal-bieraħ li għadda, jew bħal sahra ta' lejl (Salm 90, 4).

X'inhu ż-żmien għal Alla? Il-motto tal-ġublew tas-sena 2000 kien "Kristu, ilbieraħ, illum u dejjem". Hekk hu, il-Mulej tagħna hu l-bidu u t-tmiem, l-Alfa u l-Omega. Għal Alla m'hemmx żmien, u għalih m'hemmx imgħoddi u ġejjieni imma kollox hu issa, jiġifieri l-preżent. Aħna l-bnedmin neħtieġu li nfakkru ġrajjietna, speċjalment meta jgħaddu ħamsa u għoxrin sena, ħamsin sena jew seklu jew aktar. Aħna l-bnedmin nagħmlu dan għax inħossu li ż-żmien itir u jgerbeb u ma jistenna lil ħadd. Għalhekk infakkru, biex il-memorja tibqa' ħajja.

Il-Bxara t-Tajba hi dejjem ġdida u żagħżugħa. Din bdiet meta Alla l-Imbierek daħal fiż-żmien bl-inkarnazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Hemmhekk il-bniedem inħalaq mill-ġdid, u għax Alla li m'għandux żmien daħal fiż-żmien, is-snin tagħna fuq din l-art ma baqgħux xi eżistenza bla sens, bħal ta' dgħajsa mitlufa f'nofs ta' baħar qalb ħalel għoljin ma tafx fejn sejra. Jew bħal qasba tixxejjer mar-riħ fi grigalata qawwija, se tinqasam jew ma tinqasamx. Jew bħal werqa li ttir minħabba l-maltemp u tinħaraq bl-eħtrieq fis-sajf. Mingħajr din il-viżjoni Nisranija s-snin tagħna fuq din l-art ikunu bla sens.

L-Insara kienu ottimisti quddiem iż-żmien li jgerbeb, u minħabba din it-tama l-pagani kienu jistmerruhom. Din irridu nifhmuha sewwa għaliex kultant tisma' min jgħidilna, lilna l-Insara, li aħna boloh. Hekk kien jgħidulhom lill-Insara l-pagani li ħaqruhom, minn Neruni sa Djoklezjanu. Illum il-persekuzzjoni hija ta' forma oħra, agħar, aktar sofistikata, aktar sottili, imma tal-istess għerq, li ġejja mill-għira tal-għafrit. Illum jgħidulna li aħna l-Insara għadna lura, li moħħna fit-trijonfaliżmi tal-passat, li aħna kontra l-progress, li aħna għandna nostalġija għall-Medjuevu. Fil-vera verità, dak li huwa muri bħala progress jew ġdid mhu xejn għajr brodu msaħħan ta' tagħlim eqdem minn Sodoma u Gomorra, mill-qtil ta' Abel minn Kajjin u mill-istraġi tal-innoċenti ta' Erodi.

Il-Bxara t-Tajba tas-Sinjur tagħna Sidna Ġesù Kristu hi l-progress! Kliemu hu modern u dejjem ġdid. Il-paganiżmu qadim kulma għamel hu li biddel it-tikketta, bħal meta aħna nibdlu l-kliem biex nidhru moderni.

Għalhekk, meta aħna l-Insara nagħmlu u niċċelebraw xi ċentinarju, tagħna mhijiex ċelebrazzjoni ta' xi ħaġa li għaddiet u ntemmet. Tagħna hi ċelebrazzjoni Nisranija, u allura hi ħajja bħalma hu ħaj Hu, il-Mulej.

L-Imġarrin jistgħu jkunu ħajjin għaliex bħal missirijiethom għożżew il-parroċċa tagħhom u ħabbew it-tempju sabiħ li bnew f'ġieħ l-Omm t'Alla mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Ma tawx kas biss tax-xogħol, u nista' ngħid li l-Imġarrin huma nies biżlin ħafna. Hu dan li jagħti identità lil dan ir-raħal ċkejken.

Alla, meta ttih pulzier, itik lura mil. Meta ttih uqija, itik lura qantar. Meta ttih gallun, iroddlok ġibjun. Mal-ġenerożità ta' Alla l-Imbierek ma tlaħħaq qatt. Din hi l-fidi ta' missirijietna. Ngħożżuha u ngħadduha lil uliedna u lil ulied uliedna.


Treecake
Confectionery

**Caterers for all Occasions**
Jesmond Cauchi – Managing Director

Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859
Mob: 9946 4060




Għajn Tuffieħa Road
Manikata, MLH 5700 - Malta
Tel: (00356) 21570215, 21521559
Fax: (00356) 21575064
www.jardinland.com.mt



Jonathan Borg
For all kinds of
Aluminium Works
Mob 7757 4844






Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

CUSTOMER CARE **7999 9936**

info@juliafarrugia.com

JULIA
FARRUGIA PORTELLI

/juliafarrugia

# In-Nebbieta

Victoria Grech



“Nibtet!” ngħidu meta niżirgħu xi ftit żerriegħa u naraw l-ewwel żewġ werqiet ħerġin. Tifraħ għax hemm bidu ġdid, u tħoss il-bżonn naturali li tindokrah bħal tarbija ċkejkna lil dak il-bidu ta' ħajja. Ġo qalbek tinbet it-tama li x-xogħol li tkun ħadt jibda juri ħjiel ta' riżultat ikbar u isbaħ fil-futur. Il-ħsieb li għandek xi ħaġa daqshekk fraġli u trid tieħu ħsiebha jġagħlek tinnota l-elementi ta' madwarek u tipprova tipproteġihom mill-aħjar li tista' mill-qilla tax-xemx u n-nixfa li ġġib magħha, mill-buffuri tar-riħ u l-maltemp li jista' jinqala' jew minn elementi oħra li kultant ma jkollokx kontroll fuqhom. Ittihom l-aħjar li tista' u titgħallem tistenna bil-paċenzja kollha biex tara xi rimja ġdida.



*Il-farfett*

U jekk dak li tkun żrajt ikun siġra, tipprova torbotha sew ma' xi zokk ħalli tiddrittaha għax hekk tikber sabiħa. Min-naħa tagħha s-siġra tibda kull sena ġol-qalba taz-zokk tħalli l-marka ta' kif kienet is-sena li għaddiet, jekk kinitx sena tajba bix-xita kif suppost jew ħassitx in-nixfa, xi ħarqa jew xi marda. Kollox mistur ġoz-zokk, miżmum rikordju. Nażżarda ngħid li jsiru monumenti ħajjin li fis-silenzju tagħhom jagħmlu tant ġid. Kenn għal ħafna ħlejjaq, inklużi l-bnedmin, li għad-dell tagħhom jistkennu meta x-xemx tisreġ matul is-sajf kiefer. Oħrajn jipprovdu fjuri u frott biex iċ-ċirku tal-ħajja jibqa' għaddej. Fil-kwiet in-natura ma tiqafx, imma tibqa' għaddejja bir-ritmu tagħha li tipprovdi l-għejxien.



*Għasfur fuq siġra tan-naspli*

Fuq l-istess linji paralleli nara l-ħajja tal-bniedem. Il-ferħ li jġib twelid ġdid, l-għożża li biha l-ġenituri jrabbu u jindukraw lil dik it-tarbija. Kollox pass pass, kollox bil-mod – tistenna l-ewwel tbissima, warajha xi sinna tisponta u l-passi ċkejknin. Tbenġila, gundalla, biki bil-qalb – kollha parti mill-mixja tal-ħajja.

Sfortunatament ftit fadlilna ċans niggustaw din il-ħajja fis-sempliċità tagħha. Kultant lanqas sabar nistennew il-pass li jmiss; irridu nħaffu kollox, u b'din l-għaġla qegħdin nitilfu t-togħma tal-ħajja vera. M'iniex se ngħid kemm konna aħjar meta konna agħar, għaliex il-ħajja, kif għedna, ma tiqafx. Il-marki li hemm ġo kull siġra sawruha f'dak li hi llum u l-istess il-marki li jsawru t-tfal, jibqgħu magħhom tul ħajjithom kollha. Ħalluhom mela ħa jiġru fir-ramel, jitħammġu bit-tajn, jixxabbtu mas-siġar, jingirfu u jilagħbu ma' tfal oħrajn. Kollox jinħasel, il-moħħ jistrieħ u t-tfal jikbru bla inkwiet u tibqa' f'qalbhom l-imħabba għal dak li hu sabiħ.



*Il-grillu*



*In-naħla*

Meta l-bniedem kien għadu jgħix fl-għerien u l-għerejjex bħal donnha n-natura kienet dominanti fuqu, u baqgħet hekk għal eluf ta' snin. Forsi bata ftit iktar biex ħadem l-art u għomru kien iqsar. Iżda f'dan l-aħħar seklu l-bniedem deherlu li sar hu l-kbir, li hu jrid jikkmanda u jagħmel li jrid. Ma baqax japprezza s-snin li ħadet siġra biex kibret, il-ħamrija, il-ħaxix u kull ħlejqa tal-madwar. Bl-għerf kollu jew in-nuqqas tiegħu l-bniedem għadu jew ma jridx isib armonija kif jgħix kuntent man-natura. M'hemmx ċans biex jikber il-ħut – nagħlfuh ħalli jismen u miegħu jimtela l-but. Iċ-ċirku vizzjuż ma tkissrux malajr. Trid tieqaf u taħseb… Fadlilna ċans immewtu dan ir-riħ? Jew inħalluh jieħu anke l-weraq li hemm fit-triq?



*Iz-zokk ta' siġra*

***Ma nixtieqx inkompli nara;***
***li qed nara mhux sabiħ.***
***Hemm triq twila kollha vojta,***
***weraq niexef jgħum fir-riħ.***

Is-Siġra – Immanuel Mifsud

# 10 Snin Impenn













# Mużikali *2011-2021*















# 10 Snin Impenn Mużikali
# Akkademja Mużikali
## 16 ta' Awwissu 2021

**Joseph Caruana**

Bla ebda dubju 10 Snin Impenn Mużikali se jibqa' mfakkar fl-istorja tal-għaqda tagħna għas-suċċess li kiseb. Dan il-proġett iffinanzjat mill-VOPS onora lill-banda tagħna f'għeluq l-10 snin mit-twaqqif tagħha. F'din il-pubblikazzjoni semmejna diversi drabi dan il-proġett u x'kien marbut miegħu, però xieraq li nidħlu fid-dettall dwar l-akkademja mużikali li ttellgħet biex ingħalaq dan il-proġett.

Preparamenti

Sa minn xhur qabel konna ilna nippreparaw għal dan il-jum memorabbli. Ma rridx nitkessaħ imma d-direzzjoni sa mill-ewwel jum kienet li rridu kollox mill-aħjar. Ħdimna id f'id, tim wieħed magħqud, u rnexxielna niksbu dak li ħdimna għalih u li tant xtaqna. Ridna nħallu marka fuq din is-sena tal-10 anniversarju.

Il-banda

Is-Surmast Direttur ħadem qatigħ sabiex minbarra l-għażla tal-mużiċisti jipprepara ruħu sew għal din l-akkademja mużikali. Ta' min isemmi li l-mużika li ndaqqet fil-maġġoranza tagħha kienet ġdida u ħafna minnha miktuba propju għal din l-okkażjoni. Barra minn hekk, peress li parti kbira mis-siltiet kienu bil-kant kien hemm bżonn kordinament mal-korijiet u s-solisti.

Biex inkomplu nżidulu l-pressjoni, waqt din l-akkademja l-banda tagħna kienet l-ewwel banda paperless. Dan kien ifisser xogħol ġdid għas-Surmast. Tradizzjonalment konna nagħmlu fotokopji tal-manuskritti mużikali u mmexxu bihom; din id-darba ma stajniex. Kien meħtieġ li l-mużika kollha tiġi aplowdjata fuq it-tablets tal-mużiċisti. Xi ħaġa innovattiva li kburin ngħidu li bdejnieha aħna f'għeluq l-10 snin.

F'dik li hi amministrazzjoni ma rridux ninsew li konna f'nofs pandemija, u għalhekk ridna nosservaw ir-restrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet u fl-istess waqt nissalvagwardjaw saħħet l-udjenza u l-parteċipanti.

Bħal kull avveniment importanti kienet meħtieġa naqra propaganda. Minbarra li bgħatna stqarrijiet għall-istampa ħriġna wkoll poster u ktieb tal-okkażjoni, ktieb mimli informazzjoni dwar din l-akkademja mużikali. Intbagħtu wkoll stediniet lil persuni distinti u stedina lir-residenti Mġarrin u ħbieb biex jattendu. Minħabba r-restrizzjonijiet li diġà semmejt kienet meħtieġa r-reġistrazzjoni għal dawk li se jattendu, u kull min attenda kellu jkun vaċċinat. It-tfal li attendew kellhom

jippreżentaw riżultat negattiv tat-test tal-COVID.

Imma xejn ma qatgħalna qalbna u lanqas waqqafna. Konna determinati u ħarisna 'l quddiem u wasalna.

Niftakar l-aħħar ġimgħa bilkemm konna norqdu, il-mobile ma kienx jieqaf iċempel u lanqas nemmen li kont inlaħħaq ma' kollox.

Ta' min isemmi li kellna diversi kuntratturi li ħadmu f'din l-akkademja. Dawn ħadu ħsieb id-dawl, is-sound projections u l-loġistika. Kien ukoll meħtieġ li jkollna event manager biex imexxi l-kordinament kollu. Ma kinitx ċajta, ħbieb, akkademja mużikali bis-sehem ta' żewġ korijiet, solisti u spettaklu ta' dawl li fl-Imġarr żgur li qatt ma rajna. Xi ħaġa li konna ilna noħolmu u li wettaqna b'sodisfazzjon kbir.

Wara diversi provi u tħejjijiet wasal il-jum tant mistenni, dak tas-16 t'Awwissu. Sa minn kmieni filgħodu l-Imġarrin bdew jgħidu li dakinhar kien se jkun hemm xi ħaġa mhux tas-soltu fil-pjazza għax kien hemm ħafna armar ippreparat. L-atmosfera kienet waħda serena u ta' ferħ. Saru t-8.30 pm u ntefa d-dawl tat-toroq ta' parti kbira mill-Imġarr. In-nies ħadu qatgħa għax ħasbu li nqata' d-dawl, imma malajr intebħu li dan kien pjanat peress li fuq il-faċċata tal-knisja maestuża tagħna kien se jkun hemm projections biex jikkumplimentaw il-banda Mġarrija waqt l-akkademja tal-10 anniversarju mit-twaqqif tagħha.

Sa minn ħin qabel bdew jaslu l-mistiedna u anke l-Imġarrin bdew isibu posthom fuq is-siġġijiet li lestejna apposta. Naturalment wara li vverifikajna t-temperatura tad-deni. Kienet saret drawwa kull fejn tmur jarawlek it-temperatura.

Sar is-sound check u kollox kien preparat. L-eċitament beda jżid għax ridna li kollox imur sewwa ħafna – ma konniex naffordjaw li xi ħaġa tmur kontra l-pjan. Il-ħabib tiegħi Alec Massa resaq lejja u qalli li kollox jinsab lest biex nibdew. Alec kien l-event manager tas-serata. Ix-xogħol li wettaq kien bi professjonalità kbira.

Il-mużiċisti, lebsin kollox iswed, sabu posthom u l-koristi wkoll. Beda jinxtegħel id-dawl u resqet viċin il-compère tas-serata, is-Sinjorina Claudine Muscat. Claudine, eleganti bħal dejjem b'libsa ħamra twila, bdiet tlissen l-ewwel kelmiet. Jien ma stajtx inżomm bl-emozzjonijiet u xi demgħa bdiet nieżla wkoll. Imnalla konna bil-maskli, biex naħbi l-emozzjonijiet li ħassejt.

Il-compère introduċiet l-ewwel silta tas-serata, l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija. Flimkien mal-banda ħadu sehem il-kor tal-parroċċa Regina Coeli kif ukoll il-kor Cappella Musicale Caeciliana. Il-banda kienet immexxija mill-Assistent Surmast Mauro Spiteri filwaqt li l-kor tmexxa mis-Surmast Mary Cauchi.

Wara, is-Surmast Direttur ħa t-tmexxija tal-banda biex taħt id-direzzjoni tiegħu smajna l-innu popolari Infaħħruk Dejjem. Dan l-innu hu ferm għażiż għalina. Dan konna ktibnieh jien u s-Surmast f'għeluq il-5 anniversarju mit-twaqqif tal-banda. Dan l-innu tkanta mis-Soprano Clare Caruana.

Wara dawn iż-żewġ innijiet popolari kien imiss is-silta Lonely Shepherd. Il-



*Is-Sinjorina Claudine Muscat, compère tas-serata*




*Dehra mill-isbaħ tal-projections fuq il-faċċata tal-knisja parrokkjali*



*Mro Tancred Grech jidderieġi l-banda waqt l-innu popolari Infaħħruk Dejjem*



*Is-Segretarju Ġenerali Joseph Caruana jintroduċi l-proġett 10 Snin Impenn Mużikali*



*Il-Peruvjan Fernando Benito Saico, solista bil-pan flute waqt l-eżekuzzjoni ta' The lonely Shepherd*



*Chris Sciberras, rebbieħ tal-konkors tal-marċi brijużi, jiġi preżentat b'tifkira tal-konkors u CD*



*Daniel Vella, rebbieħ tal-konkors tal-marċi brijużi, jiġi preżentat b'tifkira tal-konkors u CD*



*Luke Vella, rebbieħ tal-konkors tal-marċi brijużi, jiġi preżentat b'tifkira tal-konkors u CD*



Hertian Gauci, rebbieħ tal-konkors tal-marċi brijużi, jiġi preżentat b'tifkira tal-konkors u CD



Christopher Tanti, rebbieħ tal-konkors tal-marċi brijużi, jiġi preżentat b'tifkira tal-konkors u CD



Mauro Spiteri, wieħed mill-judges tal-konkors tal-marċi, jirċievi tifkira mingħand il-President Giovanni Gatt



Joe Chetcuti, wieħed mill-judges tal-konkors tal-marċi, jirċievi tifkira mingħand il-President Giovanni Gatt



Il-President Giovanni Gatt jiġi preżentat b'kopja tal-ktieb 10 Snin Impenn Mużikali – L-Istorja tal-Banda Mġarrija minni bħala l-awtur tal-ktieb



Joe Julian Farrugia jippreżenta l-innu l-kbir Imbierka s-Sema



Il-kor Cappella Musicale Caeciliana waqt l-innu l-kbir Imbierka s-Sema



Waqt il-premier tal-innu l-kbir Imbierka s-Sema jidhru flimkien mal-banda u l-kor it-Tenur Georg Zammit u s-Soprano Clare Caruana

banda daqqet arranġament mużikali tas-Surmast Ray Sciberras. Il-Peruvjan Fernando Benito Saico daqq is-solo bil-pan flute, silta tassew sabiħa li żżewqet bi dwal mill-isbaħ proġettati fuq il-faċċata tat-tempju mibni minn missirijietna u dedikat lil Ommna s-sultana tas-sema.

Imbagħad kien imiss it-talba Salve Regina, xogħol mużikali ta' Chris Sciberras. Din it-talba tkantat mis-Soprano Clare Caruana. Ta' min jgħid li dan ix-xogħol ukoll iżżanżan f'din is-serata.

Wara din it-talba l-compère introduċiet lil Joe Julian Farrugia biex, bħala awtur tal-versi tal-innu l-kbir li kien se jsegwi, jintroduċi dan ix-xogħol meraviljuż. Joe Julian għamel kelmtejn li fihom spjega l-movimenti li fih dan il-kapolavur mużikali, li għandu kompożizzjoni tas-Surmast ħili Ray Sciberras. Flimkien mal-banda waqt l-eżekuzzjoni tal-innu l-kbir Imbierka s-Sema ħadu sehem il-kor Cappella Musicale Caeciliana, immexxi mis-Surmast Abraham D'Amato, kif ukoll it-Tenur Georg Zammit u s-Soprano Clare Caruana.

Wara dan l-innu ngħata applaws kbir lil kull min kien involut.

Wara l-innu l-kbir kien imiss li jiżżanżan innu ieħor, din id-darba l-innu popolari Xbieha Ħelwa. Dan l-innu hu xogħol mużikali ta' Chris Sciberras u l-versi ktibthom jien stess. Dan l-innu tkanta miż-żewġ korijiet flimkien.

Segwew wara żewġ innijiet oħra, l-innu marċ Sultana tal-Imġarr, li tkanta mis-Soprano Clare Caruana, u l-innu tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema, li tkanta mill-kor Cappella Musicale Caeciliana.

Waqt is-serata kien hemm diversi preżentazzjonijiet. Saret preżentazzjoni ta' €500 lill-Kappillan bħala donazzjoni għall-proġett tal-mant ta' Santa Marija.

Il-kuġini Mons. Alfred u Edgar Vella preżentaw marċ brijuż imsejjaħ 100 Sena Fostna.

Il-President tar-reġjun preżentalna standard tar-reġjun, u l-President Giovanni Gatt preżenta standard tal-Unjoni Ewropea.

Il-bandisti tal-post u s-Surmast Direttur preżentawli tifkira sabiħa tal-ħidma li wettaqt f'dan il-proġett u fl-innijiet popolari Infaħħruk Dejjem u Xbieha Ħelwa.

Qassamna l-premjijiet lir-rebbieħa tal-konkors tal-marċi brijużi.

Ingħatat tifkira lill-kompożituri u l-awturi tal-innu l-kbir Imbierka s-Sema u l-innu popolari Xbieha Ħelwa.

Saru wkoll kelmtejn mill-Kappillan, mill-President tar-reġjun u naturalment il-President tagħna għamel messaġġ tal-okkażjoni.

Jien, bħala project leader tal-proġett 10 Snin Impenn Mużikali, fil-bidu tas-serata spjegajt sew x'kien jirrikjedi dan il-proġett.

Waqt din l-akkademja tnieda l-ktieb bl-istorja tal-każin, li ktibt jiena stess, imsemmi 10 Snin Impenn Mużikali – L-Istorja tal-Banda Mġarrija.



10 Snin Impenn Mużikali

*Akkademja mużikali mtellgħa mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr f'Wesgħet il-Ġublew, l-Imġarr nhar it-Tnejn 16 ta'Awwissu 2021*

*Din l-Akkademja qed tittella' fl-okkażjoni tal-10 Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà*

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | ***L-Imġarr Iben Marija***<br>Il-kor Cappella Musicale Cæciliana<br>Il-Kor Regina Coeli | *Mużika*: Vincenzo Ciappara<br>*Lirika*: Ġanni A. Cilia<br>*Direzzjoni*: l-Assistent Surmast Mro. Mauro Spiteri |
| Innu Popolari | ***Infaħħruk Dejjem***<br>Soprano Claire Caruana | *Mużika*: Tancred Grech<br>*Lirika*: Joseph Caruana |
| Silta | ***Lonely Shepherd***<br>Panflute: Nolasco Ccapa | *Mużika*: James Last<br>*Arr.*: Ray Sciberras |
| Talba | ***Salve Regina***<br>Soprano Claire Caruana | *Mużika*. Chris Sciberras |
| L-Innu l-Kbir | ***Imbierka s-Sema***<br>Il-kor Cappella Musicale Cæciliana, is-Sopran Claire Caruana u t-Tenur Georg Zammit | *Mużika*: Ray Sciberras<br>*Lirika*: Joe Julian Farrugia |
| Innu Popolari | ***Xbieha Ħelwa***<br>Il-kor Cappella Musicale Cæciliana, Il-Kor Regina Coeli | *Mużika*: Chris Sciberras<br>*Lirika*: Joseph Caruana |
| Innu Marċ | ***Sultana tal-Imġarr***<br>Soprano Claire Caruana | *Mużika*: Tancred Grech<br>*Lirika*: Joe Julian Farrugia |
| Innu tal-banda | ***Marija Mtellgħa s-Sema***<br>Il-kor Cappella Musicale Cæciliana | *Mużika*: Mario Testa<br>*Lirika*: Kav. Ġorġ Bianchi |

*Surmast Direttur*: Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE

Il-kor Cappella Musicale Cæciliana se jkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Abraham D'Amato A.Mus. LCM, L.Mus.LCM, B.A., STh.B., S.Th.L.

Il-kor tal-parroċċa Regina Coeli se jkun taħt it-tmexxija ta' Mro Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus., LCM, ALCM.

*Compère*: Claudine Muscat

***Kulħadd mitlub ikun bilqiegħda f'postu fit-8.30 pm.***

***L-ilbies tal-maskra hu mandatorju l-ħin kollu. Tipjip mhux permess.***

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem is -Segretarju Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u Organizzazzjonijiet Volontarjii mill- Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja.
Project Leader: Joseph Caruana

*Il-programm tal-akkademja*




*Il-faċċata tal-ktieb tal-okkażjoni li ħareġ fl-okkażjoni tal-akkademja 10 Snin Impenn Mużikali*

Tnediet ukoll is-CD doppja bil-marċi brijużi u l-innijiet li ndaqqu fl-istess akkademja mużikali.

Il-fjuri tas-serata nħadmu mill-kollega John Bugeja u ommu Giovanna. Ta' kull darba

Is-serata kollha nġibdet b'mod professjonali u tinsab irrekordjata fuq USB drive. Min jixtieq kopja, jikkuntattjana.




*Maskli li nħadmu apposta għall-Akkademja 10 Snin Impenn Mużikali*

Minn qalbi nirringrazzja lil kull min kien ta kontribut biex din l-akkademja kienet suċċess, speċjalment lil sħabi tal-kumitat, lis-Surmast Direttur Tancred Grech u l-Assistent Surmast Mauro Spiteri, lis-Sindku l-kunsilliera, lill-Kappillan u l-kleru u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu magħna u flimkien qdifna biex irnexxielna niktbu paġna oħra fl-istorja tal-għaqda tagħna. 10 Snin Impenn Mużikali, ħolma li saret realtà.



*Mro Ray Sciberras, kompożitur tal-innu l-kbir, jirċievi plakka ta' tifkira*



*Joe Julian Farrugia, l-awtur tal-versi tal-innu l-kbir, jirċievi plakka ta' tifkira*



*Il-President Giovanni Gatt waqt id-diskors tal-okkażjoni*



*Il-President tar-Reġjun tat-Tramuntana jippreżenta standard tar-reġjun lis-Soċjetà*



*Il-kuġini Mons. Alfred u Edgar Vella jippreżentaw il-marċ brijuż 100 Sena Fostna, xogħol Mro John Galea, lis-Soċjetà*



*Is-Surmast Direttur Tancred Grech preżentat b'tifkira tal-okkażjoni*



*L-Asst Surmast Mauro Spiteri preżentat b'tifkira tal-okkażjoni*



*Il-Kappillan Dun George J. Schembri jagħmel kelmtejn wara li ġie preżentat b'donazzjoni ta' €500 għall-proġett tal-mant tal-vara ta' Santa Marija*



*Il-President Giovanni Gatt jippreżenta standard tal-Unjoni Ewropea lis-Soċjetà*



*Joseph Caruana, awtur tal-versi tal-innu Xbieha Ħelwa, preżentat b'tifkira tal-okkażjoni*



*Chris Sciberras, kompożitur tal-innu Xbieha Ħelwa, preżentat b'tifkira tal-okkażjoni*



*Mro Tancred Grech jippreżenta tifkira lis-Segretarju f'isem il-bandisti tal-post*




*Il-kitba miktuba fuq it-tifkira li ngħatat lis-Segretarju b'apprezzament*



*Dehra oħra mill-isbaħ tal-banda waqt l-akkademja*



*Il-banda tirċievi l-aħħar applaws fi tmiem l-akkademja mużikali 10 Snin Impenn Mużikali*



# Taħbit ta' Qalb Maltija fl-Istat ta' Indiana



**Onor. Kav. Louis J Vella MQR**
*Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika*
*President Onorarju*

Fl-istat ta' Kalifornja fl-Istati Uniti tal-Amerika, b'mod speċjali n-naħa tat-Tramuntana, teżisti komunità mdaqqsa ta' Maltin li l-biċċa l-kbira minnhom għandhom l-għeruq tagħhom fix-xaqliba ta' Malta fejn insibu rħula bħar-Rabat, il-Mellieħa u l-Imġarr, però l-akbar numru bla dubju hu mill-Mosta. Ta' spiss niltaqa' jew nisma' b'nies li kulma jafu fuq Malta hu li huma mill-Mosta għaliex xi ħadd mill-qraba antiki tagħhom x'aktarx li jkun oriġina mill-Mosta. Il-komunità hi waħda attiva, magħquda u sabiħa ħafna. Hu veru ta' unur u pjaċir li jien qiegħed għas-servizz tagħha.



*Il-bandiera statali tal-istat ta' Indiana*

Komunitajiet Maltin fl-Amerika nsibuhom mhux biss fl-istat ta' Kalifornja, iżda nsibuhom ukoll fl-istat ta' New York u f'dak ta' Michigan. Dawn it-tliet reġjuni kbar fl-Amerika huma fejn l-aktar li niltaqgħu ma' komunitajiet Maltin, li huma pjuttost numerużi u organizzati. Jeżistu ħafna aktar stati Amerikani fejn hemm familji Maltin, bħal pereżempju l-istati ta' Nevada, Arizona, Colorado, Oregon, Washington, Pennsylvania, Florida u xi oħrajn. In-numru ta' Maltin li joqogħdu f'dawn l-imsemmija stati hu x'aktarx żgħir u ma ssibx organizzazzjonijiet jew għaqdiet tal-Maltin.



*Għelieqi ma jispiċċaw qatt ta' qamħ u prodotti oħra tar-raba'... u t-tellieqa famuża mondjali tal-Indy 500, li ssir kull sena f'Indianapolis, il-kapitali ta' Indiana*

Hu propju fuq wieħed minn dawn l-istati fejn il-konnessjoni ma' Malta hi xi ftit limitata u l-familji Maltin huma numru żgħir li dawwart l-attenzjoni tiegħi din is-sena. Din id-darba ddeċidejt li nħarbex dawn l-erba' kelmiet dwar l-istat ta' Indiana, li jinsab qrib l-għadira kbira ta' Michigan u qrib waħda mill-akbar bliet fl-Amerika, li hi Chicago.

***L-istat ta' Indiana***

Dan l-istat mhux magħruf għall-kobor tiegħu. Lanqas ma jispikka minħabba li għandu xi waħda mill-akbar ekonomiji jew jisboq fit-teknoloġija. Però għandu sbuħija naturali li tħabbatha ma' kull stat ieħor. Il-maġġoranza tal-popolazzjoni hi waħda ta' ħaddiema fl-agrikoltura u l-manifattura, kif ukoll fl-industriji tal-vetturi sew karozzi kif ukoll vetturi oħra tax-xogħol. L-industrija tal-minjieri hi waħda mill-ewlenin u nsibu wkoll ħafna negozju tal-ippakkjar tal-laħam u prodotti oħra tal-ikel.



*Il-bini ċiviku tal-belt ta' South Bend, Indiana, fejn hemm l-uffiċċju tas-sindku... u l-Università ta' Notre Dame f'South Bend, Indiana*

Ftit huma l-bliet fl-istat ta' Indiana li huma msemmija barra mill-Amerika, u ma tantx huma magħrufin mad-dinja. Forsi l-aktar belt magħrufa hi l-kapitali, Indianapolis, fejn insibu l-Indianapolis Motor Speedway. Għal dawk li huma dilettanti tat-tlielaq tal-karozzi, hawnhekk kull sena tinżamm it-tellieqa popolari li jisimha Indy 500. Għal din it-tellieqa jiġu dilettanti minn kullimkien, imma l-iżjed mill-Amerika stess. Bloomington u Fort Wayne huma wkoll żewġt ibliet mill-aktar importanti f'dan l-istat Amerikan, imma niddubita jekk il-qarrejja qattx semgħu bihom.



*It-tellieqa famuża mondjali tal-Indy 500 li ssir kull sena f'Indianapolis, il-kapitali ta' Indiana*

Fl-istat ta' Indiana nsibu l-famuża università ta' Notre Dame, li l-istudenti u l-fakultà tagħha huma magħrufin fl-Amerika bħala The Fighting Irish. Din l-università hi waħda mill-iżjed universitajiet Amerikani rispettati u prestiġjużi, sew għall-akkademja u l-edukazzjoni kompluta kif ukoll għall-isport, b'mod speċjali l-football Amerikan u l-basketball. Din l-università tinsab fin-naħa tat-Tramuntana tal-istat, propju fil-belt ta' South Bend, Indiana. L-isem South Bend x'aktarx li ġej peress li ġeografikament din il-belt insibuha eżatt fir-reġjun fejn teżisti liwja fix-xmara bl-isem ta' St Joseph River. Din il-liwja hi fost ħafna oħrajn, però hi l-aktar liwja fin-Nofsinhar ta'



*L-Università ta' Notre Dame ġo South Bend, Indiana*

din ix-xmara maestuża. Il-belt, li bil-mod il-mod inbniet qrib din il-liwja, baqgħet tissejjaħ 'South Bend'. L-ewwel abitanti ta' dawn l-inħawi x'aktarx li kienu tribujiet ta' Indjani/Amerikani tar-razza Miami u tar-razza Potawatomi.

### *L-ewwel kuntatti personali*

Kien propju hawn fejn jien kelli l-ewwel esperjenza mal-konnessjoni Maltija fl-istat ta' Indiana. Dan ġara madwar ħames snin ilu, meta kelli l-okkażjoni nitkellem ftit ma' ċertu Joseph Buttigieg, li kien il-kap tad-dipartiment tal-Ingliż u professur tal-letteratura fl-Università ta' Notre Dame. Joseph Buttigieg, jew aħjar il-Prof. Joseph Anthony Buttigieg, twieled il-Ħamrun u ta' età żagħżugħa ħalla lil Malta biex ikompli l-istudji tiegħu 'l barra minn xtutna. Mhux talli laħaq l-għanijiet tiegħu tal-ogħla livelli akkademiċi imma talli, skaluna wara l-oħra, pass wara pass, irnexxielu jieħu f'idejh id-dipartiment tal-Ingliż ta' waħda mill-aktar universitajiet prestiġjużi fl-Amerika.



*Il-Prof. Joseph A. Buttigieg, illum mejjet, ma' ibnu Pete… u Pete Buttigieg bħala Segretarju tat-Trasportazzjoni u membru tal-kabinett tal-gvern Amerikan*

Kelli verament esperjenza sabiħa niddiskuti ċerti suġġetti ma' dan l-akkademiku brillanti. Ma naqasx li t-taħdita tagħna, fost il-ħafna suġġetti, sabet ruħha Malta. Il-Prof. Buttigieg tkellem b'ċerta nostalġija dwar il-Ħamrun tas-snin ħamsin. Niftakru jgħidli li hu twieled tefgħa ta' ġebla biss 'il bogħod mill-knisja storika u imponenti tal-kbir San Gejtanu. U b'ċertu sens ta' kburija tarrafli l-esperjenzi tiegħu u dak li kien għadu jiftakar fuq Malta, bħala tifel żgħir jiġġerra mar-raħal tal-Ħamrun ta' dawk iż-żminijiet ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Il-Prof. Buttigieg irrakkuntali wkoll li avolja ħalla Malta meta kien għadu ta' età żgħira, xorta waħda żamm kuntatti sodi ma' Malta u ma' familjari u ħbieb, speċjalment dawk akkademiċi bħalu. Malta baqa' jżurha ta' spiss, u l-interess f'dak li kien jiġri Malta qatt ma naqas.

### *Membru fil-Kabinett tal-President Amerikan*

Il-Prof. Buttigieg iżżewweġ mara Amerikana u wara li beda jaħdem fl-Università ta' Notre Dame baqa' jgħix f'South Bend, Indiana sa mewtu fl-2019. Minn dak iż-żwieġ Joseph Buttigieg kellu tifel. Kull meta kien possibbli t-tifel kien jieħdu miegħu Malta, biex b'hekk it-tifel kiber b'apprezzament lejn Malta kif ukoll il-familja u l-art fejn trabba missieru. Dan it-tfajjel kiber, studja, ħadem u stinka kemm felaħ u nistgħu liberament ngħidu li rnexxa ħafna. Illum dan it-tifel mhu ħadd ħlief is-Segretarju tat-Trasportazzjoni u membru fil-kabinett tal-President tal-Amerika, Joseph Biden.

Pete Buttigieg, it-tifel ta' Joseph, qabel ma ħa l-kariga għolja u importanti fil-kabinett tal-gvern Amerikan, kien ukoll kandidat presidenzjali, fejn kellu prestazzjoni mill-aqwa u qata' figura tajba immens. Fil-fatt ħafna huma tal-fehma li Pete Buttigieg kellu ċans kbir li jimxi ħafna aktar 'il quddiem bħala kandidat presidenzjali. Pete Buttigieg kien ukoll sindku ta' belt twelidu, jiġifieri South Bend, Indiana, li għandha popolazzjoni ta' 'l fuq minn mitt elf ruħ. Mayor Pete, kif inhu magħruf l-aktar, ġie elett sindku għal darba, darbtejn. Pete ħareġ studjuż bħal missieru. Wara li spiċċa l-iskola sekondarja f'South Bend, Pete ggradwa mill-universitajiet ta' Harvard u Oxford, fejn attenda bħala Rhodes Scholar. Pete serva wkoll fl-armata militari tal-Amerika, fejn ġie mibgħut għall-gwerra fl-Afganistan. Pete laħaq il-grad ta' logutenent. Pete Buttigieg, barra li jitkellem diversi lingwi fosthom il-Malti, huwa wkoll pjanista tal-mużika klassika u mhux l-ewwel darba li ħa sehem mas-South Bend Symphony.

***Imexxi ċentru għal dawk fil-bżonn***

Malti ieħor li ta' kuljum jagħmel isem sabiħ lil Malta bil-missjoni u d-dedikazzjoni tiegħu f'South Bend, Indiana huwa bla dubju s-Sur Steve Camilleri. Għal dawn l-aħħar tlettax-il sena Steve mexxa s-Center of the Homeless, appuntu ċentru għal dawk in-nies li huma fil-bżonn u dawk li m'għandhomx fejn joqogħdu, bħala d-direttur eżekuttiv tiegħu. Steve ntefa' b'ruħu u ġismu għal dan ix-xogħol, li tant hemm bżonn tiegħu. Ta' kuljum dan iċ-ċentru huwa d-dar għal madwar mitejn ruħ. Immaġina mitejn ruħ li jridu min jaħsbilhom għall-ikel u fejn joqogħdu, il-ġimgħa kollha, bis-Sibt u l-Ħadd inklużi. Ir-riżorsi kollha jridu jiġu minn donazzjonijiet u atti ta' karità u ħafna xogħol volontarju.

Din ta' Steve tista' titqies iżjed bħala vokazzjoni milli xogħol. It-trobbija ta' Steve u ħutu kienet il-gwida prinċipali li ressqitu biex jidħol għal dan l-impenn. Il-ġenituri Maltin ta' Steve minn dejjem saħqu fuq uliedhom li kulħadd għandu valur u xi ħaġa x'joffri. Kulħadd għandu jiġi aċċettat, hu min hu jew hi min hi. Dan jistqarru Steve nnifsu, li kiber f'ambjent fejn bi tbissima u b'sens pożittiv l-għawġ tal-ħajja jinħall iktar malajr u li kull problema tista' tinstabilha s-soluzzjoni tagħha jekk wieħed qabelxejn jaddotta attitudni ferrieħa u kunfidenti.

Ir-rwol ta' Steve Camilleri hu li jidderieġi din l-organizzazzjoni kbira biex twettaq il-missjoni tagħha, jiġifieri dik li tnaqqas jew li tkisser iċ-ċirku ikrah ta' nies li m'għandhomx saqaf fuq rashom u li jgħixu jiġġerrew 'l hawn u 'l hemm mat-toroq ta' Indiana. Bħal dawn sfortunatament jeżistu numru allarmanti, u li kieku mhux għal Steve u l-organizzazzjoni tiegħu din is-sitwazzjoni tkompli tikber u ssir dejjem agħar milli hi. L-istedina ta' Steve Camilleri hija miftuħa għal kull min jaqa' f'din il-kundizzjoni, li diffiċli wieħed joħroġ minnha mingħajr l-għajnuna ta' għaqdiet bħal dik li jmexxi Steve. Meta nies li jsibu ruħhom f'din it-tip ta' ħajja jiltaqgħu ma' oħrajn bħalhom iħossuhom inqas weħidhom u jibdew bil-mod ikabbru l-kuraġġ li forsi hemm xaqq ta' dawl fejn jistgħu jibdlu ħajjithom għal waħda ta' aktar rispett u dinjità, li wara kollox hi d-dritt ta' kull maħluq.

Steve Camilleri jħobb jgħid li kulħadd għandu x'joffri, int min int u int fejn int fil-ħajja. Camilleri jgħid: "X'inhu r-rigal li għandek int li jista' jiġi mgħoddi lil ħaddiehor?" u jkompli: "Agħmel dak li tista' b'dak li għandek, meta tista' u meta għandek."



*Il-Preca Cottage minn barra f'ġurnata sabiħa tar-rebbiegħa… u żmien il-Milied, il-post għall-meditazzjoni u l-formazzjoni reliġjuża Kristjana*

***Post għall-meditazzjoni u formazzjoni reliġjuża***

Konnessjoni Maltija oħra importanti fil-belt ta' South Bend, Indiana, u li hi verament Maltija u li ma tistax tkun għajr Maltija, hi dik magħrufa bħala Preca Cottage… li kif jgħid l-isem stess huwa post iddedikat li San Ġorġ Preca u t-tagħlim tiegħu. Huwa post kwiet u ħelu ħafna, qalb is-siġar, li fir-rebbiegħa jimtlew kollhom fjur. Dan il-post jintuża għall-meditazzjoni, il-mistrieħ mentali u l-formazzjoni reliġjuża Kristjana. Il-persuna responsabbli minn dan il-post jisimha Ruth D. Lasseter. Kelli x-xorti nitkellem kemm-il darba mas-Sinjura Lasseter, fejn qasmet ħafna tagħrif miegħi dwar dan il-post, li jnissel tant kalma u paċi lil ħafna.



*L-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna meta żar il-Preca Cottage fl-2019*

Ruth Lasseter żaret Malta mhux inqas minn tmien darbiet. Ruth għandha ħafna devozzjoni lejn San Ġorġ Preca u studjat ħafna passaġġi u kitbiet tiegħu. Kull meta ġiet Malta kienet x'aktarx toqgħod ir-Rabat u tgħaddi ħafna mill-ħin tagħha Malta fuq ir-riċerka u t-tagħlim, speċjalment dwar San Ġorġ Preca. Fl-2019 l-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna għamel żjara fil-Preca Cottage. Il-membri u l-ħbieb ta' dan il-post ma jinsew qatt din iż-żjara ta' Mons. Arċisqof, u jitkellmu fuqha b'ħafna nostalġija, kburija u sodisfazzjon. Kienet tassew żjara li ħalliet frott kbir, sew mil-lat spiritwali kif ukoll minn dak soċjali. Kien hemm aktar żjajjar minn membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM ta' Malta, li għamlu l-vjaġġ għal South Bend, Indiana. Il-kuntatti bejn il-Preca Cottage u s-Soċjetà tal-MUSEUM f'Malta għadhom ħajjin u b'saħħithom sal-ġurnata tal-lum.




*Id-daħla ta' barra tal-Preca Cottage, fejn hemm bħal depożitorju żgħir tal-kotba u jidħru wkoll bnadar żgħar ta' Malta u tal-Amerika… niċċa tal-Madonna bil-Bambin… u grupp ta' pellegrini jippjanaw żjara lejn Malta*



*Pageant tal-Milied fi Preca Cottage*



*Niċċa tal-Madonna bil-bambin*

***Salib it-toroq tal-Amerika***

Il-motto tal-istat ta' Indiana hu Crossroads of America, jew Salib it-Toroq tal-Amerika. Hemm ħafna x'wieħed jgħid fuq l-istat ta' Indiana, u wieħed jista' jikteb volumi ta' kotba u xorta waħda jkun baqa' ħafna u ħafna x'jinkiteb. L-istat ta' Indiana pproduċa ħafna nies kbar u importanti fl-istorja tiegħu, u ħafna minnhom kisbu fama mondjali. Wieħed mill-aktar riċenti hu Mike Pence, li kien il-Gvernatur ta' Indiana u għal erba' snin, mill-2017 sal-2021, serva bħala l-Viċi President tal-Amerika. Insibu wkoll lil xi artisti kbar taċ-ċinema li twieldu fl-istat ta' Indiana, bħal pereżempju James Dean, Carole Lombard, Steve McQueen, Michael Jackson u l-Jackson 5, u ħafna u ħafna oħrajn.

Meta qed nitkellmu dwar l-istat ta' Indiana ma nistgħux ma nsemmux il-mużika u l-kanzunetti sbieħ li ħarġu minn dan ir-reġjun. L-istat ta' Indiana huwa magħruf



*L-Eks Viċi President tal-Amerika, Mike Pence, jieħu b'idejn xi voluntiera*



*Xena mill-ajru tal-qalba tal-belt kapitali tal-istat ta' Indiana, li jisimha Indianapolis*



*Grupp ta' pellegrini jippjanaw żjara lejn Malta*

bħala parti mill-heartland tal-Amerika, jew aħjar dik il-parti fin-nofs tal-Amerika li taqla' l-għejxien tagħha mill-manifattura u l-ħidma tal-art. Il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni hija fl-impjieg għall-qligħ tal-ħobża ta' kuljum. Dan minnu nnifsu bħal jagħti lil dan l-istat tant sabiħ dak iċ-ċertu sens ta' għaqda, ġabra u familja. Illum l-affarijiet dejjem jinbidlu, però fis-snin mhux 'il bogħod il-ħajja f'dan l-istat kienet aktar sempliċi, avolja fi stati Amerikani oħrajn, anke dawk viċini, il-ħajja kienet diġà bdiet tinbidel. Meta wieħed iqatta' żmien twil mal-familja u jitħallat u jiddeverti ma' nies bħalu ma jonqosx li jinħoloq tip ta' divertiment li jkun tipiku tal-post.

Għal dan l-istat ta' Indiana nkitbu ħafna kanzunetti u biċċiet mużikali magħrufin, l-aktar min-nies tal-post, però xi wħud għamlu suċċess anke nazzjonali. Fost dawn insibu l-kanzunetta popolarissima ta' R. D. Taylor, *Indiana Wants Me*. Kanzunetti oħrajn huma dawk bħal *Going Back to Indiana* tal-Jackson 5, *Can't Get Indiana Off My Mind* u ħafna oħrajn. Il-kanzunetta li nistgħu nsejħulha titulari tal-istat ta' Indiana hi *On the Banks of the Wabash – Far Away*. Wabash hija x-xmara prinċipali ta' dan l-istat. Fis-seklu dsatax din il-kanzunetta għamlet suċċess enormi mal-Amerika kollha u ġiet irrekordjata minn ħafna kantanti ta' dik l-era.



*Indjani indiġeni Amerikani li kienu jokkupaw it-territorju ta' Indiana għal aktar minn 10,000 sena qabel ma Indiana saret stat Amerikan… u xena mill-ajru tal-qalba tal-belt kapitali tal-istat ta' Indiana, li jisimha Indianapolis*

Però l-favorita tiegħi bla dubju hi l-għanja u l-kliem ħelu ta' *Back Home Again in Indiana*, u nagħlaq bil-versi sbieħ tagħha. Insellmilkom minn San Francisco, California, l-Amerika.

*Back home again in Indiana*
*and it seems that I can see*
*the gleaming candlelight, still shining bright*
*through the sycamore for me.*
*The new-mown hay sends all its fragrance*
*from the fields I used to roam,*
*when I dream about the moonlight on the Wabash.*
*Then I long for my Indiana home.*

Messaġġ qasir fl-okkażjoni tal-festa ta'




*Kartellun ġgantesk li jilqa' lil kull min jidħol fl-istat ta' Indiana*

Santa Marija 2022 fil-parroċċa tal-Imgarr mill-istat ta' Kalifornja, l-Amerika. Nibda biex inwassal it-tislijiet mill-qalb lill-Imġarrin kollha, huma min huma u huma fejn huma. Wara sentejn wara xulxin li fihom il-festa tant għażiża u tant għal qalb l-Imġarrin ma ġietx iċċelebrata kif soltu tkun, din is-sena, jekk il-Bambin irid u jekk kollox imur kif mistenni, il-festa għandha tirritorna bil-kbir u bix-xieraq, hux hekk? Is-sena 2022 hi s-sena ċentinarja ta' meta f'April 1922 il-vara devota, artistika u maestuża ta' Santa Marija żejnet u bierket għall-ewwel darba r-raħal għażiż tagħna minn fuq iz-zuntier tal-knisja. Kif jaf kulħadd, id-devozzjoni u l-imħabba lejn l-Assunta mhumiex biss it-tiżjin, il-briju, id-daqq jew il-kuluri fl-ajru, għalkemm dawn id-drawwiet illum tant saru parti min-nisġa tal-ħajja Maltija u mill-festa titulari li mingħajrhom bħal donnha l-festa ma titgawdiex daqstant. Meta l-manifestazzjonijiet tal-festa ta' barra jkunu meqjusin, ikkontrollati u bis-sens, dawn isaħħu u jkabbru l-għaqda, id-devozzjoni u l-ferħ li ġġib magħha l-festa. F'isem il-Maltin, u b'mod partikolari l-Imġarrin, kif ukoll dawk kollha li Santa Marija hi l-patruna ta' raħal twelidhom, sewwa jekk joqogħdu f'Malta kif ukoll dawk il-Maltin li jgħixu barra minn Malta, inwassal l-isbaħ xewqat għal festa sabiħa, qaddisa, devota u feliċi għal kulħadd.



# Servizzi Mużikali mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, għas-Sena 2022

| Data | Attività | Lokal |
| --- | --- | --- |
| 11 ta' Ġunju | Recording tas-CD Marċi Proċessjonali | Iż-Żurrieq |
| 17 ta' Lulju | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |
| 27 ta' Lulju | Festa ta' Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 16 t'Awwissu | Programm vokali u strumentali<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 19 t'Awwissu | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-tridu<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 20 t'Awwissu | Marċ brijuż – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 21 t'Awwissu | Purċissjoni u programm mużikali<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |

# Programm Vokali u Strumentali

## mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

## Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Tancred Grech

## fuq il-planċier f'Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr

## Nhar it-Tlieta, 16 ta' Awwissu 2022

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | **L-Imġarr Iben Marija** | ***Mużika: Vincenzo Ciappara***<br>***Lirika: Ġanni Cilia*** |
| Innu Popolari | **Infaħħruk Dejjem** | ***Mużika: Tancred Grech***<br>***Lirika: Joseph Caruana*** |
| Overture | **Light Cavalry** | ***Franz Von Suppé*** |
| Silta | **Trumpet Concerto in Eb Major, 2nd Mov**<br>***(Solista fuq it-trumbetta: Francesco Barbara)*** | ***Joseph Haydn*** |
| Song | **Song without Words** | ***Tano Monseigneur*** |
| Silta | **Palladio**<br>***Jidderieġi l-Asst Surmast Mro Mauro Spiteri*** | ***Karl Jenkins*** |
| Silta | **The Rhythm of Dreams** | ***Chris Sciberras*** |
| Song | **Un Amore Così Grande**<br>***(Tenur: Georg Zammit)*** | ***A. Maggio, G. M. Ferilli*** |
| Silta | **Bells across the Meadows**<br>***(Hawn se jiġu mżanża s-sett qniepen uniċi fil-gżejjer tagħna)*** | ***Albert W. Ketelbey*** |
| Talba | **Ave Maria**<br>***(Tenur: Georg Zammit)*** | ***Joseph Fenech*** |
| Innu Marċ | **Sultana tal-Imġarr** | ***Mużika: Tancred Grech***<br>***Lirika: Joe Julian Farrugia*** |
| Innu tal-Banda | **Marija Mtellgħa s-Sema** | ***Mużika: Mario Testa***<br>***Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi*** |



*Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat*

*Se jkun hemm is-siġġijiet biex wieħed ikun jista' jsegwi l-programm*

***Kulħadd hu mitlub ikun f'postu fid-8.45 p.m***




Martin Grima Ltd
Import, Export & Distributors
Għajn Astas, St. Paul's Bay, SPB 6930 Malta,
Tel : +356 21574474
Email: martin.g@martingrimaltd.com
Kubota


Marlene's
Daily Fresh Fish
Monday, Tuesday,
Wednesday, Friday and Saturday
7.00 - 12.00
Near Mgarr Church
Mob: 77994377
Free Deliveries

il-Barri

Open for Lunch and Dinner
Tuesday to Sunday

21573235
www.facebook.com/ilbarrirestaurant
www.il-barri.com.mt





Eating, the Maltese Way!

AQUARIUS
Rent A Car

# Aquarius Rent a Car Ltd.

**117, St.Paul's Street, St. Paul's Bay SPB 3413, Malta**

**Tel:+356 2157 1186 / 2157 5736 Fax: +356 2158 1503**
**Email: info@aquariusrentacar.com**
**Web:www.aquariusrentacar.com**

**Vat Reg. No: MT 1065-9713 Com. Reg. No. C37927**

# Care Cuts

## Unisex Salon





Mon & Wed - Closed
Tue, Thu & Fri - 7:30am - 7:00pm
Sat - 7:00am - 6:00pm

'Arc En Ciel', Imqades Street, Zebbiegh, Mgarr Malta
Tel: 21574552 Mob: 79703141

# Ballut Farm Ltd

*Local Product ... Quality Guaranteed*

*Traditional Barn Reared*

FARM CHICK

**Did you try our cage free Omega 3 eggs?**
**... Better nutrition!**



**We offer fresh local graded eggs packed Small, Medium & Large**

**Available at Supermarkets & Retail Shops. We also supply Catering Establishments**

(+356) 9980 1719
(+356) 21 573 488
ballut.farm@maltanet.net
www.ballutfarm.com
Għajn Tuffieħa Rd, Għajn Tuffieħa, Malta


Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
Make your most important day of your life a memorable day!
A wide range of
• Wedding Cars for Hire • Mini Bus Service • Taxi Service
Opening Hours: Monday - Saturday: 9.00am - 12:00 • 5.00pm - 8.00pm Sunday: 9.00am - 12.00 am
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun • 5, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar
Tel: (+356) 2169 3247 • 2169 4212/1 • Mob: (+356) 9949 8829 • E-mail: newwes1@go.net.mt




Horace Spiteri

Tan-Newwes Funeral Services

## Xogħol ta' Funerali ...

- *Twiebet ta' Malta u ta' Barra*
- *Karrozzi tal-Mejtin tal-istess sid*
- *Knisja u Kant*
- *Fjuri*
- *Reffiegħa*
- *Santi*
- *Xandir fuq ir-Radju*
- *Avviżi fuq il-Gazzetti*
- *Karrozzi għall-familjari*
- *Dfin u qlugħ ta' rħama*
- *Permessi u dak kollu li għandkom bżonn għall-funeral*

Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz

'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele, Żejtun

Ⓜ 9949 8829 / 7749 8829 · Ⓣ 2169 4212 / 2169 3247

pullicin
ConBricks Limited





**Supply and delivery of Concrete and Bricks**



pullicin
Developers Ltd







**Construction, Excavation, Skip & plant hire**

info@pullicin.com
www.pullicin.com

21498928
99477324


NENU
THE ARTISAN
BAKER
4, Main Street, L-Imġarr 22 581 570
143, St Dominic Street, Valletta 22 581 535
www.nenuthebaker.com
nenuthebaker@maypole.com.mt
Authentic
MALTESE RESTAURANT


Cookies
Ice Cream
Bacio
Ice Cream
MAYPOLE
Cookies
2 Litre e
Ingredients used are GMO free
MAYPOLE
Bacio
Ice Cream
2 Litre e
Ingredients used are GMO free
MAYPOLE
bakers since 1900
Sir Temi Zammit Str, Żebbiegħ, Mġarr
info@maypole.com.mt
www.maypole.com.mt
BETTER CALL
MAYPOLE
22 581 581



Pure ChimiClean professional

Detergents and more...

62, Sir Harry Luke Str., Mġarr, Malta
**Tel: 2157 3180 • Mob: 9944 9926**
mjsammut@maltanet.net

• Laundry Liquid and Powder
• Strain Remover Powder
• Fabric Softeners
• Floor Detergents
• Sgrassatore
• Dishwashing Liquid Soap
• Hand Soap
• Bubble Bath

We also do delivery
Weekly offers (save money promotions)
Also available at Pure
Carpets
Plastics
Essential oils, Candles, Tarts
Gift Packs
Gift Vouchers
Storage Boxes
Nappies and more



NAWGURALKOM IL-FESTA T-TAJBA

REBEKAH CILIA
*Deputat Parlamentari*

/REBEKAHCILIA
99398791
REBEKAHCILIA.COM

# Għall-irħas xirja...

PAVI
SHOPPING COMPLEX
QORMI

PAMA
SHOPPING VILLAGE
MOSTA

SUPER PRICES EVERYDAY

*Kulħadd jaf!*

PAVIPAMA.COM.MT


Pet's World
Grooming Services
63, Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar
21580285 • 99847622 • 79663382
Pets World St. Paul's Bay


LIQUIGAS
Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
FUEL SUPPLIER
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS
Malta Ltd.
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com


Il-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha
fl-okkażjoni tal-festa
ta' Santa Marija
DELIA
Adrian
DEPUTAT
PARLAMENTARI

Agius Agricultural Trading LTD
Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek
Impurtaturi u distributuri ta
makkinarju agrikolu, fertillizanti,
xitel, frawli, bexx
tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu



Simon & Edward & Daniel
Funeral Services
99449578 - 79030197 - 99854432

# TRY OUR BBQ RANGE

**We have a wide and extensive range of delicious hand pre-prepared BBQ products for every size of BBQ.**

Our selection includes sausages, burgers, kebabs, ribs and much more.
All are homemade and of course great tasting.









## KEBABS

Chicken, Beef, Lamb Kofta, Chicken Satay

## STEAKS

Rib-eye, Cuberoll, Pork collar

## POULTRY

Buffalo Wings & Drumsticks, Chicken Breast in various flavours

## RIBS

Pork & Beef

## SAUSAGES

Fantastic homemade range including Rabbit, Veal, Chicken, Pork and Beef

## BURGERS

Extensive homemade range including Beef, Pork, Lamb, Chicken

MEAT & POULTRY MARKET
Snow White

Zebbiegh Road, Mgarr, MGR 9036, MALTA
t: +356 21575346 e: info@snowwhite.com.mt
www.snowwhite.com.mt


Tal-Plitt
Frott u haxix frisk minn tal-Imġarr
Triq Sir Temi Zammit
Żebbiegħ - Mġarr
Tel: 9923 6219
Opening hours:
Mon-Fri: 9 am - 7pm
Sat, Sun & Public Holidays:
8:30am - 6pm

# Il-Mitħna tal-Qamħ fil-Palma, l-Imġarr

Mario Vassallo

***Daħla***

Ix-xahar t'Awwissu reġa' magħna. U f'nofs dan ix-xahar tasal ukoll il-festa ta' Santa Marija. Però Awwissu ta' 80 sena ilu kien ferm differenti mil-lum. Dakinhar kien l-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-gżejjer Maltin, li kienu kolonja u fortizza tal-Imperu Ingliż fiċ-ċentru tal-Mediterran, kienu qegħdin isofru l-agħar attakki mit-Taljani u l-Ġermaniżi, li kienu stazzjonati fi Sqallija, 60 mil bogħod minna.

***Skarsezza ta' ikel***

Fl-1942 l-ikel f'dawn il-gżejjer kien beda jiskarsa ġmielu. L-Ingliżi kienu jafu b'dan u ħolqu s-sistema tar-ration fuq oġġetti essenzjali tal-ikel, fosthom il-ħobż, biex kulħadd imissu kemm suppost. Minbarra dan kienu qegħdin jiġu organizzati konvojs ta' bastimenti bil-proviżjon tal-ikel għal Malta. L-ewwel konvoj tal-1942 kien intbagħat fi Frar u minn tliet bastimenti ma wasal l-ebda wieħed. F'Marzu ntbagħat konvoj ieħor kompost minn erba' vapuri merkantili. Minn dawn tnejn irnexxielhom jidħlu l-port iżda ġew mgħarrqin mill-bombi tal-ajruplani Ġermaniżi qabel bdew jinħattu, bil-konsegwenza li ftit li xejn ġie salvat minn fuqhom. F'Ġunju ntbagħat konvoj ieħor ta' sitt vapuri merkantili minn Ġibiltà. Minn dawn 2 irnexxielhom jidħlu fil-Port il-Kbir u minn fuqhom inħattew madwar 15,000 tunnellata ta' ikel u proviżjon. Fl-istess ħin konvoj ieħor, kompost minn ħdax-il vapur merkantili, telaq minn Lixandra, l-Eġittu. Dawn sofrew attakki ħorox kontrihom u filwaqt li numru minnhom ġew mgħarrqin, l-oħrajn kellhom jerġgħu lura minn fejn telqu.

Din is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ikel għall-poplu Malti bdiet tisserja. Kien f'dan il-mument diffiċli li l-gvern Ingliż ftiehem mal-awtoritajiet tal-Knisja biex minn fuq l-artali javża li kien ser jinġabar il-qamħ mingħand il-bdiewa. Kif nafu l-qamħ (il-pjanta) jibda jinħasad f'Mejju u f'Ġunju jibda jindires biex jinġabar il-qamħ (iż-żerriegħa). Dan kien irid iservi biex jintgħamel il-ħobż għall-għejxien tal-familji, bħala ikel għall-bhejjem u biex jintrefa' ħalli jerġa' jinżera' fl-istaġun li jkun imiss. Xandru Muscat, tal-Qamar (1920-2011), dak iż-żmien bidwi żagħżugħ, kien baqa' jiftakar kif kienet is-sitwazzjoni fl-1942.

*"Fis-snin tal-gwerra kien jiġi uffiċjal tal-gvern li kien jikteb il-prodotti li kellna fir-raba' tagħna. Imbagħad fl-1942 il-gvern ħareġ ordni biex jinġabar il-qamħ li konna qegħdin*



*Bdiewa jaħsdu l-qamħ*

*inkabbru fl-għelieqi dik is-sena. Biex żgur ma jinħebiex jew ma jintilifx il-prodott, il-gvern kien bagħat is-suldati għassa magħna. Saħansitra kienu ntbagħtu anke xi nies biex jgħinuna fil-ħsad u fil-ġbir tal-qamħ, ħalli x-xogħol isir kemm jista' jkun malajr. Kulħadd kien beżgħan li l-prodott seta' jintilef minn xi nar jew mill-bombi tal-għadu. Imbagħad wara li jindires il-qamħ kien jinġabar fl-ixkejjer, jitgħabba fuq il-karettuni u jittieħed il-protection office."*

Il-ġbir tal-qamħ mill-Imġarr baqa' msemmi bħala għotja ġeneruża ħafna. Minn ittra li kiteb Dun Edgar Salomone f'ġurnal ta' dak iż-żmien sar magħruf li nġabru madwar 15,000 salma qamħ (li jiġu madwar 3,800 tunnellata) mingħand il-bdiewa Mġarrin, biżżejjed biex titma' lil Malta għal jumejn.

Għalkemm dan il-ġbir tal-qamħ għen fil-ħażna tal-ikel tal-gżejjer Maltin, is-sitwazzjoni baqgħet imwiegħra ħafna u kien ikkalkulat li jekk ma jaslux provisti ta' ikel minn barra sal-bidu ta' Settembru, Malta kien se jkollha ċċedi. Kif nafu, l-Ingliżi ħadu l-aħħar ċans u organnizzaw konvoj magħmul minn numru kbir ta' vapuri, 14 merkantili mħarsin minn flotta ta' 59 bastiment tal-gwerra. Tlieta minn dawk merkantili daħlu fil-Port il-Kbir nhar it-13 t'Awwissu 1942, ieħor l-għada l-14 t'Awwissu u ieħor nofsu mgħarraq u mwieżen minn żewġ destroyers, wieħed fuq kull naħa, iddaħħal nhar il-15 t'Awwissu, il-festa ta' Santa Marija. Dan il-konvoj, li baqa' magħruf bħala 'Ta' Santa Marija', salva lil Malta u fix-xhur ta' wara s-sitwazzjoni baqgħet titjieb minħabba li anke l-għadu beda jiddgħajjef.

### *Il-Cold War*

Għaddew ftit snin u l-periklu tal-gwerra reġa' beda jidher fuq ix-xefaq. L-Amerika u r-Russja bdew jisfidaw lil xulxin f'tellieqa bl-armamenti nukleari, dik li baqgħet magħrufa bħala l-Cold War. L-Imperu Ingliż, fost pajjiżi oħra, beda joffri l-għajnuna lill-Amerikani biex dawn ikunu jistgħu jibnu bażijiet militari fuq it-territorju tagħhom ħalli jkunu eqreb lejn ir-Russja. B'hekk kiber il-biża' li r-Russja tattakka dawn il-bażijiet Amerikani mxerrdin mal-Ewropa. Għal darb'oħra l-gżejjer Maltin reġgħu spiċċaw taħt id-dell tal-gwerra. Dan wassal biex fl-1951



*Il-qamħ, il-prodott bażiku minn fejn isir id-dqiq għall-ħobż*

il-gvern kolonjali Ingliż ħoloq id-dipartiment tas-Civil Defence, li fost affarijiet oħra kellu jistudja kif ser jilqa' għall-provista tal-ikel, speċjalment il-ħażna tal-qamħ fil-gżejjer Maltin f'każ ta' gwerra għax ma riedx jerġa' jgħaddi minn kważi falliment bħalma kien għoddu sofra inqas minn għaxar snin qabel.

Sa tliet snin wara kien ittella' pjan, fost segretezza kbira, biex jinbnew numru ta' magni għat-tħin tal-qamħ moħbijin fil-blat. Il-postijiet magħżula għal dawn il-magni kellhom ikunu kemm jista' jkun bogħod mill-portijiet u mill-ajruporti ta' Malta. Dan minħabba li naturalment dawn ikunu l-ewwel postijiet li jiġu attakkati. Regola oħra kienet li d-daħla jew il-bieb tal-post imħaffer fil-blat fejn kienu ser jinbnew dawn il-magni kellu jħares f'direzzjoni opposta tal-portijiet, biex kemm jista' jkun jitnaqqas il-periklu ta' radjazzjoni nukleari f'każ li jintużaw dawn l-armamenti.

It-twettiq ta' dan il-pjan seħħ bejn l-1954 u l-1955 u b'kollox sewa lill-gvern Ingliż is-somma fenomenali, għal dak iż-żmien, ta' £250,000, jew 3% tal-budget annwali tal-1955-56.

Il-pjan kien li jinbnew 7 magni tat-tħin tal-qamħ f'Malta u oħra f'Għawdex. Il-postijiet magħżula kienu dawn: il-Buskett, fejn inbnew tnejn, u waħda f'San Ġwann, il-Palma fl-Imġarr, San Martin, il-Mistra, il-Mellieħa u l-oħra fil-wied tax-Xlendi, Għawdex.

### *Tqattigħ ta' blat*

Ta' interess partikolari għalina hija l-mitħna li nbniet fil-Palma, limiti tal-Imġarr. Ix-xogħol tat-tqattigħ tal-blat kienu ndaħlu għalih żewġ kuntratturi mill-Imġarr li dak iż-żmien kien jaħdmu bi sħab. Dawn kienu Ġużepp Vella, Tas-Swej, flimkien ma' Ġanni Muscat, Tas-Soldi. Dawn kienu qabbdu magħhom lil erba' baqquniera tas-sengħa. Wieħed minnhom kien Mikiel Galea, Tal-Ħelu (1924-2016), li kien baqa' jiftakar sew dan ix-xogħol.



*Id-dħul ewlieni għall-magna tat-tħin – mina mqattgħa fil-blat*

*"It-tqattigħ tal-blat għall-magna tat-tħin tal-Palma ħdimna fiha erba' baqquniera tas-sengħa Mġarrin. Tnejn kienu jaħdmu binhar u tnejn billejl. Konna jien, li kont naħdem fuq il-lemin, u Karmnu Muscat, il-Gellux, li kien jaħdem fuq ix-xellug, u l-oħrajn kienu Ġużepp Vella, Ta' Lonza, li kien jaħdem lemini, u Ġużepp Borg, Ta' Żoloq, li kien jaħdem xellugi. L-ewwel bdejna nqattgħu l-mina, li hi twila xi mitt pied jew 30 metru. Waqt li tkun qiegħed tqatta' bil-baqqun trid tieħu ħsieb li x-xogħol, jiġifieri li l-ġnub u s-saqaf tal-mina, jiġuk dritti. Dan isir billi tosserva d-dellijiet li jibdew jiffurmaw jekk ma tkunx qiegħed dritt. Għalhekk sakemm ikun binhar ikollok id-dawl tal-ġurnata, li jikxef id-difetti, filwaqt li billejl konna ninqdew b'xemgħa jew musbieħ imqiegħed ġo ħofra żgħira fil-ħajt li nkunu għamilna*

*għal dan il-għan. L-ewwel konna nqattgħu trinka ta' xi 3 piedi biex tifforma l-ġenb. Imbagħad tkun trid tqatta' t-trinka li tifforma s-saqaf tal-mina. Din kien ikun fiha t-tbatija,* għax trid toqgħod tbaqqan fl-immejjel b'rasek b'kollox. *Il-blat li jibqa' fin-nofs konna nisparawh bil-furnelli, jiġifieri bi ftit ġelatina. Wara li dħalna dawk il-mitt pied, il-mina riedet iddur parti lejn ix-xellug u parti lejn il-lemin. Il-mina li ddur lejn ix-xellug ma kinitx twila u kienet ser tintuża bħala maħżen żgħir u workshop għall-manutenzjoni. L-oħra, li kienet iddur lejn il-lemin, kellha tiġi ġo sala kbira u għolja fejn kellha titqiegħed il-magna tat-tħin. Biex qattajna s-sala sofrejna* ħafna tbatija, għax trid tbaqqan il-blat li hemm fuq rasek u t-trab u l-ġebel li tqatta' *jinżel kollu* ġo ħobbok. Imbagħad trid tifforma s-saqaf u tibda nieżel *'l isfel saff saff. Haġa favur tagħna kienet li l-blat ma kienx iebes. Fuq ġewwa tas-sala l-kbira ridna nqattgħu passaġġ dejjaq li jkun jinfed ma' żewġ ġwiebi kbar li kellhom jintużaw għall-ħażna tal-qamħ, illum magħrufin bħala silos tal-qamħ. It-tqattigħ ta' dawn il-ġwiebi bdejnieh minn wiċċ il-blat in-naħa ta' fuq il-post sakemm infidna mal-passaġġ li diġà semmejt, u allura ma tantx batejna. Dawn is-silos, flimkien mas-sala l-kbira fejn kellu jitqiegħed il-makkinarju, kienu ġew miksija bis-siment u mbajdin minn Anġlu Mifsud, Kalanġ u Salvu Muscat, Ta' Smejn, it-tnejn mill-Imġarr ukoll."*

### *Il-magni tat-tħin tal-qamħ*

Il-magni tat-tħin, tmienja b'kollox, kienu manifatturati mid-ditta Ingliża Thomas Robinson and Son of Rochdale, kumpanija li dak iż-żmien kienet magħrufa sew f'dan il-qasam. Il-magna f'Tal-Palma, simili għall-oħrajn, kienet armata fuq tliet livelli ġos-sala l-kbira li semmejna qabel. Il-makkinarju kollu kien jiddawwar minn magna diesel Petter-Fielding 80 hp type FH2, li tpoġġiet fil-livell tan-nofs, li jiġi livell mad-dħul prinċipali, permezz ta' sistema ta' ċineg u pulleys ta' qisien differenti mwaħħlin ma' żewġ xaftijiet ewlenin li tqiegħdu fil-livell t'isfel. L-istess magna kienet iddawwar ukoll generator li kien jipprovdi d-dawl għall-post kollu. Fil-livell tan-nofs ukoll ġew armati l-magni bir-rombli tal-ħadid biex jitħnu l-qamħ u l-apparat fejn jitnaddaf u jinħasel il-qamħ qabel jintaħan. Fil-livell ta' fuq ġew armati magni b'għeriebel ta' qisien differenti biex il-prodott jintgħażel minn xulxin wara li jkun għadda mill-magni tat-tħin.

Il-proċess kollu kien ippjanat li jaħdem hekk. Il-qamħ kellu jinġieb permezz ta' trakkijiet li kellhom jgħaddu minn trejqa apposta għal fuq il-blat fejn kien hemm il-magna. Dawn kellhom jarbulaw it-tagħbija għal ġos-silos, li b'kollox kienu jesgħu 1,000 tunnellata qamħ. Minn hemmhekk il-qamħ kien jgħaddi permezz ta' conveyor għal ġol-magna tat-tindif u tal-ħasil. Wara li jitnixxef ftit il-



*Il-magni fejn jintaħan il-qamħ*



Magni tal-għeriebel

qamħ kien jgħaddi għal ġol-magni tat-tħin, li permezz ta' żewġ rombli tal-ħadid jifqgħu l-qamħ bejniethom. Minn hemm il-prodott kien jitla' fil-magni tal-għeriebel fil-livell ta' fuq u jingħażel id-dqiq, is-smid, in-nuħħala u l-qxur minn ma' xulxin. Dawn il-prodotti separati kienu jerġgħu jinżlu fil-livell tan-nofs, fejn kienu jimtlew l-ixkejjer. Minn hemm il-prodott finali kien jitgħabba fuq it-trakkijiet u jinħareġ mill-mina ewlenija.

Dawn il-magni kienu miżmumin taħt segretezza kbira. Fil-bidu tal-mina kienet tħaffret kamra fil-blat fejn seta' joqgħod għassies lejl u nhar biex jiżgura li ħadd ma jidħol bla permess. Kienet twaħħlet anke tabella tal-injam li turi li ħadd ma seta' jidħol hemm jekk ma jkunx awtorizzat. Kultant żmien dawn il-magni tat-tħin kienu jingħataw il-manutenzjoni meħtieġa u kienu jitħaddmu mingħajr qamħ biex ikun żgurat li f'każ ta' emerġenza jagħmlu xogħolhom.

Għaddew is-snin u l-biża' ta' xi attakk bl-armamenti nukleari beda jonqos. Ġara li dawn il-magni tat-tħin tal-qamħ qatt ma ħadmu u qatt ma ċċappsu bil-qamħ. Il-magna f'Tal-Palma baqgħet tkun mgħassa sal-1973 u mbagħad ingħalqet għalkollox u baqgħet siekta u mistura fil-blat. Matul is-snin il-makkinarju baqa' f'kundizzjoni tajba, ħlief għall-magna diesel li f'maltempata ta' xita qawwija li ġrat nhar il-25 t'Ottubru 1979 imtliet bl-ilma tax-xita li daħal mill-mina prinċipali u għarraq il-post.

Minn meta nħolqot is-sistema tal-kunsilli lokali dak tal-Imġarr dejjem ħa ħsieb li dan il-wirt industrijali jinżamm taħt ċerta attenzjoni. Fil-fatt fl-2005 kien għamel xogħol ta' restawr fuq il-makkinarju u fuq il-post biex kemm jista' jkun dan jinżamm fl-istat oriġinali tiegħu. Kien sar ukoll xogħol fuq is-sistema tal-elettriku, fejn iddaħħal id-dawl mis-sistema tal-gvern biex ma jibqax jiddependi minn generator li ma jaħdimx. Dan ix-xogħol kien ġie inawgurat nhar id-19 ta' Frar 2006. Dakinhar il-pubbliku kien mistieden biex iżur, jara u jitgħallem biex aktar japprezza l-wirt kulturali, f'dan il-każ industrijali, li jinsab fl-inħawi tal-Imġarr.




*It-tabella tal-injam*
*(ritratt: Brian Cauchi)*

***Endnotes***

1 *Tagħrif miksub mingħand Xandru Muscat nhar id-9 t'Awwissu 2009.*
2 *Vassallo, Vincent. "Ħamsin Sena Ilu" f'Dawl il-Punent, nru 48: April 1992*
3 *Aquilina, Sandra. "Deep Inside the Past" f'Sunday Circle: 11 November 2011*
4 *Ibid.*
5 *Tagħrif miksub mingħand Mikiel Galea nhar l-20 ta' Frar 2006*



# Il-Verġni Marija fil-Qalb ta' Patri Piju

Patri Mario Attard OFM Cap



Il-festa ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, l-Assunta, bħala Franġiskan Kapuċċin tfakkarni x'kien iħobb jgħid xi ħadd li lil Marija aqta' kemm kien, għadu u jibqa' jħobbha! Qed nirreferi għal ħija fl-Ordni Kapuċċin San Piju minn Pietrelcina, jew kif nafuh aħjar, Patri Piju.



San Piju minn Pietrelcina

Minn dawn il-kwotazzjonijiet li beħsiebni naqsam magħkom minn qalbi wieħed ma jistax ma jilmaħx l-imħabba u d-devozzjoni kbira li kellu dan il-qaddis, il-miġruħ tal-Gargano, lejn Ommna, il-Verġni Marija. F'dawn il-kwotazzjonijiet wieħed ma jistax ma jammirax l-imħabba kbira li Patri Piju kellu lejn ir-rużarju mqaddes. Skont Patri Luciano Lotti OFMCap, is-Segretarju Ġenerali tal-gruppi ta' talb ta' San Piju, dan il-qaddis Kapuċċin kien jaqla' ħemel grazzji għan-nies proprju minħabba t-talb bla waqfien tiegħu tar-rużarju mqaddes. Fl-esperjenza spiritwali tiegħu Patri Piju għaraf sewwa s-siwi kbir li Ommna Marija għandha fil-ħajja ta' kull Nisrani. Għalhekk kien jaf ukoll bl-importanza li r-rużarju għandu jkollu f'idejna l-Insara. Għal Patri Piju r-rużarju kien l-arma kontra Satana.

Għalina li jkollna, irridu jew ma rridux, naffaċċjaw ħafna problemi f'dawn jiemna ibsin f'din id-dinja, Patri Piju hu wieħed mill-qaddisin li lilna jimliena bil-kuraġġ, l-għaliex bit-talb u t-tmexxija tiegħu aħna nistgħu nibqgħu miexja 'l quddiem fil-ħajja, minkejja kollox. Patri Piju ffaċċja l-inkwiet u t-tbatijiet tiegħu permezz tat-talb, tal-quddiesa u tal-imħabba u d-devozzjoni tiegħu lejn il-Verġni Marija. Anki fl-imħabba tiegħu lejn Marija jidher ċar kristall kliemu: *Itlob, ittama u tinkwetax.*

Għal Patri Piju fid-diffikultajiet tagħna għandna nsiru ħaġa waħda mal-Qalb Imnikkta ta' Ommna Marija, li ssir għalina skola ta' kif għandna ngħixu t-tbatija tagħna, għax il-valur ta' ruħna hu bla qies. Jgħidilna dan il-qaddis Kapuċċin: *Ejjew nintrabtu sewwa mal-Qalb Imnikkta ta' Ommna tas-Sema u nirriflettu fuq in-niket bla qies tagħha u kemm hi prezzjuża ruħna.*



Padre Pio jitlob it-talba tar-rużarju

Fil-viżjoni ta' Patri Piju, Marija hi dik li tħarisna bil-ħarsa mimlija mħabba u tenera tagħha. Hekk jgħidilna l-Qaddis tal-Gargano: *Jalla Omm Ġesù u Ommna dejjem titbissem fuq l-ispirtu tiegħi, u taqlgħalna għalih, minn Binha l-Aktar Qaddis, kull barka mis-sema.*

Jekk aħna wlied Marija aħna wliedha anki meta hi tinsab taħt is-salib. Għalhekk Patri Piju jħeġġeġ lilek u lili biex inżommu kumpanija lil Ommna Marija. Iħeġġiġna dan il-qaddis: *Mur u żomm kumpanija lil Ġesù fil-passjoni tiegħu u ma' Ommu Mnikkta.*

Il-fatt li Marija hi Omm Ġesù, Alla magħmul bniedem, ifisser li hi ommna wkoll! Dan it-tagħrif jimliena bit-tama li mħabbitha għalina wasslet sal-punt li offriet l-istess ħajjitha biex int u jien insalvaw bl-IVA tagħha li tkun Omm Alla, Omm it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa. Jgħidilna Patri Piju: *Hu biżżejjed għalik li tkun taf li Marija hi Omm Ġesù… Hi tħobbna daqshekk li offriet lil Alla l-Missier 'l Ibnu l-Waħdieni biex isalva lil uliedu adottivi… Hi kbira u teżor li ma jitqiesx, li* tħaddan *fiha teżor infinit, l-Iben t'Alla.*

Patri Piju kien akkanit għat-talba tar-rużarju. Kemm grazzji qala' għal dawk li talbuh jitlob għalihom b'din it-talba daqshekk qawwija! Il-Qaddis tal-Gargano jurina l-għaliex din it-talba hi daqshekk b'saħħitha: biha l-ħażen hu mirbuħ. Barra minn hekk, fil-fehma ta' Patri Piju, kienet Marija li għallmitna din it-talba, l-istess bħalma Ġesù kien li għallimna t-talba tal-Missierna. Jgħidilna Patri Piju: *Jekk dejjem inwettqu dak li wettqu missirijietna qabilna ma nistgħux niżbaljaw. Satana jrid jeqred din it-talba imma f'dan qatt mhu se jirnexxilu. Ir-rużarju hu t-talba ta' dawk li jittrijonfaw fuq kollox u fuq kulħadd. Kienet Ommna Marija li għallmitna din it-talba bħalma kien Ġesù li għallimna l-Missierna.*

Konxju mill-qawwa tat-talb tal-Verġni Marija f'ħajtu Patri Piju jistqarr li hu seta' jibqa' għaddej fil-ġlidiet tiegħu ta' ħajtu proprju l-għaliex kien imwieżen mill-għajnuna tal-Verġni Marija. Mingħajrha ma seta' jagħmel proprju xejn! Jistqarrilna hu stess: *Xi nies huma tant bla moħħ li jaħsbu li jistgħu jibqgħu għaddejjin fil-ħajja mingħajr l-għajnuna tal-Verġni Marija.*

Meta kien mistoqsi dwar jekk il-Verġni Marija tkunx preżenti matul il-quddiesa, Patri Piju wieġeb: *Iva, tkun f'ġenb imma nista' naraha. X'ferħ! Hi dejjem preżenti. Kif*

*jista' jkun li Omm Ġesù, preżenti fuq il-Kalvarju f'riġlejn is-salib, li offriet lil Binha bħala vittma* għas-salvazzjoni tal-erwieħ tagħna, *ma tkunx preżenti wkoll fuq il-Kalvarju mistiku tal-artal?* Kos, hux! Jekk Marija hi preżenti f'kull Ewkaristija li tiġi ċċelebrata, u jien ngħid li nħobb lil Marija, kif nista' nitlef quddiesa li hi quddiesa?



San Piju jitlob quddiem xbieha tal-Madonna tal-Grazzji f'San Giovanni Rotondo

Fl-esperjenza spiritwali tiegħu ta' Marija, Patri Piju tgħallem li din Ommna tas-Sema tassew hi t-Tron tal-Għerf. Hi għamlet l-aħjar għażliet għal ħajjitha. Għax f'kollox ħalliet lilha nnifisha titmexxa mill-Ispirtu s-Santu. Dan Patri Piju jsaħħaħhulna meta jgħidilna: *Ejjew nippruvaw, bħal ħafna erwieħ magħżulin, nimxu wara din l-Omm Imbierka, li nimxu dejjem viċin tagħha, li ma nidħlu fl-ebda mogħdija li twassal għall-ħajja* għajr dik li minnha għaddiet Ommna.

Fil-ħsieb u fl-ispiritwalità ta' Patri Piju wieħed malajr jintebaħ li Marija hi t-triq li tieħu għall-glorja tas-sema. Jgħidilna Patri Piju: *Dejjem ibqa' viċin din l-Omm tas-sema, l-għaliex hi l-baħar li għandu jinqasam biex minnu wieħed jasal fix-xtut tal-Isplendur Etern.*

Fl-aħħar nett nixtieq nirritorna mill-ġdid fuq is-suġġett tant għal qalb Patri Piju, ir-rużarju. F'waħda mir-riflessjonijiet profondi tiegħu hu jgħidilna: Ħobb lill-Madonna u itlob ir-*rużarju, għax ir-rużarju tagħha hu l-ġlieda kontra l-ħażen tad-dinja llum. Il-grazzji kollha li l-Mulej jagħti jgħaddu minn Ommna Mbierka.* Jekk dan hu minnu, l-għaliex għandi nħalli ġurnata tgħaddi minn fuqi mingħajr ma nitlob it-talba qawwija tar-rużarju? Jekk insibha diffiċli li nitlobha waħdi nista' ningħaqad ma' Radju Marija jew radjijiet oħra jew stazzjon tat-televiżjoni u nitlob ir-rużarju magħhom? Nista' wkoll nitlobha fuq YouTube ma' xi clip li nsib. Mingħajr ir-rużarju ma nistgħux nibqgħu nissieltu kontra l-ħażen u nirbħulu! Ejjew nitolbuh KULJUM u nħajru fuq Facebook lil min jitolbu wkoll!

Jalla dawn is-sentenzi jolqtuk u tkun l-ewwel wieħed u waħda li taqsamhom mal-familja tiegħek, ħbiebek u fuq il-Facebook tiegħek ukoll. Taf li int ukoll imsejjaħ jew imsejħa biex tevanġelizza lil Ġesù Kristu u lil Ommu u Ommna tas-sema, l-Imqaddsa Marija, permezz tal-kelmiet sbieħ u divini, għax imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, li ħarġu mill-fomm u mill-qalb ta' dan il-kbir Franġiskan tas-seklu għoxrin, San Piju tal-Pjagi? Jekk tħobb lil Marija u lil Patri Piju nħeġġek li dawn ir-riflessjonijiet taqsamhom mal-oħrajn, illum qabel għada.

San Piju minn Pietrelcina, itlob għalina.



# Id-Domma tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna

Kav. Stanley Mangion

It-tagħlim tal-Knisja Kattolika dwar it-tlugħ fis-sema tal-Madonna nistgħu narawh fid-dawl ta' tliet aspetti. L-ewwel wieħed hu t-Tradizzjoni Kattolika. Imkien fil-kitbiet evanġeliċi ma nsibu miktuba l-ġrajja tal-Assunzjoni tal-Madonna. Imma din il-ġrajja nsibuha miktuba f'ħafna kotba li ma jagħmlux parti mill-Kotba Mqaddsa imma li huma ta' valur storiku kbir. Huma jitkellmu dwar ir-raqda tal-Madonna. Hawn qed jirreferu x'aktarx għall-mewt tal-Madonna. Jissemmew ukoll il-miġja mirakoluża tal-appostli kollha li kienu mifruxin ma' kullimkien ixandru l-evanġelju. Isemmu l-ftuħ tal-qabar tal-Madonna, minħabba li Tumas ma kienx preżenti fid-difna tal-Madonna, u hemmhekk raw il-qabar battal għax il-Madonna kienet telgħet is-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Dawn ir-rakkonti juruna t-twemmin tal-ewwel Insara dwar it-tlugħ fis-sema tal-Madonna.

It-tieni aspett li fih nistgħu nirriflettu d-domma tat-Tugħ fis-Sema tal-Madonna hu l-aspett teoloġiku ta' dan it-tagħlim fuq il-Madonna. Aktar milli l-mewt, it-taħsir tal-ġisem hu frott tad-dnub u tad-dnub oriġinali li raddewlna l-ewwel



*Il-qabar fejn indifnet il-Madonna qabel ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Dan jinsab f'santwarju barra l-ħitan ta' Ġerusalemm, viċin l-Ort tal-Ġetsemani*

ġenituri tagħna, meta għażlu li ma jobdux l-amar t'Alla u jimxu fuq dak li hu tajjeb u jwarrbu dak li hu ħażin. Għalhekk it-taħsir tal-ġisem, għax il-bniedem jgħix il-frott tad-dnub. Imma l-Verġni Marija kienet immakulata, jiġifieri bla ebda tebgħa tad-dnub. Dan kien bi privileġġ singulari għax il-Madonna hi Omm Alla. Għalhekk, għax il-Madonna twieldet bla ebda ħtija tad-dnub, ma kienx mistħoqq lill-ġisem tagħha jara t-taħsir. Għalhekk il-Madonna kienet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Il-bniedem jitla' l-ġenna u jiltaqa' mal-Mulej bir-ruħ biss. Imbagħad, meta jasal iż-żmien, il-ġisem tal-bniedem jerġa' jilbes l-immortalità tiegħu biex jerġa' jingħaqad mal-Mulej bir-ruħ u bil-ġisem. Kristu kien l-ewwel wieħed li qam minn bejn l-imwiet. San Pawl jgħidilna, "wara kulħadd kif imissu". Marija bi privileġġ waħdieni għaddiet minn din il-fażi tal-qawmien tal-ġisem eżattament wara Kristu, għax il-Madonna kienet wild bla dnub u għalhekk il-ġisem tagħha ma kellux jgħaddi mit-taħsir tiegħu, imma kellha tmur tgawdi lit-Trinità Qaddisa mill-ewwel, wara Kristu.

Aspett ieħor teoloġiku hu li permezz ta' Marija kellha titwettaq ir-rebħa kompleta tal-ħażen u tal-qawwa tax-xitan. Il-gwerra bejn ix-xitan u bejn nisel Marija se tkun rebħa sħiħa mingħajr l-ebda nuqqas jew difett, għax ix-xitan, qawwi kemm hu qawwi, irid jintrebaħ għalkollox. Għalhekk kif tista' sseħħ din ir-rebħa kompletament jekk il-Madonna ma tilbisx mill-ewwel l-immortalità tal-ġisem? Kieku l-Madonna kienet suġġetta għat-taħsir tal-ġisem ikun ifisser li r-rebħa fuq d-dnub ma tkun qatt sħiħa. Iż-żewġ protagonisti ewlenin ta' din il-ġlieda, Ġesù u Marija, qatt ma kellhom jgħaddu mill-esperjenza tat-taħsir tal-ġisem – jekk id-dnub irid jintrebaħ għalkollox, ma jistax ikun li l-protagonisti ta' din il-ġlieda jgħaddu mit-taħsir tal-ġisem.



*Id-daħla li tagħti għall-post fejn hemm il-qabar tal-Madonna*

Imbagħad hemm ukoll l-aspett bibliku. Hu minnu, kif diġà għedna, li m'hemm l-ebda rakkont dirett tal-grajja tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna. Imma hemm ħafna referenzi għal din il-ġrajja unika li għaddiet minnha l-Madonna wara l-esperjenza tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt. Insemmu l-ewwel il-Mara tal-Apokalissi. San Ġwann l-Evanġelista, id-dixxiplu maħbub ta' Ġesù u l-ħarries tal-Madonna, kemm damet tgħix fuq din l-art wara l-mewt ta' Ġesù, fil-ktieb tiegħu tal-Apokalissi jagħtina d-dehra glorjuża tal-Madonna. Hekk jikteb San Ġwann dwar din id-

dehra rebbieħa tal-Madonna: "Deher sinjal kbir fis-sema. Mara liebsa x-xemx u l-qamar taħt riġlejha, b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha u kellha iben." Dehra tassew sabiħa tal-Madonna glorjuża fis-sema u rebbieħa fuq kull dnub u fuq ix-xitan. Kif qatt jista' jkun isseħħ din id-dehra glorjuża tal-Madonna jekk qatt il-Madonna kienet suġġetta għat-taħsir ta' ġisimha?



Id-daħla li twasslek fejn il-qabar tal-Madonna

Il-Madonna hi l-arka tal-Patt il-Ġdid. L-arka tal-patt il-qadim kienu jinżammu fiha t-twavel tal-Liġi u xi manna tad-deżert. L-arka tal-patt il-qadim kienet għażiża wisq għall-poplu Lhudi. Kienet l-arka tad-deheb. Kienet tinġarr biss mil-leviti. Kienet arka qaddisa li ħadd ma jista' jmiss, ħlief min hu kkonsagrat. Il-Madonna bħala l-arka tal-Patt il-Ġdid ġarret il-ġisem ta' Ġesù, tassew Alla u tassew bniedem. Il-ġuf tal-Madonna sar l-arka qaddisa tal-Mulej u tqaddset bil-preżenza tal-bniedem-Alla. Kif qatt din l-arka qaddisa tal-patt il-ġdid issofri t-taħsir tagħha u tkun suġġetta għall-umiljazzjoni hekk kbira tat-taħsir? L-arka tal-patt il-ġdid kellha tkun rebbieħa għalkollox. Kellha tkun bla difett tad-dnub u għalhekk żgur li qatt ma kien jixraq li din l-arka tal-patt il-ġdid tkun suġġetta għat-taħsir, dik l-arka li l-preżenza ta' Kristu fiha bħala tarbija fil-ġuf qaddsitha kompletament sa minn qabel twelidha u bi privileġġ singulari gawdiet ir-redenzjoni ta' Kristu sa minn qabel twelidha.

Silta oħra hi d-dehra tat-tħabbira. L-anġlu sellmilha bħala "mimlija bil-grazzja". Għalhekk l-anġlu stieden lill-Madonna biex tifraħ għax hi tassew mimlija bil-grazzja. X'ferħ ikbar jista' jkun hawn fid-dinja milli dak il-ferħ ikun ġej għax tkun "mimlija bil-grazzja"? Jekk Marija kienet mimlija bil-grazzja, kif qatt jista' jkun li l-ġisem tagħha jara t-taħsir tal-art? Jew li l-ġisem tagħha jittiekel mid-dud tal-art? Hu impossibbli li min hu mimli bil-grazzja jgħaddi mill-esperjenza tat-taħsir. It-taħsir mhux xieraq f'qagħda bħal din, fejn il-Madonna laħqet il-milja tal-grazzja ġewwa fiha. "Kull nisel isejjaħli hienja għax il-Mulej għamel miegħi ħwejjeġ kbar." Il-Madonna tissejjaħ 'hienja' wkoll għax il-ġisem tagħha kien salvat mit-taħsir tal-art.

Biss, inħoss li l-isbaħ esperjenza evanġelika li twieġeb tajjeb għall-privileġġ tal-assunzjoni tal-Madonna hi dik l-istorja tant importanti li nsibuha miktuba

fl-Evanġelji. Kien hemm ħin meta, kif idommu l-evanġelisti, il-Madonna nnifisha flimkien mal-qraba marru jfittxu lil Ġesù, li kien qed jipprietka. "Ara, hawn ommok u ħutek qed ifittxuk." B'"ħutek' kien qed jirreferi għall-qraba ta' Ġesù. Ġesù, pront pront, wieġeb: "Ommi u ħuti? Ommi u ħuti huma dawk kollha li jagħrfu r-rieda t'Alla u jħarsuha." Forsi jidher kliem li jissorprendina. Imma kif jgħid tajjeb Santu Wistin, kien qed jirreferi għall-Madonna bħala dik il-ħlejqa li wettqet fl-akbar milja tagħha r-rieda t'Alla. Iva, il-Madonna wettqet ir-rieda t'Alla sa minn qabel kellha biss il-ħjiel tagħha. L-IVA tal-Madonna waqt it-tħabbira ma kinitx marbuta ma' xi kundizzjoni. Kienet iva totali, sħiħa u bla ebda pretensjoni. X'kienet taf il-Madonna dwar il-futur tagħha, ħlief li kellha tkun Omm Alla jew Omm il-Mulej? Il-Madonna ma ntrabtet ma' xejn ħlief mar-rieda t'Alla. Dan hu li jagħmel il-Madonna tassew kbira. Il-Madonna hi kbira mhux għax hi immakulata. Mhux għax hi xebba verġni. Il-Madonna hi tassew kbira għax wettqet fil-milja tagħha r-rieda t'Alla. U bħal Marija aħna nkunu kbar u xierqa daqskemm naħdmu biex ngħaqqdu r-rieda tagħna mar-rieda t'Alla.



*Il-post li toħroġ fih wara li żżur il-qabar tal-Madonna*

Kien il-Papa Piju XII li hekk kif intemmet it-Tieni Gwerra Dinjija beda jaħdem biex jiddikjara bħala domma tal-Knisja Kattolika t-tagħlim dwar it-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Wara konsultazzjoni sħiħa mal-isqfijiet kollha tad-dinja u wara talbiet bl-eluf mill-poplu t'Alla, il-Papa Piju XII nhar l-1 ta' Novembru 1950, quddiem folla enormi li mliet Pjazza San Pietru, permezz tad-dikjarazzjoni solenni *Munificentissimus Deus* iddikjara li meta Marija temmet il-ħidma tagħha fuq din l-art, hi kienet mgħollija s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Għalhekk issa dan it-tagħlim sar parti mid-depożitu tal-fidi.



*San Piju XII, li fis-sena 1950 iddikjara d-domma tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna*

Il-Papa Piju XII ħalla miftuħa beraħ il-kwistjoni tal-mewt tal-Madonna. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II qabel li l-Madonna, bħal binha Ġesù, x'aktarx li mietet ukoll. Imma bħal binha Ġesù wara tlett ijiem fil-qabar kienet mgħollija fil-glorja tal-ġenna, bir-ruħ u bil-ġisem, u għalhekk il-ġisem qaddis tagħha ma rax it-taħsir tal-qabar bħalma jara t-taħsir il-ġisem tagħna sa ma jerġa' jakkwista l-immortalità tiegħu, magħqud mill-ġdid mar-ruħ.

# Id-Devozzjoni ta' San Ġorġ Preca Lejn il-Madonna

S.F.

Id-devozzjoni vera lejn Marija hija karatteristika ta' kull qaddis. Fil-pjan tas-salvazzjoni tal-bniedem Alla ried li Marija jkollha sehem kbir u waħdieni, u meta wieħed jersaq lejn Ġesù ma jistax ma jersaqx lejn ommu Marija. Id-devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn il-Madonna toħroġ mir-relazzjoni sabiħa tagħha ma' binha Ġesu. Għalhekk hija devozzjoni 'Kristoċentrika', kif jgħidilna li għandha tkun il-Konċilju Vatikan II.

Fil-kitbiet tiegħu Dun Ġorġ jurina biċ-ċar li kien iqim u jħobb lill-Madonna għax hija Omm Kristu, il-Feddej. Fil-ktieb *Ġinnasju Spiritwali* jfissrilna x'inhi l-vera devozzjoni lejn Marija: "*Qima qaddisa kollha stmerrija lejn id-dnub u kollha għożża lejn il-virtujiet, b'qima kostanti li ma tabbandunax l-eżerċizzi spiritwali, b'qima diżinteressata li tfittex 'l Alla waħdu u 'l Alla fl-Omm qaddisa tiegħu…*"



*Il-kuruna tar-rużarju*

Prinċipalment id-devozzjoni Marjana ta' Dun Ġorġ iddur fuq tliet titli: ir-rużarju, il-laptu u l-Midalja Mirakoluża. Kien isejħilhom 'tliet armi potentissimi'.

### *Ir-Rużarju*

Oħtu Antonja mietet ta' 30 sena f'April 1900, u Dun Ġorġ isemmi li wara mewtha dehritlu u wrietu l-kuruna mdawra ma' idha u qaltlu: "Ġorġ, lili din il-kuruna salvatni." Wara din il-ġrajja Dun Ġorġ xerred kemm felaħ id-devozzjoni lejn ir-rużarju. Kien jenfasizza li r-rużarju għandu jingħad sewwa u bla għaġla, bil-meditazzjoni tal-misteri, billi huwa talba kemm vokali u kemm mentali. Ta' spiss kien jgħid: "Il-Madonna sa nofsillejl tibqa' tistenna biex insellmulha bir-rużarju." Kiteb ukoll ktejjeb, *Ir-Rużarju tal-Madonna*, imqassam għal 15-il Sibt biex jgħallem kif ir-rużarju jista' jingħad aħjar.

Madwar is-sena 1957 kien ukoll ħareġ b'ħames misteri tar-rużarju differenti minn dawk tradizzjonali u sejħilhom 'Misteri tad-Dawl', li jittrattaw il-ħajja pubblika ta' Ġesù. Kellu jkun is-16 t'Ottubru 2002 meta l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-ittra appostolika *Rosarium Virginis Mariae*, maħruġa fl-okkażjoni tal-bidu tas-Sena tar-Rużarju, ippreżenta wkoll lill-Knisja ħames misteri simili tar-rużarju, imsejħin ukoll 'Misteri tad-Dawl'.

*Il-Laptu tal-Karmnu*

Jista' jkun li din id-devozzjoni twieldet f'Dun Ġorġ minħabba l-fatt li twieled daqshekk qrib is-santwarju tagħha fil-Belt Valletta u baqa' jħares il-jum tagħha tas-16 ta' Lulju. Forsi wkoll għax dakinhar fi tfulitu huwa kien se jegħreq taħt il-Barrakka t'Isfel u kien salvah Mikiel il-barklor. Dun Ġorġ inkiteb terzjarju Karmelitan bl-isem ta' Franco f'Lulju 1918. Kien iħobb itenni kliem il-Madonna, skont tradizzjoni antika, lil San Xmun Stock: "Min imut bil-laptu fuqu jinħeles mit-telfien ta' dejjem." Fl-aħħar mill-aħħar it-tifsira tal-laptu mhijiex ħlief li nilbsu l-virtujiet ta' Marija, libsa spiritwali aktar milli libsa materjali.

*Il-Midalja Mirakoluża*

Din id-devozzjoni hija marbuta mad-dehra tal-Madonna li seħħet lil Santa Katerina Labouré fil-kunvent tas-Sorijiet tal-Karità ta' San Vinċenz de Paule, li hemm ġewwa Rue du Bac, Pariġi fi Franza fl-1830. Fid-dehra Santa Katerina kellha viżjoni tax-xbieha li hemm fuq il-Midalja Mirakoluża bil-kliem: "O Marija, imnissla mingħajr ħtija, itlob għalina, aħna li nirrikorru lejk." Wara semgħet leħen jgħidilha: "Agħmel kopja ta' din il-midalja fuq dan il-mudell li qed nurik; kull min iġib din il-midalja jirċievi grazzji kbar, speċjalment jekk jilbisha madwar għonqu. Il-grazzji jkunu abbundanti jekk jilbisha bil-fiduċja." Kienet l-għaxqa ta' Dun Ġorġ li jxerred din id-devozzjoni, u kien iħobb jgħid: "Ilbes id-domna u ssib xortik ma' Alla u mal-bnedmin." Il-kappella tal-Midalja Mirakoluża fil-Blata l-Bajda hija monument ħaj ta' din id-devozzjoni ta' Dun Ġorġ, fejn illum ukoll jinsab midfun. L-ewwel ġebla ta' din il-kappella tqiegħdet fi Frar 1958.



*Il-Midalja Mirakoluża*

*It-Tliet Inkini*

Fost id-devozzjonijiet Marjani l-oħra ta' San Ġorġ insibu dik tat-tliet inkini, wieħed f'ġieħ il-konċepiment, ieħor f'ġieħ il-maternità divina, u l-ieħor f'ġieħ l-assunzjoni ta' Marija, li jispiċċaw bit-talba: "Madonna, berikni u salvani."

*Il-Madonna tal-Verbum Dei*

Mingħajr dubju li Dun Ġorġ wera wkoll id-devozzjoni lejn il-Madonna meta xerred id-devozzjoni lejn il-kliem *Verbum Dei Caro Factum Est*, 'L-Iben t'Alla sar bniedem'. Kien persważ li min jagħti qima lil dan il-kliem ikun juri qima lejn il-Madonna għax permezz tagħha inkarna l-Iben t'Alla. Hu kien qabbad pittur, Rafel Bonnici Calì, biex ipinġi 'l-Madonna filwaqt li qed taċċetta li ssir Omm Ġesù. Ried ukoll li fuqha jkun hemm il-kliem *Verbum Dei Caro Factum Est*.

Tkun ħaġa sabiħa li nimitaw lil San Ġorġ Preca fid-devozzjoni u l-imħabba kbira

li kellu lejn il-Verġni Mbierka billi naqraw u nisimgħu aktar fuqha, u nitolbuha speċjalment it-talba tar-rużarju, li tant xtaqet hi stess fid-dehriet tagħha. Ukoll xieraq li jkollna fi djarna x-xbieha tagħha. Nibqgħu żguri li Marija hi dejjem lesta biex tidħol għalina quddiem Alla u tkun ħdejna fis-siegħa ta' mewtna biex tberikna.



*Il-Madonna tal-Verbum Dei*

***Xi talbiet ta' San Ġorġ Preca lill-Madonna***

O Verġni Mbierka, o Bieb tas-Sema, o Omm tal-Ħniena, o Għaxqa t'Alla, itlob għalina, għax aħna nafu li xejn ma jiċħadlek dak li għolliek għad-dinjità ta' Omm Divina. Ammen.

*Kull kreatura, o Marija, tinkina quddiemek, għax tassew ħwejjeġ kbar għamel miegħek Dak li huwa setgħani.*
*Alla l-Missier tak is-smewwiet u l-art;*
*Alla l-Iben tak l-ubbidjenza fis-sottomissjoni;*
*Alla l-Ispirtu s-Santu tak kemm tista' tkun eżaltata kreatura minn Alla fl-ogħla grad.*



*Ifraħ, o Verġni Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla; inti li emmint għall-kelmiet tal-Anġlu Gabrijel, fil-ħin li bqajt xebba nissilt Alla u Bniedem, u wara li tajtu lid-dinja, bqajt xebba bla mittiefsa. Omm Alla, idħol għalina.*

SEM

Servizzi Ewropej f'Malta

Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema trodd ħajr lil Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) għall-għajnuna fl-applikazzjoni u biex akkwistajna l-fondi tal-Unjoni Ewropea għal żewġ proġetti u issa qegħdin jgħinuna fl-implimentazzjoni tagħhom.

SEM toffri informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u tgħin entitajiet fil-proċess ta' applikazzjoni għall-fondi u l-implimentazzjoni tal-proġetti.

Għal kwalunkwe mistoqsija marbuta mal-Unjoni Ewropea, ikkuntattja lil SEM fuq info.sem@gov.mt, 2200 3300 jew billi żżur sem.gov.mt.


Marc u Spettaklu
Il-Marċ tal-Aħħar
Jum tat-Tridu
Il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu
mill-10.30pm 'il Quddiem
f'Wesgħat il-Ġublew
Banda
Nar
Feature
Dawl
Mistieden Speċjali
DJ Pierre Cordina


THERMASEAL
THERMASEAL LIMITED
ROOF INSULATION
AND WATERPROOFING
SPRAY-ON FOAM
Ġanni Vassallo Street, Luqa Bypass - Luqa LQA 1515 - Malta.
Tel/Fax: 21 237 712 • 21 241 711 • Mob: 9947 0879
E-mail: admin@thermasealmalta.com • Website: www.thermasealmalta.com


Authentic Maltese & Mediterranean Cuisine
Opening Hours:
Tue - Sat: 18.00 - 23.00
Sun: 12.00 - 23.00
Contact Info:
(+356) 2718 1211
conrad@damanuele.mt
www.damanuele.mt
PM us on Facebook @Trattoria Da Manuele
Trattoria
Da Manuele


UNIVERSAL STATIONERY
STATIONERY ITEMS
HELIUM SERVICE
LAMINATION
PASSPORT PHOTOS
BINDING
CARDS/TOYS
HOME GOODS
UNIVERSAL
STATIONERY
22, Triq Ras il-Ġebel, Iż-Żebbiegħ l/o L-Imġarr
Tel: 27456284
Email: printer@universalstationerymalta.com




TRANSPORT SERVICE
AND SKIP HIRE

MOB: 79977920





*Il-Kunsilliera*
*Tiziana Borg Busuttil*
*u l-familja tagħha,*
*tawgura l-festa t-tajba*
*lir-residenti Mġarrin.*

*Viva Santa Marija!*

*Mob: 99346601*

# ST. MARY PHARMACY
## MGARR DISPENSING CHEMISTS

**Opening Hours:**
Monday-Saturday:8.00am-12.30pm / 4.00pm-7.00pm

Saturday Afternoons:
4.30pm- 7.00pm

Tel: 21580711 • 99082404

***Family Doctor in daily attendance***

ST.MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS


Convenience Shop
Opening Daily 6am-9pm
Bakery, Breakfast, Confectionery,
Drinks, Fresh & Frozen Food,
Groceries, Coop Products,
Personal Care and Detergents
coop
ITALIAN PRODUCTS
MORE QUALITY VALUE
19, Fisher Road, Mgarr, Malta
T: (+356) 2249 8430 | M: (+356) 99576215 | W: www.theconvenienceshop.com


Vella
Supermarket
Loyalty Scheme Available
Variety of Fresh Food, Fresh Bread, Food
Cupboard, Frozen Food, Drinks, Pets,
Household and Detergents
Open Monday to Saturday 7am-7pm, Sunday 8am-12pm
St. Paul's Street, Mgarr
Tel: 21574800

# Vella Mechanical Services

Co. Ltd.

## LEADING SUPPLIERS & STOCKHOLDERS OF HYDRAULIC PARTS & EQUIPMENT

Triq ta' Torba, Lija LJA 2041
E: vella.jimmy@gmail.com
T: 21 413 178  M: 99 428 729  F: 21 418 882

Opening Hours: Mon - Fri: 7.30am - 5pm
Saturday: 7.30am - Noon



## CUSTOMISED SOLUTIONS

**Leading Suppliers and Stockholders of:**

- All types of hydraulic, industrial, medium & high pressure hoses
- Hydraulic & pneumatic custom made cylinders and power units
- Various types of hydraulic pumps, motors, oil coolers and control valves
- Pressure seals and o rings
- Lifting chains & belts, wire ropes/slings, ratchet straps etc…
- Computerised testing machine with certification printout of wire slings, chains etc…
- Truck part, air brake components, engine parts, clutch parts, gaskets etc…
- Repairs of truck gearbox
- Custom made mechanical cables for various cars and trucks




Fornituri ta' xitel
Tilqim ta' xitel
Xitel tal-frawli
Fertiliżżanti
Serer
Servizzi oħra

Laflafett Co Ltd.
Agricultural and
Horticultural Products

Facebook
Website
Instagram

John - 99403342
Richard-99899831
www.laflafett.com
agrispec@gmail.com
laflafett@outlook.com



# KopTaCo
Coaches Cooperative

**OVER 60 YEARS OF EXPERIENCE**

**50+ MODERN VEHICLE FLEET**

**SPECIAL NEED VEHICLES**

• AIRPORT TRANSFERS • POINT-TO-POINT TRANSPORTATION • TOURS • VINTAGE BUSES
CRUISE LINERS • TRANSFERS & TOURS • SCHOOL OUTINGS • AND MORE

address: KopTaCo Coaches Co-Op Ltd. - Sliema Road, Gzira. GZR 1635, Malta
tel: +356 21338667 / +356 79338667 - website: www.koptaco.com




# velltech
vehicles - air conditioning - repair & services

## VEHICLE AIR-CONDITIONING - REPAIR & SERVICES
Mechanical Services - Automotiv HVAC - Diagnostics

Mob: 22996699 / 99054996
Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Maghtab L/O Naxxar, Malta.




DineWest
RESTAURANT • PIZZERIA • TAKE-AWAY
dinewest.mgarr@gmail.com
30, Fisher road, Mgarr, Malta
21434014 / 77434014


Luke's Hi-Up & Transport Service
Up to 21meters
79521558

# Lumiere Studio

111, Triq il-Kbira, Mgarr




For all your photographic needs 79049412

including

Passport photos
Studio photosessions
Outdoor photosessions
Photos during Baptism
Food and product photography
Corporate Head shots
Selection of photo frames and albums
and much more




46, Triq Ġużepp Xuereb,
Swatar, Birkirkara

2144 8658
7944 8658

www.avukatmuscat.com
dr.muscat@avukatmuscat.com



ECLIPSE STATIONERY
9, Fisher Road, Mgarr, Malta
21525248/99442106
eclipsemgarr@gmail.com
Stationery
Greeting and occasional cards
Toys
Gift Ideas
Photocopy service
Binding
Laminating
One4All Gift Vouchers
Newspapers
Mobile/Public Transport Top-Up vouchers
Printer Cartridges
Educational Games
Craft supplies
And several other products and services




MARKET LEADERS
• Importers, Growers, Wholesalers & Retailers
• Seasonal & Non-Seasonal Fruits & Vegetables
• Fresh & Dry Herbs and Fruits • Pre-packed Salads
• Delivery to all parts of the Maltese islands
• Fleet of Refrigerated Trucks & Vans
FNG
SUPPLIES CO. LTD
We also supply to:
Hotels
Grocers
Supermarkets
Ship Chandlers
Restaurants
Catering Establishments
We also import exotic fruits & vegetables from all over the world
FREE SAME DAY DELIVERY
mobile: 99 455 911 • 99 892 959
99 422 593
Il-Warda,Triq Ras il-Wied, Wardija, San Pawl Il-Bahar SPB 6642 | F: 21 584 077
sales@fngmalta.com | www.fngsuppliesltd.com


Ta' Falzon Landrovers Ltd.
VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
email: colfal@onvol.net
www.jcfalzon.com
LAND ROVER
After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!




**Birkirkara** T: (+356) 2149 6235 | **Gżira** T: (+356) 2134 5123 | **Mellieħa** T: (+356) 2152 3672
**Mosta** T: (+356) 2713 5297 | **Paola** T: (+356) 2166 2815 | **Rabat** T: (+356) 2145 5523 | **Sliema** T: (+356) 2134 2211
**Qormi** T: (+356) 2148 7118 | **Mrieħel** T: (+356) 2778 8277 | **Valletta** T: (+356) 2123 2666

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM



David WoodWorks
Specialises in all types of made to measure loose furniture, doors, kitchens, bedrooms, etc...
Mobile: 79050807
Email: dgrech85@gmail.com




CREATIVE Glams
GIFTS & HOME DECOR
• Occassional Home Décor & Gifts
• Specialising in Personalilsed Gifts
39, FISHER ROAD, MGARR, MALTA.
CALL +356 99591541
WWW.CREATIVEGLAMS.COM

# Monsinjur Kalċidon Vassallo Jagħlaq 50 Sena Jqaddes

## Iltqajna miegħu u staqsejnieh xi mistoqsijiet

***Reverendu Monsinjur, tista', jekk jogħġbok, tgħidilna xi tagħrif dwar il-familja u t-trobbija tiegħek?***

Mela le! Il-familja tiegħi għexet mir-raba'. Missieri, tifel waħdu, wiret is-sengħa ta' missieru, in-nannu Karmnu, u kien bidwi, jaħdem ir-raba' l-Girgenti, fejn trabbejna.

Jiena l-kbir minn 11-il wild, 8 subien u 3 ibniet. Familja kbira li trabbejna f'għożża u mħabba kbira bejnietna u mal-ġenituri. Missieri Saver u Ommi Pawla dejjem rawmu fina valuri Kristjani: l-imħabba t'Alla u rispett kbir lejhom u bejnietna.

Kelli tfulija sabiħa, mingħajr fsied żejjed, imma qatt ma naqasna xejn. L-hena tiegħi nilagħbu flimkien u nittantaw lil xulxin. Ta' tfal li konna ġieli tlewwimna xi ftit imma kien ikun ġlied ta' dak il-ħin. Sa fejn naf jien qatt ma rqadna miġġildin.

Magħna kien joqgħod ukoll in-nannu. Allura konna b'kollox 14-il ruħ f'żewġ kmamar fuq xulxin. Tistgħu taħsbu x'borma kellha ommi biex kull wieħed u waħda minna jieħu platt! Imma l-Mulej dejjem ipprovda u qatt ma naf li rqadna bil-ġuħ. Naturalment ma kienx hemm għażla. Jekk ma kienx jogħġobni li sajret ommi kien hemm il-ħobż u l-ġbejniet.

Meta tfarfart, apparti li kont immur l-iskola tal-gvern is-Siġġiewi (mixja ta' żewġ mili sal-iskola u daqstant ieħor lura), kont ukoll ngħin xi ftit 'il missieri fir-raba'.

Meta mbagħad kelli l-età tiegħi u għall-iskola kont bdejt ninżel bir-rota, fi żmien il-kaċċa kont noqgħod xi nofs siegħa bis-senter u, fi żmien il-gamiem, kuljum kont naqbad gamiema jew tnejn. Biċċa xogħol għal ommi biex toqgħod tnittef u ssajjarhom brodu.

***Kif ħassejt il-vokazzjoni, jew forsi l-ħajra, biex tibda t-triq għas-saċerdozju, u x'tgħidilna dwar il-ħajja fis-seminarju?***

L-ewwel nett in-nanna tiegħi, in-nanna Karmni, kellha żewġ ħutha qassisin. Imma jien kont nammira ħafna lil Dun Anton Vella, qassis twajjeb is-Siġġiewi, li kien iħobb ħafna lilna t-tfal. Meta kont fil-primarja l-Kappillan Dun Pawl Attard kien dejjem iħajjar lill-ġenituri biex iressqu lil uliedhom għall-eżami tas-seminarju. Jiena kont għaddejt u bqajt b'dik il-ħajra li nkun qassis. Wara Dun Pawl kien ġie arċipriet is-Siġġiewi Dun Alwiġ Deguara, qassis żagħżugħ mimli enerġija, li kien ta' ispirazzjoni u għajnuna kbira għalija.

F'Settembru tal-1964 bdejt is-seminarju tal-kbar. Konna bdejna grupp ta' 41, tmienja minnhom mis-Siġġiewi. Tistgħu taħsbu, grupp bħal dak ta' ġuvintur, kemm bużullotti għamilna tul it-8 snin tal-kors... studju, m'għandniex xi ngħidu, imma praspar ukoll. Kienet ħajja sabiħa ferm, li xtaqtha kieku ma tispiċċax.

Ngħidilkom praspura waħda: darba waħda ħadna s-seminarju ħafna friefet il-lejl li konna qbadna mill-Għar tal-Friefet li hemm il-Girgenti. Tlaqniehom ġewwa s-seminarju, li kien il-Furjana fejn hemm il-Kurja llum. Tistgħu taħsbu x'pandemonju qam filgħaxija b'dawk il-friefet il-lejl itiru fil-kurituri!

### *F'liema sena kont ordnat qassis, u x'kienet l-ewwel ħidma pastorali tiegħek?*

L-ordinazzjoni tiegħi kienet f'San Ġużepp, id-19 ta' Marzu, tas-sena 1972, mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.

L-ewwel ħidma pastorali tiegħi kienet fost il-bdiewa u s-sajjieda fi ħdan il-Moviment Azzjoni Soċjali, il-MAS. Hemmhekk kont irċevejt scholarship tal-UNESCO fl-Iżvezja u d-Danimarka dwar il-koperattivi. Mal-MAS kont domt sena għax f'Awwissu 1973 kien bagħat għalija l-Arċisqof Gonzi u qalli biex niġi kappillan l-Imġarr, fejn qattajt seba' snin u nofs.

Għalija kienu seba' snin mill-isbaħ u kont għal qalbi ħafna. Ħafna minnkom, speċjalment dawk li qabżu ċerta età, jiftakruni sewwa. L-Imġarr kien l-ewwel għarusa u nibqa' ngħożż bi mħabba kbira l-esperjenza ta' dak iż-żmien.

### *Tgħidilna xi ħaġa dwar il-parroċċi li servejt fihom?*

Kif diġà għedt, fil-bidu ta' Awwissu 1973 Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi talabni nkun kappillan l-Imġarr, fejn qattajt seba' snin u nofs. Kien żmien sabiħ ħafna f'ħajti u tgħallimt ħafna. L-Imġarr kien l-ewwel għarusa u l-Imġarrin baqgħu stampati f'qalbi.

F'Lulju tal-1980 l-Arċisqof Mercieca bagħat għalija u talabni mmur Ħal Luqa. Ma xtaqtx nitlaq mill-Imġarr u allura għedtlu: "Issa naħsibha!" Pront pront qalli: "Taħsibha xejn, għandi bżonnok hemm!" L-Imġarrin ukoll iddispjaċiehom u marru ħafna jipprotestaw il-Kurja. Ħal Luqa drajt ukoll u l-Ħal Luqin laqgħuni u kont għal qalbi ħafna.

Fil-bidu ta' Jannar 1987 l-istess Arċisqof Mercieca qalli li kellu bżonni l-Furjana. Il-Furjaniżi huma nies ferrieħa ħafna, għandhom għal qalbhom ħafna l-futbol u l-festa. Dejjem il-festa f'ġieħ San Publiju tkun festa sabiħa, imma tistgħu taħsbu x'festa mill-isbaħ tkun meta t-tim tal-Furjana jkun rebaħ xi unur!

Fl-1992 l-Arċisqof Mercieca reġa' bagħat għalija u qalli li kellu bżonni Ħaż-Żabbar, parroċċa ta' 16,000



*Mons. Kalċidon Vassallo jqaddes fid-Dar tal-Kleru, il-post li qed joqgħod fih bħalissa*

ruħ. Wara Ħal Luqa, Ħaż-Żabbar ukoll sibt żewġ każini kbar għalkemm festa waħda. Esperjenza pożittiva ħafna kienet il-ftehim li kien iffirmat bejn iż-żewġ każini biex il-festa f'ġieħ Ommna tal-Grazzja tkun dejjem aktar esperjenza sabiħa.

Wara sitt snin fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar l-Arċisqof ippermettieli nieħu sena sabbatika, wara 25 sena saċerdot. Sena sabbatika jiġifieri jkollok żmien ta' mistrieħ u tagħlim. Niftakar kont mort kors ta' tagħlim pastorali l-Ingilterra u esperjenza f'parroċċa l-Amerika. Kien żmien li fih ġeddidt u saħħaħt il-vokazzjoni tiegħi.

Kif ġejt lura l-Arċisqof talabni biex immur 'kappillan' mal-anzjani rikoverati l-Little Sisters of the Poor, il-Ħamrun. Kienet esperjenza differenti f'dar tax-xjuħ. Għall-ewwel ħbatt niddejjaq, imma mbagħad sirt inħobbhom.

F'Ottubru tal-1999 l-Arċisqof talabni mmur kappillan Ħal Balzan. Hawnhekk kien l-itwal parrokat tiegħi għax domt ħmistax-il sena. Iż-żmien ma rajtux għaddej għax kont għal qalbi ħafna. Apparti x-xogħol pastorali ħabbatt wiċċi ma' xogħol kbir ta' manutenzjoni, speċjalment minħabba l-ħsara kbira li kien hemm fil-pittura. Fi ħmistax-il sena n-nies sirt nafhom u huma saru jafuni sewwa. Meta l-Arċisqof Scicluna sejjaħli biex inservi f'parroċċa oħra ddispjaċieni ħafna u l-Balzanin immissjajthom ħafna.

Lejn l-aħħar ta' Novembru 2014 l-Arċisqof bagħat għalija għax ried ikellimni. Qatt ma bsart fuqiex. Qalli: "Dun Kalċ, għandi bżonn pjaċir kbir! Mur kappillan l-Imġarr!" Għedtlu: "Jien diġà kont l-Imġarr, ta!" Qalli: "Naf. Hemm bżonn terġa' tmur hemm. L-Imġarrin jafuk u inti tafhom."

Ngħidilkom il-verità ma tantx kelli aptit nerġa' ngħaddi mill-battikata li rrid inġorr għal parroċċa oħra, imma l-ubbidjenza u l-imħabba li kelli għall-Imġarr kienet għadha hemm. Biex forsi jerġa' jaħsibha għedtlu: "Jien għandi 70 sena, ta!" Qalli: "Il-Papa kemm hu akbar minnek!" U kif tafu rġajt spiċċajt l-Imġarr.

### *L-Imġarr baqa' l-istess wara li rġajt ġejt hawn?*

Bħala nies li laqgħuni u ħabbejthom ftit kien hemm differenza. L-Imġarrin huma nies jafu jħobbu u jikkoperaw dment li jarawk wieħed minnhom.

L-ewwel darba kont għadni naqra ta' ġuvnott ta' 27 sena u allura kelli enerġija u entużjażmu kbir. Barra minn hekk il-kappillan ta' qabli, Mons. Orazio Vella, flimkien ma' Dun Ġużeppijiet, Micallef il-kbir u Vella ż-żgħir, għenuni ħafna.

Bħala raħal kif jidher minn barra d-differenza bejn l-Imġarr tas-sebgħinijiet u l-Imġarr ta' issa hija kbira ħafna. Fid-dehra ċerti toroq bilkemm tagħrafhom. Niftakar l-ewwel darba li tlajt mill-knisja għad-dar parrokkjali bdejt ngħid bejni u bejn ruħi: "Imma jiena miexi sewwa, hux?"

Dwar l-Imġarrin, it-tfal u ż-żgħażagħ tal-lum għandhom mentalità differenti. Bħal kullimkien ir-rispett lejn l-awtorità naqas f'kull livell. Fejn nidħol jien, wara ftit snin saħħti bdiet tbatti wkoll. Meta kont nitla' bil-mixi mill-knisja għad-dar parrokkjali kont naħbat naqta' nifsi u kien ikolli nieqaf darba jew tnejn biex nieħu n-nifs.

Ma stajtx nibqa' sejjer hekk. B'rispett u mħabba lejn l-Imġarrin tlabt lill-Arċisqof biex inkun nista' nirtira, u ssuġġerejtlu jaħtar lil Dun Ġorġ minfloki. Kif tafu l-Arċisqof laqa' s-suġġeriment tiegħi.

Wara operazzjoni serja, fejn tneħħieli tumur li trabba fil-musrana, nirringrazzja 'l Alla

l-Imbierek u lil tant u tant nies li talbu għalija, illum qed ngħix fid-Dar tal-Kleru. Qed nagħti servizz, apparti fid-Dar tal-Kleru stess, f'parroċċi fejn hemm bżonn, bħall-Iklin u s-Swatar.

M'għandix fomm biex nirringrazzja lil Alla li f'din il-burraxka li għaddejt minnha, fl-esperjenza ta' operazzjoni maġġuri, jiena rajt u ħassejt l-id ħanina ta' Alla l-Imbierek li akkumpanjani tul iż-żmien kollu ta' din il-ġrajja. Qatt ma ħassejtni waħdi jew imdejjaq.



*Mons. Kalċidon Vassallo fil-jum tal-pussess tiegħu bħala kappillan tal-Imġarr għat-tieni darba.*



### *Taħseb li hemm ċans li l-vokazzjonijiet jerġgħu jiżdiedu?*

Kliem Ġesù huwa: "Il-ħsad huwa kbir imma l-ħaddiema ftit; itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fl-għalqa tiegħu."

Naraw li Kristu rabat il-vokazzjonijiet mat-talb. Jista' jkun li naqsu l-vokazzjonijiet għax naqas it-talb? Jista' jkun li naqsu l-vokazzjonijiet għax m'iniex nitlob jien?

Mela ejjew nibdew aħna: nitolbu aktar u bil-qalb għall-vokazzjonijiet. Dan l-aħħar kelli f'moħħi nifforma grupp fil-parroċċa li jitlob għall-vokazzjonijiet, imma ma kontx wasalt għalih. Naħseb li grupp bħal dan jista' jkun ta' għajnuna kbira u barka fil-parroċċa.

### *X'tgħidilna bħala parir tal-aħħar?*

Il-ħajja isimha magħha, ħaġa ħajja, allura dejjem tinbidel u tiżviluppa. Qed ngħixu fi żmien qisna waqt logħba futbol, fejn fil-grawnd m'hemmx lasti. B'hekk jixxuttja fejn jixxuttja l-plejer jiskorja dejjem.

Qed ngħid hekk għax illum kull ħaġa li tagħmlek iżjed komdu saret tissejjaħ 'dritt'. Kull opinjoni saret 'raġun' ta' min jgħidha. Allura, ngħidu aħna, tfajla għandha tarbija fi tqala li se ġġibilha skumdità f'ħajjitha, mela għandha dritt toqtolha qabel titwieled. Mill-banda l-oħra jekk issawwat kelb ma trid xejn biex teħel xi sena ħabs.

Imma meta nbagħbsu n-natura l-ewwel li jbati jkun il-bniedem. Biżżejjed naraw il-ħafna emissjonijiet kemm ġabu tibdil fit-temp mad-dinja kollha.

Il-parir tiegħi hu li nirrispettaw il-ħolqien, in-natura u l-ambjent, għax tinbidel kemm tinbidel il-ħajja, l-aktar ħaġa li għandu bżonn il-bniedem hija l-imħabba.

Meta bniedem iħoss li mhux maħbub, għax kulħadd jiġbed lejh, imbagħad jibda jħossu waħdu u jidħol fi kriżi.

Il-ħajja hija sabiħa meta tkun taf li l-oħrajn iħobbuk u jridulek il-ġid. Tassew kien jaf x'qed jgħid Ġesù meta qalilna: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien."

# Ode to Mġarr

*Morning calls*
*ducks and hens awake*
*dawn breaks*
*a new day begins*

*What a welcome*
*to this strawberry town*
*never a frown*
*always turn things around*

*The family way*
*to get things done*
*even the rubbish*
*is all out and gone*

*From San Pawl to here*
*oh, what a cheer!*
*From hell to paradise*
*here we reside*

*Thank you, Mġarr, for such a warm welcome*

*The Scerri family*



CN Marble Granite
Mifsud

m: +3569988 5191
e: contact@cnmarbleandgranite.com
w: www.cnmarbleandgranite.com

Blokk D, Midland Micro-Enterprise Park
Triq Burmarrad. L/O Naxxar

# Analiżi tal-Innu
# *L-Imġarr Iben Marija*
## (It-Tieni Parti)

Christopher Bonnici BA (Hons); MA; ALCM; LLCM



Wara assenza pjuttost twila, insellem lilkom ilkoll illi għandkom f'idejkom din il-pubblikazzjoni annwali li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr qed tippubblika għall-festa titulari ta' din is-sena. M'iniex se nidħol fid-dettall għaliex ili ma nikteb, għax bħali qed tgħixu fid-dinja, u dawn is-sentejn, mingħajr il-festi, donnhom ma riedu jgħaddu b'xejn! Grazzi mill-qalb lill-ħabib tiegħi, Birżebbuġi bħali, Joseph Caruana, is-Segretarju Ġenerali, li wara din l-assenza reġa' kkuntattjani sabiex inkomplu fejn ħallejna fl-ewwel parti ta' din l-analiżi tal-innu popolari tagħkom l-Imġarrin, *L-Imġarr Iben Marija*.

### *Ir-ritornell u l-effett tiegħu*

Meta nanalizzaw xi ħaġa letterarja ma nistgħux nieqfu biss mal-analiżi imma rridu naraw l-ambjent tagħha, u jekk jista' jkun iż-żmien illi fih inkitbet u għaliex inkitbet. Mhux kulħadd jaqbel ma' din it-teorija; jekk inħarsu lejn il-kritiċi Formalisti naraw illi dawn mexxew l-idea li t-test irid ikun analizzat indipendentament mill-isfond storiku, soċjali u l-elementi li jsawruh. Fejn tidħol l-analiżi stilistika hekk se nagħmlu, imma fejn tidħol l-analiżi tematika nħoss illi din il-ħaġa ma tistax issir, minħabba li l-poeta li kiteb il-lirika żgur kien influwenzat mill-qagħda soċjali tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.




Il-kliem tar-ritornell huwa pjuttost sempliċi, xi ħaġa li tifhimha, għax miktub sabiex jitkanta. Imma mhux l-innu kollu magħmul biex jitkanta? Hekk hu! Imma r-ritornell ġeneralment ikun l-aktar parti li l-poplu jiftakar, minħabba dawn ir-raġunijiet:

il-versifikazzjoni tal-versi tinbidel imma r-ritornell jirrepeti dejjem l-istess kliem;

il-mużika li takkumpanja tilħaq klamajks fir-ritornell u għalhekk tiġbed l-attenzjoni.

Nieħdu eżempju konkret. Hawn xi ħadd li qatt ma sema' bl-*Ave Maria* 'Si Levi', jew *Il-Kurunella tal-Madonna ta' Lourdes*, illi nafuha bħala l-*Ave Maria* komuni? Imma kemm hawn min jaf l-istrofi kollha li fiha din il-kurunella? Jien l-ewwel wieħed naf li hemm bosta, jidhirli tmintax, waħda għal kull dehra, imma ma nafx ħlief tnejn bl-amment! Imma l-mod kif il-mużika twassal għar-ritornell l-Ingliżi jsejħulu 'refrain' jew 'chorus'; awtomatikament, jintqal x'jintqal fil-versi, se tkanta *"Ave, Ave, Ave Maria"* għal darbtejn.

Jekk ir-ritornell jidħol fil-moħħ u l-qalb ta' min qed jisma', mela allura l-poeta laħaq l-iskop tal-kitba tiegħu.

Semmejt is-sempliċità. Dan ir-ritornell jinqeda bl-apostrofi. Ejjew nagħmlu differenza bejn apostrofi u appostrofu. L-appostrofu jaqdi l-funzjoni tal-*għ* fil-kelma, bħal *sema'*, *waqa'*, *laqa'*. L-apostrofi hija teknika poetika letterarja, fejn il-poeta jindirizza lil xi ħadd jew xi ħaġa, tista' tkun persuna, tista' tkun xi ħaġa, hi x'inhi. Eżempju ta' apostrofi poetika, jekk tintuża f'kitba letterarja, hija *Matulek, ja sena*.

F'dan ir-ritornell Ġanni Cilia jibda billi jindirizza, u b'mod kalm jgħid, lill-Madonna li l-poplu Mġarri lilha jqim bħala ommu. U għalhekk, bħalma iben imur għand ommu għal dak kollu li jkollu bżonn, hekk ukoll qed jagħmel il-poeta Ġanni Cilia f'isem il-poplu tal-Imġarr: qed imur għand ommu, Marija Santissima u donnu jfakkarha li bħala poplu jqimha. Hija stqarrija ta' iben innoċenti, bħal dak l-iben illi se jitlob xi ħaġa lil ommu jew lil missieru imma bħal donnu, sabiex jobbligahom, jgħidilhom 'Imma llum mort nixtri, ta!'

U għall-qima mogħtija lil Marija Santissima l-poeta Ġanni Cilia ma tantx joqgħod lura, u fil-kumplament tal-versi jitlob tliet affarijiet: il-faraġ, il-fidi, it-trażżin u l-kmand.

Narawhom ftit, kwalità kwalità:

### *Il-faraġ*

Il-Madonna kienet l-aktar waħda li kellha bżonn titfarraġ: wieqfa taħt is-salib, ħdejn Binha, tarah jieħu l-forka tal-agħar kriminal, għalxejn b'xejn… imma kienet il-kuraġġuża u farrġet hi lill-appostli, li kienu mwerwrin u ħarbu. Kienet hi li mimlija niket ħarbet lejn l-Eġittu ma' żewġha Ġużeppi, bit-tarbija Ġesù. Kienet hi li kkmandat lil Binha jfarraġ lill-għarajjes ta' Kana. Kienet hemm, mal-appostli, meta niżel l-Ispirtu s-Santu fuqhom. U kienet hi li meħlusa mit-taħsir tal-qabar ittellgħet fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Hemm faraġ ikbar minn dak? Ovvjament m'iniex teologu, imma bħala Nisrani ma nimmaġinax li hemm aħjar milli tgawdi lil Alla l-Imbierek wiċċ imb wiċċ għall-eternità! Mela jekk hija rnexxielha tilħaq il-milja tal-faraġ, mhux għalhekk nirreferu għaliha wkoll bħala s-Sultana tal-konsolazzjoni, tal-faraġ? Min jista' jagħti l-faraġ divin aktar minnha, jekk mhux Binha Ġesù?

It-talba hawnhekk tissokta tinftiehem propju fl-epoka li dan l-innu nkiteb fiha: iż-żmien illi fih fl-Ewropa kien qed jinġema' s-sħab tal-gwerra, it-Tieni Gwerra Dinjija. U llum x'għandna? Għaddejna sentejn bi gwerra inviżibbli – illum bi gwerra fil-periferija! Tant nies imutu u jbatu, tant innoċenti… mela ejjew nitolbuha tfarraġna llum ukoll… Wara kollox l-aħħar vers tar-ritornell hekk jitlobha: "Issa… jiġifieri fl-1938… u għal dejjem!" (hawn miktuba "għala dejjem"). Din nanalizzawha jekk Alla jrid is-sena d-dieħla, meta ntemmu din l-analiżi bl-analiżi stilistika.

### *Il-fidi*

Il-poeta ma jitlobx sabiex il-Madonna żżommna fil-fidi, imma żżommna sħaħ fil-fidi. Fidi li ma tkunx fidi biss tal-quddiesa tal-Ħadd; fidi li ma tkunx il-fidi innoċenti, imma l-fidi matura, il-fidi li nintelqu fiha u f'Binha Ġesù għal matul ħajjitna kollha, fl-għelt, fis-saram imma anke fil-ferħ.

### *It-trażżin*

Dan il-vers nammetti li pjuttost ħasadni. Cilia qed jitlobha trażżan drawwiet artna. Qed nitkellmu fis-sena 1938… X'kienu d-drawwiet? Kien diġà qed jara s-sekularizzazzjoni? Forsi kien għad hemm xi nies li abbandunaw l-għetiebi tal-knejjes, forsi minħabba xi każijiet personali jew anke dawn fuq bażi nazzjonali li seħħew fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor? Forsi għax Malta, bħala kolonja Ingliża, kienet xi ftit jew wisq tipprova taddatta użanzi anqas Kattoliċi? Dan is-sentiment jesprimih ukoll il-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila fil-poeżija *Liema*, b'referenza għal Malta fil-gwerra. U jekk inħarsu llum? X'se nitolbuha trażżan lill-Madonna? X'użanzi? Xi drawwiet? Inħalli fl-immaġinazzjoni tagħkom il-qarrejja sabiex taħsbu… Nittamaw illi l-qtil tat-trabi fil-ġuf ma jkunx fost dawk l-użanzi li għad ikollna nitolbuha trażżan!

### *Il-kmand*

Fil-vers ta' qabel tal-aħħar fir-ritornell Ġanni Cilia jitlob lill-Madonna sabiex issaltan fuq l-Imġarr, imma jikkwalifika t-tip ta' saltna li jrid. Iridha ssaltan bil-ħlewwa, bħalma omm tikkmanda lil uliedha bi mħabba u mhux b'tirannija. Il-poeta qed jafda lill-poplu tal-Imġarr taħt tmexxija waħda komuni, tmexxija ta' persuna waħda, li mhix preżenti fiżikament imma kapaċi tindokra lil uliedha bi mħabba kontinwa.

Dan il-fattur huwa komuni ferm fl-innijiet popolari ta' pajjiżna. Il-qaddis patrun, jew il-qaddisa patruna, huma mogħtija l-kwalitajiet tanġibbli li ġeneralment nagħtu lil bnedmin bħalna meta nagħżluhom sabiex imexxuna. Il-qaddisin patruni tagħna narawhom bħala l-omm jew il-missier ta' familja, li hija l-belt jew ir-raħal, u għalhekk il-kwalitajiet illi ngħaddulhom huma dawk ta' omm jew missier: jikkmandawna bi mħabba, jirrispettawna bil-ħlewwa, jgħinuna, jagħtuna li jkollna bżonn, imma fl-istess waqt aħna nobduhom.

### *Tmiem it-tieni parti*

Ma rridx intawwal iżżejjed. Nittama li b'din l-analiżi tematika, li bnejnieha fuq sentejn, fis-sena 2019 u fis-sena 2022, meta se nkunu qegħdin inkantaw dan l-innu sbejjaħ, nifhmu ftit aktar, madwar 85 sena ilu, x'ried jesprimi Ġanni Cilia meta vversifikah. Jalla napplikaw f'ħajjitna verament dak illi qed ifisser il-poeta f'dan l-innu u nħarsu lejn Marija Ommna bħala omm, kmand ħelu u sultana tal-Imġarrin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!


VEXILLINA
• Printers
• Bookbinders
• Stationers
• Religious Articles
71, Victory Street,Rabat Malta
2145 2624
www.vexillina.com
Like us on Facebook


Panorama Bar
Snacks • Takeaway • Restaurant
Burmarrad Road,
Burmarrad
T: 2158 0015



# Willie Attard
## (1900-1970)

**mill-ktieb Għamlu Isem ta' Joe Julian Farrugia**

Il-festa Maltija hija l-aqwa espressjoni ta' kif il-Maltin juru l-ferħ tagħhom. U ebda festa ma tista' tissejjaħ festa mingħajr in-noti ħelwin u brijużi tal-banda. Il-Ħamrun huwa magħruf għall-marċi kbar b'ħafna u ħafna partitarji jagħmlu l-briju għan-noti sbieħ fit-toroq ewlenin. Wieħed mill-aktar marċi li jqajmu entużjażmu fil-partitarji tal-Banda San Ġużepp huwa *Il-Famuża Koppla*. Il-kompożitur tiegħu, iżda, ma kitibx lilu biss. Ħalla għadd kbir ta' xogħlijiet għall-baned Maltin.

Willie Attard twieled il-Ħamrun nhar l-14 ta' Mejju 1900. Kien it-tieni wild fost erbgħa ta' Beneditt Attard mill-Furjana u Marija mwielda Vella mill-Mellieħa. Kien jattendi l-iskola primarja tal-gvern tal-Ħamrun u mill-ewwel beda juri l-ħajra tiegħu għat-tagħlim tal-mużika, tant li ta' 8 snin biss kien diġà jdoqq il-kwartin mal-Banda La Valette tal-Belt Valletta.

Hekk kif bdiet l-Ewwel Gwerra Dinjija Willie kien ingħaqad bħala boy fil-Milizja u kien idoqq il-klarinett fil-banda tal-King's Own Malta Regiment. Wara kien skrivan mar-Royal Army Ordinance Corps (R.A.O.C.).

Willie tgħallem il-mużika taħt is-Surmast Antonio Miruzzi u l-armonija, il-kontrapunt u l-istrumentazzjoni taħt is-Surmast Carlo Diacono. Meta kellu 22 sena beda jidderieġi għall-ewwel darba. U dan kien jagħmlu mal-orkestra li kien hemm fi ħdan il-każin ta' San Ġużepp tal-Ħamrun. Din l-orkestra kienet komposta minn strumenti tal-korda, injam u ram; orkestra li kellha titwaqqaf fl-1934 minħabba nuqqas ta' mużiċisti tal-korda.

Fl-1928 ħa sehem bl-ewwel xogħlijiet mużikali tiegħu f'kompetizzjoni internazzjonali li saret f'Salerno. B'*Fantasia Melodica Cuor d'Artista* kien ħa diploma u salib tad-deheb waqt li b'*Marcia Patria Nostra* kien ħa diploma u salib tal-fidda.

Willie Attard kien direttur ta' ħames baned lokali. Dawn kienu La Vittoria tal-Mellieħa, Leone tar-Rabat, Għawdex, De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, Our Lady of Consolation tal-Gudja, li llum saret Marija Assunta, u bla dubju l-Banda San Ġużepp ta' pajjiżu, il-Ħamrun.

Fil-bidu tad-direzzjoni tiegħu fil-Ħamrun mhux l-ewwel darba li kien itella' l-banda Ħamruniża Sqallija u l-Italja. Barra minn hekk kien jorganizza l-kunċerti fis-sala tal-każin, li fihom ġieli anki ndaqqu xogħlijiet tiegħu bħal *Marcia Sinfonica Queen Elizabeth II*, *Scherzo Due Amici* kif ukoll *Tifħir lil San Ġużepp* b'versi tal-

poeta Dun Frans Camilleri. Kien jieħu sehem ukoll fl-istess kunċerti bl-Orkestra Mandolinistika San Ġużepp, li kien rawwem hu stess fl-istess każin b'partitarji tal-istess soċjetà u li għaliha kien jipprepara ħafna arranġamenti mużikali.


*Mro Willie Attard*

L-entużjażmu li kellu għall-festa ta' San Gejtanu kien kbir u dejjem ra x'jivvinta biex ikabbar il-briju. Mhux l-ewwel darba li kien jikteb xi marċ u biex jindaqq kien iqabbad lill-Boy Scouts tal-Ħamrun idoqqu l-bugles waqt il-marċ mill-bejt u mill-gallarija tal-każin ta' San Ġużepp.

Mal-Banda Leone tar-Rabat, Għawdex Willie Attard dam mill-1944 sal-1957 surmast direttur. Matul dan iż-żmien, minbarra servizzi f'Għawdex stess, il-banda kienet iddoqq anki f'Malta fil-festa tal-Karmnu, il-Belt, fis-Sacro Cuor ta' Tas-Sliema, fil-Ħamrun, f'San Pawl il-Baħar u f'Bormla. Barra minn hekk il-banda kienet tagħti kunċerti fil-British Institute kif ukoll tellgħet akkademja mużiko-letterarja fl-1950 fl-Oratorju Don Bosco. Lill-Banda Leone ħallielha wkoll għadd mhux ħażin ta' marċi reliġjużi.

Huma ħafna l-innijiet li kiteb is-Surmast Willie Attard. Fil-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun ħalla fost oħrajn l-*Innu Marċ San Gejtanu*, fuq versi ta' K. Satalino, kif ukoll l-*Innu Marċ San Ġużepp*, fuq versi tal-Eks President ta' Malta Anton Buttigieg.

Kiteb ukoll l-innijiet tal-baned San Ġużepp tal-Ħamrun, La Vittoria tal-Mellieħa, San Gabrijel ta' Ħal Balzan u Marija Assunta tal-Gudja. Kiteb ukoll l-*Innu l-Kbir lil Marija Bambina* għas-soċjetà tal-Mellieħa, l-*Innu Kbir lill-Madonna tas-Sokkors* għal Ta' Kerċem u *Lil Santa Marija* għaż-Żebbuġ t'Għawdex.

Huma ħafna l-marċi funebri u brijużi li kiteb is-Surmast Attard. Jibqgħu magħrufin marċi bħal *Speranza*, *Sentimentale*, *Giorno di Festa* u oħrajn. Wieħed mill-marċi funebri li kiteb kien jismu *Alla Memoria di Francesco Portelli*. Dan Francesco kien bandist tal-Banda Leone li miet fit-traġedja ta' Ottubru 1948, meta għereq luzzu fl-inħawi ta' Ħondoq ir-Rummien.

Bla dubju, forsi l-aktar marċ li jibqa' sinonimu ma' Willie Attard huwa *Il-Famuża Koppla*, liema marċ huwa magħruf f'Għawdex bħala *Il-Famuża Telgħa*. Dan il-marċ għadu jindaqq u mfittex sal-lum u tisimgħu ħafna drabi fl-istaġun tal-festi.

Willie Attard iżżewweġ lil Mary imwielda Cachia mill-Isla u kellhom sitt ulied, li huma Carmel, Joyce, Anthony, Emidio, Doris u Agnes. L-uniku minn uliedu li segwieh fil-qasam mużikali huwa Anthony, kaptan fl-Armata, li kien idoqq is-saxophone mal-Banda La Valette u mal-Banda tal-Armata. Il-familja Attard dejjem kienet residenti l-Ħamrun, ħlief għal xi żmien żgħir meta fil-gwerra marru l-Mellieħa.

Bħala karattru Willie Attard kien bniedem kwiet u paċenzjuż. Kien dejjem imħabbat u ftit kien ikollu ħin jgħin fil-familja, li, iżda, kien iġib l-ewwel u qabel kollox. Kien bniedem li jifraħ u juri l-ferħ kbir tiegħu kull meta, waqt il-provi, il-bandisti jdoqqu xi kompożizzjoni tajjeb mill-ewwel. Darba minnhom, fit-Tokk f'Għawdex, tant kien ċert mill-bandisti li kellu li waqt id-daqq tal-*Allegro Vivacissimo*, anzi waqt l-aktar parti tqila, ħalliehom darbtejn bla direzzjoni u xorta daqqew b'perfezzjoni, liema ġest ġie apprezzat min-nies preżenti.

Bħala passatemp ewlieni tiegħu kellu bla ebda dubju l-mużika. Iżda kull meta kien ikollu xi ftit ħin ħieles kien iħobb iqattgħu jew mal-familja d-dar jew jieħu lil uliedu xi passiġġata xi mkien għall-arja, l-aktar fil-ġnien ta' Sant'Anton. Il-kompożituri favoriti tiegħu kienu Verdi u Donizetti. Ma tistax tgħid li Willie kien xi bniedem sportiv, iżda meta kien isib il-ħin dejjem segwa fuq ir-Rediffusion kif ikun sejjer it-tim tal-Ħamrun Spartans. Fil-futbol barrani kien iżomm mal-Ingliżi.

Inċident li żgur Willie kien dejjem jiftakar ġara waqt li kien qiegħed imexxi l-banda fil-festa ta' Santa Marija fir-Rabat, Għawdex. Kulħadd jaf li biex titla' lejn il-Katidral fiċ-Ċittadella hemm telgħa wieqfa mhux ħażin, li taqtagħlek nifsek. Waqt li l-banda kienet tielgħa, xi ħadd bi nkejja tella' faxx karfus ma' arblu fuq bejt. Jidher li l-karfus huwa magħruf għal kontra l-qtugħ ta' nifs. Il-partitarji ħaduha b'offiża u qamet ġlieda kbira.

Is-Surmast Willie Attard miet nhar it-3 ta' Marzu 1970.

Minkejja l-mewt jibqa' ħaj fil-ħafna kompożizzjonijiet u xogħlijiet li jistgħu jibqgħu jindaqqu għal dejjem mill-baned Maltin.


Stitch by Stitch

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*

**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**



# Il-Laqmijiet ta' Santa Marija f'Malta

Kav. Mario Coleiro O.S.J.

Il-laqmijiet f'pajjiżna huma popolari ħafna, l-iktar f'ċerti rħula rurali. Meta tistaqsi għal persuna f'xi raħal qajla tieħu risposta, imma jekk tistaqsi għalih bil-laqam żgur li ser issir taf l-istorja tiegħu. Il-laqmijiet huma tant popolari li saħansitra nagħtuhom lil postijiet, irħula, binjiet u familji sħaħ. Is-sabiħa hi li dawn il-laqmijiet nagħtuhom ukoll lill-qaddisin u Santa Marija għandha diversi laqmijiet f'diversi rħula, u f'dan l-artiklu ser inħarsu lejn uħud minnhom.



*Il-kappella ta' Santa Marija tal-Qrejċa, Ħal Qormi*

Ser nibdew minn Ħal Qormi, fejn insibu lil Santa Marija tal-Qrejċa. Dan il-laqam hu marbut ma' knisja ċkejkna li hija ddedikata lil Santa Marija u li fiha fil-qedem, nhar il-festa tal-Assunta, kienu jaqbdu l-Ħanżira tal-Erwieħ (din kienet tkun ħanżira li jitilquha tiġri fit-toroq u kulħadd jagħlifha biex tismen) u jixwuha u l-laħam tagħha jqassmuh lill-foqra, u kienu jsejħulu, dan il-laħam, 'il-Qarquċa'. Biż-żmien din il-kelma tkissret għal 'Qrejċa' u għalhekk lil Santa Marija laqqmuha 'tal-Qrejċa'.

Ġo Ħal Qormi stess insibu laqam ieħor għal Santa Marija, u dan hu Santa Marija ta' fuq Tal-Blat. Dan marbut ma' knisja oħra li tinsab fuq ix-xaqliba l-oħra tal-wied ta' Ħal Qormi. Fejn tinsab din il-knisja fil-qedem kien hemm il-blat fil-wiċċ, mikxuf, u għalhekk lil Santa Marija laqqmuha 'Tal-Blat'.



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' fuq Tal-Blat, Ħal Qormi*

Ser nibqgħu Ħal Qormi, fejn insibu laqam ieħor, u dan hu Santa Marija tal-Ħlas. Din hija knisja sabiħa li tgawdi devozzjoni, speċjalment min-nisa li jkunu għaddejjin waqt it-tqala u għalhekk jirrikorru lejn din il-Madonna biex ittihom ħlas tajjeb, u b'hekk Santa Marija tlaqqmet 'Tal-Ħlas'.



*Il-kappella ta' Santa Marija tal-Ħlas, Ħal Qormi*



*Il-kappella ta' Santa Marija tal-Ftajjar, Ħal Luqa*

Ser nimxu għal Ħal Luqa, fejn insibu lil Santa Marija tal-Ftajjar. Dan il-laqam huwa ta' knisja li fiha fil-qedem nhar il-festa tal-Assunta kienu jitqassmu l-ftajjar lill-foqra u għalhekk in-nies laqqmu din il-knisja Santa Marija tal-Ftajjar.

Fir-raħal ta' San Ġwann insibu lil Santa Marija tal-Mensija. Din hija knisja devota ħafna u fil-qedem kellha ħafna iktar devozzjoni. Inbniet fuq post fejn kienet instabet knisja mħaffra fil-blat u fejn kienet tidher xbieha tal-Madonna li għandha ħafna grazzji attribwiti lilha. Għalhekk, minħabba li din għal żmien twil kienet intesiet taħt l-art, ġiet imlaqqma 'Tal-Mensija'.



*Il-kappella ta' Santa Marija tal-Mensija, San Ġwann*

Jekk immorru l-Ħamrun insibu lil Santa Marija li hi magħrufa bħala 'Tas-Samra'. Din hija xbieha tal-Madonna tal-Kappadoċja li kienet inġiebet Malta wara l-Assedju l-Kbir. Biż-żmien bdiet tissejjaħ 'il-Madonna ta' Atoċja' imma għan-nies tal-inħawi l-fatt li x-xbieha tal-Madonna hija samra din tlaqqmet Santa Marija tas-Samra.



*Il-kappella ta' Santa Marija tas-Samra, il-Ħamrun*

Fil-Marsa nsibu lil Santa Marija ta' Ċeppuna. Din hija knisja qadima ħafna li tinsab f'nofs il-Marsa Sports Grounds. Ħadd ma jaf il-laqam ta' Ċeppuna minn fejn ġej, imma nafu żgur li dan intrabat ma' Santa Marija u għalhekk in-nies tal-inħawi jsejħulha Santa Marija ta' Ċeppuna.

Ġewwa Ħaż-Żabbar insibu lil Santa Marija tal-Indirizz. Din hija devozzjoni li fi Sqallija nsibuha



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' Ċeppuna, il-Marsa*



*Il-kappella ta' Santa Marija tar-Rokna, Ħal Tarxien*



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ, il-Gudja*

ħafna imma f'Malta għandna din ta' Ħaż-Żabbar biss. Hija l-Madonna li twasslek qawwi u sħiħ fejn tkun sejjer, u għalhekk din tlaqqmet Santa Marija tal-Indirizz.

Ġewwa Ħal Tarxien insibu lil Santa Marija tar-Rokna. Din hija knisja sabiħa ħafna u tinsab f'waħda mit-toroq prinċipali tar-raħal, imma fejn qiegħda narawha qisha mrekkna f'rokna qalb il-bini, u għalhekk it-Tarxiniżi laqqmuha Santa Marija tar-Rokna.

Fil-Gudja nsibu lil Santa Marija ta' Bir Miftuħ. Din il-knisja hi waħda mill-eqdem knejjes f'Malta u kienet ġa parroċċa fis-sena 1436. Il-parroċċa hekk kienet imsejħa wkoll, Santa Marija ta' Bir Miftuħ, isem li mhux magħruf l-oriġini tiegħu imma llum sar il-laqam tagħha.

F'Ħal Għargħur insibu lil Santa Marija taż-Żellieqa. Din hi knisja li għandha ċerta devozzjoni u nbniet kemm-il darba. L-isem ġej mill-fatt li din tinsab fuq il-ġenb tal-wied fejn hemm blat għoli u mikxuf u jinżel għall-fondoq ta' qiegħ il-wied, u allura l-ilma jiżloq ħafif minn dan il-post, u għalhekk ġiet imsejħa 'taż-Żellieqa'. Dan il-laqam ħaditu Santa Marija, li hawn hija magħrufa bħala 'taż-Żellieqa'.

F'Ħal Għargħur insibu Santa Marija oħra, li hija magħrufa bħala 'Ta' Bernarda' għax ċerta Bernarda Cauchi kienet il-benefattriċi ta' din il-knisja, u għalhekk Santa Marija ġiet imlaqqma 'Ta' Bernarda'.

Insibu wkoll knejjes ta' Santa Marija li kienu marbuta ma' xi raħal antik Medjevali u li llum baqgħalhom biss l-isem, bħalma hija dik ta' Santa Marija ta' Ħal Muxi. Dan kien raħal Medjevali li llum prattikament sar parti



*Il-kappella ta' Santa Marija tal-Indirizz, Ħaż-Żabbar*



*Il-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa, Ħal Għargħur*



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Muxi, Ħaż-Żebbuġ*



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq, limiti tas-Siġġiewi*



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' Bubaqra, iż-Żurrieq*



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Tmin, iż-Żejtun*



*Il-kappella ta' Santa Marija tal-Magħtab, limiti tan-Naxxar*



*Il-kappella ta' Santa Marija tax-Xagħra, limiti tan-Naxxar*

integrali minn Ħaż-Żebbuġ iżda l-isem ta' Ħal Muxi għadu jeżisti bis-saħħa ta' Santa Marija, għax din hija msejħa 'ta' Ħal Muxi'.

Isem ieħor ta' raħal Medjevali nsibuh ftit 'il barra mill-qalba tas-Siġġiewi. Dan hu Ħal Xluq, li wkoll il-knisja tiegħu hija ddedikata lil Santa Marija, u għalhekk din ħadet il-laqam ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq.

Fiż-Żurrieq insibu lil Santa Marija ta' Bubaqra. Dan ukoll kien raħal Medjevali, li kien jissejjaħ bl-isem Bu Bakkar imma biż-żmien din il-kelma tkissret għal BuBaqra, u l-knisja li nsibu hawn hija ddedikata lil Santa Marija. Għalhekk din wirtet il-laqam ta' Santa Marija ta' Bubaqra.

Ftit 'il barra miż-Żejtun, fit-triq li tieħu lejn Tas-Silġ, insibu l-knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Tmin, li wkoll kien raħal antik Medjevali li minnu llum fadal biss l-isem u Santa Marija, li lilha hija ddedikata l-knisja li nsibu hawnhekk, li ħadet dan il-laqam ta' Santa Marija ta' Ħal Tmin.

L-istess nistgħu ngħidu għal Santa Marija tal-Magħtab, li tiġi fit-territorju tan-Naxxar. Dan ukoll huwa isem antik ħafna, li sa ftit taż-żmien ilu bilkemm konna nisimgħu bih. Illum dan l-isem jissemma ħafna imma l-knisja ċkejkna li nsibu hemm maż-żmien ħadet dan l-isem u llum hija magħrufa bħala Santa Marija tal-Magħtab.

Fl-istess territorju, dak tan-Naxxar, insibu Santa Marija oħra. Din id-darba hija magħrufa bħala Santa Marija tax-Xagħra. Din ukoll hija knisja antika u hawn il-Madonna wkoll tlaqqmet bl-isem tal-inħawi.

Bħalma tistgħu taraw dawn il-knejjes kollha għandhom laqam, u naturalment in-nies, biex tifhem il-post, il-laqam tal-post tawh lill-Madonna meqjuma fil-knejjes li nsibu f'dawn il-postijiet, u prattikament Santa Marija wirtet dawn il-laqmijiet kollha.


Il-Festa
t-Tajba
REĠJUN TRAMUNTANA


Residential - Commercial - Industrial
Free On-Site Quotes
• Repair Drainage Blockings
• Drainage Cleaning
• Grease Traps
• Cleaning of Wells & Lifts
• Cesspit Cleaning &
Unblocking of Drains, Sinks
& Showers
24 HOURS
EMERGENCY
Bezzina France
Drainage Works
8, Farmhouse, Triq Santa Klara,
Baħar Iċ-Ċagħaq
99 688 747 / 99 308 521 / 99 721 590
scerridrainageservices@gmail.com


Bjorn's Garage
24hr Cab & Minibus Service
School Transport
Airport / Point to Point Transfers
Wheelchair Accessible
Mob: +356 99034447
Email: bjorncamilleri90@gmail.com


BALLUT BLOCKS
FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY
Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Piles
Tunnelling
Precast Slab Roofing
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Tunnelling Machine
Precast Walls
GPC
Concrete Solutions
www.ballutblocks.com




# Delivering solutions for you

**24HR EMERGENCY SERVICES**

**MV Electrical & Plumbing Installations Ltd.**

1 Ta' Zeppu Flats,
Triq Santa Marija, Mgarr MGR 1529
**CALL** 99475356 / 99450972
**EMAIL** info@mvmalta.com

**FIND US ON FACEBOOK**
MV Electrical & Plumbing Installations



# The Store for all your needs

**Electrical, Plumbing, Building Materials, DIY, Lighting, Sanitary, Paints ... & more.**

## MV Hardware

176, Triq Sir Harry Luke,
L-Imġarr.

**CALL** 2157 5397
7977 0282

**FIND US ON FACEBOOK**
MV Hardware




Your one stop shop for your swimming pool
We provide our clients with a hassle-free one-stop shop for pool & spa construction projects-from the excavation stages to the minute details of the finishing stages with our own skilled personnel, equipment & machinery.
Eco Select
PENTAIR
These products save energy, save water, eliminate or reduce noise, or otherwise contribute to a more environmentally responsible equipment system. In every case, a product that earns the Eco Select brand is clearly our "greenest" and most efficient choice.
MUSCAT
POOL CONSTRUCTION
Muscat Building, Gammari Camilleri Street, Mgarr, Malta
Tel: +356 2158 2761
E-mail: info@muscatpools.com
Web: www.muscatpools.com
Find us on facebook
PENTAIR
STA-RITE
innowater
AQA
ROSO GRES
ONIX mosaico



Needs&Treats
Needs&Treats
OPEN
emy
TASTE THE QUALITY
+356 2143 0810
emy.com.mt
GO HEALTHY
Open Mon-Sat till 8pm
Sir Temi Zammit Street, Iż-Żebbiegħ L/O l-Imġarr
Mob: 99498197 Tel:27309239




Thermomix TM6
a smarter way to cook
√ Replaces over 20 kitchen appliances
√ And it cooks!
e.g. risottos, pasta dishes, sauces, soups, stews, curries, pie filling, stock and curry pastes, butters, baby food, custards, rice pudding, jams and chutneys, yoghurt, sweets, ice cream, sorbets, cocktails/ mocktails, smoothies and much more!
√ Also features multi-level cooking
SO SAVE TIME AND MONEY AND LET THERMOMIX DO THE COOKING!
For a free demonstration and advice do not hesitate to contact your official Thermomix advisor Caroline on 9945 7587 or send an email to caroline.ciappara@gmail.com
Several Payment Options



**New Tyres:**

- Car
- 4x4
- Light Truck and Van
- Heavy Truck
- Agriculture
- Off the Road
- Earth Moving

- Alloy Wheels
- All Tyre Repairs
- Wheel Balancing
- Car Care Products





Sole Agents for:

LASSA Radar petlas

Alloy Wheels:

MAK Arcasting

Also Available Brands:

Firestone GOODYEAR HANKOOK
MICHELIN BRIDGESTONE BFGoodrich
PIRELLI DUNLOP TOYO TIRES




**Mobile: 99 042 285 / 99 448 417**

**Email: rpjtyresandwheels@gmail.com**

**Website: www.rpjtyres.com**

**Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030**

**Opening Hours:**

**Monday – Friday: 7:00 – 18:00**

**Saturday: 7:00 – 13:30**


Ta Ċelita
IKEL BNIN
HEARTY FOOD
info@tacelita.com
21573705
27573705
99550905
Find us on our Social Media:
Facebook.com/TaCelitaMgarr
@TaCelitaOfficial
www.tacelita.com


SWEET KING
Homemade products the professional way
Large variety of Fresh Cakes,
Cream Tarts, Hand made Ravioli,
Frozen items, party items
and much more
Burmarrad Road, Burmarrad (next to church)
Tel: 2733 3578

# United

RESTAURANT



## *Specialising in Maltese Rabbit*

### *Fresh Fish, Seafood & Mediterranean Cuisine*









BOOKINGS ARE RECOMMENDED

Triq il-Kbira, Mġarr **(Behind The Mġarr Church)**

**T:** 2157 2512 **E:** info@unitedmgarr.com **W:** www.unitedmgarr.com Find us on facebook



# MICHAEL AGIUS

***Agricultural Machinery***
***Sales & Services***

10, Triq l-Iskavi cr.
Triq il-Banjijiet Rumani,
l-Imġarr Malta

T: 2158 3262
M: 9987 5035
E: michael.a.agius@gmail.com










FRESH DAILY
# RODNEY'S
— ESTD. Fish Shop 2014 —

EXCLUSIVE SHOP FOR

## Opening Hours

| | |
|---|---|
| Monday | 11:00 - 18:30 |
| Tuesday to Friday | 09:00 - 18:30 |
| Saturday | 09:00 - 14:00 |

Sunday flexible hours, mornings only

98, Vjal l-Indipendenza, Mosta
Tel: 2142 4311

MĠARR
United
Bar & Restaurant
Since 1995

# MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT

Triq il-Magħkuba, Mġarr
(close to Football Ground )

**T: 2157 4630 M: 7905 0283**



C. Gatt Midland Steel Works

# C Gatt Midland Steel Works

Block D Midland Micro-Enterprice Park
Triq Burmarrad, Naxxar NXR6345
Mob No: 99823982
Tel. No: 27036638
Email: cgattweld@gmail.com
http://www.facebook.com/cgattweld

**- Gates - Certified Overhead Cranes**
**- Spiral Staircase - Railings**
**- Balconies - Steel Structures**
**- Window Grills - Steel Stairs**
**- Skylights - Boat Trailers**









Agricultural Supplies
Gardening Supplies
Pet Supplies
Mġarr Farmers
Cooperative Society Ltd.
Website: www.mgarrfarmers.com
Tel/Fax. 00356 21582410
Sir Temi Zammit Street, Żebbiegħ
Opening Hours:
Monday 7:00 – 12:00 & 15:00 – 19:00
Tuesday 14:00 – 19:00
Wednesday 8:30 – 12:30 & 14:00 – 19:00
Thursday 7:00 – 12:00 & 15:00 – 19:00
Friday 8:30 – 12:30 & 14:00 – 19:00
Saturday 14:00 – 16:00





# 19 Meter Cherry Picker For Hire

(SAFETY FIRST)

Contact Lawrence on 79087797





Manuel Bezzina Co Ltd
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
HERMOSA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi impurtata f'Ottubru
SANTE
Bikrija
DRUID
Ħamra
BUFFALO
Bajda
SLANEY
Bajda
ALPHA
Safra
CARA
Ta' Għajna Ħamra
Aktar tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd, 'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur
Tel: (Res) 2141 0204, (Ta' Qali) 2141 8192 • Mob: 9949 7346
Fax: 2141 2587 • Email: info@manuelbezzinacoltd.com


BOAT
TRAVEL
HOME
MOTOR
HEALTH
BUSINESS
PERSONAL ACCIDENT
Susan Micallef
Tied Insurance Intermediary
74, Triq Sir Temi Zammit,
Żebbiegħ, Mġarr, Malta
M: 7972 2912
E: susan.micallef@gmail.com
MAPFRE | MIDDLESEA
*The Products are manufactured by MMS
and distributed by Susan Micallef
Susan Micallef is an enrolled Tied Insurance Intermediary (TII) under the Insurance Distribution Act for MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS). MMS (C-5553) is authorised under the Insurance Business Act. Both the TII and MMS are regulated by the Malta Financial Services Authority.


GREEN ENERGY
saver
(Prop Mark Vella)
Inspired for Energy Savings
HATE YOUR
ELECTRICAL BILLS ?
$
BILLS
WE CAN HELP WITH:
• LESS ENERGY & POWER
• LESS ELECTRICAL BILLS
• 100% LIFESPAN ON EQUIPMENT
SUITABLE FOR:
• RESIDENTIAL
• COMMERCIAL
• & INDUSTRIAL PREMISES
INFO @ 9942 9644
Money Back Guaranteed



Greyhound
Bar & Restaurant
Triq Tal-Milord, Il-Bidnija MST 1000
Mobile: 7770 0818




J & L Supermarket
Variety of Fruit, Vegetables,
Groceries and Delicatessen
Main Street, l-Imġarr, Malta
Tel: 21579397

Britannia

your holiday starts here!

# Għal ivjaġġar fi gruppi jew individwali kif ukoll cruises

**www.bsl.com.mt**

TOURS | TRAVEL | LONG HAUL | CRUISES | HONEYMOON | INSURANCE



Ċemplilna fuq **21238039** għal aktar informazzjoni
jew żur wieħed mill-fergħat tagħna fil-Ħamrun, Valletta jew Mosta




## NOFFRU WKOLL DIVERI INSURANCES FOSTHOM FUQ KAROZZI, DJAR, PETS U ĦAFNA AKTAR...

**Ħamrun Branch**
Britannia House, 652, Saint Joseph High Road, Ħamrun ĦMR 1012, MALTA

(+356) 2247 4810
(+356) 2123 8039
info@bsl.com.mt

TIED INTERMEDIARY FOR

Atlas Insurance

# IDEAL FARMHOUSES
## GOZO

**Luxurious farmhouses in Xaghra Gozo for Rent with Swimming Pool**

**Mob: (+356) 99849706**
**Tel: (+356) 21573153**








**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr**
**21575749 • 99849688**

Opening Hours:
Mon - Sat: 4am - 5pm
Sunday: 7.30am - 1pm

Drinks & Appetizers
Daily specialities
ħobż, wraps, salads, pasta
Reasonable Prices


J.MICALLEF
SERVICE STATION
J.Micallef Service Station
Your one-stop shop
for your car care!
Professional Car Valeting ... Interior & Exterior • Car Wax & Polish • Engine Wash
Oudour Removal • Tyre Repairs • AC Refill Service • Car Accessories Shop
Top Brands Tyres & Alloy Wheels • BOV ATM Facilities • Roadside Cafè & Lounge Bar
24hrs Self-Service Carwash
CARwash
BOV
J.Micallef Service Station
Tal-Barrani Road, Żejtun, Malta +356 2180 1493 • 9980 7932 zejtunss@jmicallefgroup.com.mt
Buqana Road, l/o Rabat, Malta +356 2145 0853 • 7945 0855 rabatss@jmicallefgroup.com.mt
www.jmicallefgroup.com.mt
ATM
BOV
Cafeteria




MGARR Pharmacy

Main Street c/w Vitale Street, L-Imġarr Malta
Email: pharmacymgarr@gmail.com

Contact Numbers: 21577784/79577784

Opening hours:
Monday: 08.00 – 19.00
Tuesday - Saturday: 08.00 - 13.00 ~ 16.00 - 19.00



Music LINK
Importers • Wholesalers • Distributors
SONOR
... the link between music and musician
We stock all types of musical Instruments, Pro-Audio Equipment, accessories and music books including ABRSM, LCM and Trinity Publications
We are also agents for FERNANDES Guitars
Have you always wished to learn the piano?
Is your child interested in learning piano but the thought of being an inconvenience to your neighbours puts you off?
Do you live in a small apartment and so space is an issue?
ROLAND DIGITAL PIANOS is your answer!
With same hammered piano touch feeling and less space taken, this makes Roland digital pianos unique and comfortable in your home. It gives you the advantage of studying any time you want, even during the night, by using the headphones!
Benefits when purchasing a Roland Digital Piano:
• Never needs tuning • No maintenance necessary • lighter to move
• Safe from humidity and temperature • total control of volume
• Exceeds the specifications for digital pianos prescribed by UK Examination Boards • 2 years guarantee on parts and labour
Roland Digital Piano Pianos are used at The Royal Academy of Music and The Royal College of Music.
All models are now with IVORY FEEL TOUCH for the perfect piano playing!
262, Fleur De Lys Road, Birkirkara | Tel: 2148 2796 | Fax: 2131 5022 | E-mail: info@nvgent.com
www.nvgent.com


NOW
— GRAB OUR —
HOMEMADE
PRODUCTS,
FOR YOUR ULTIMATE
BARBEQUE
MODERN BUTCHER
15, Kurat Chetcuti Street, Mgarr
21577490 / 79577490
raybugeja@hotmail.com
MON 3:30pm - 6:30pm
TUE - FRI 7:00am - 6:30pm
SAT 6:15am - 1:00pm


RESTAWR ARTI
SEMIRA BUGEJA
M.Sc., B.A. (Hons) (Melit)
69, Triq it-Tuffieħ, Naxxar
79576344
restawrarti@gmail.com


NATHANIEL MUSCAT
TAL-QADDIS
Għal kull xogħol ta' kisi u tibjid.
Nagħmlu:
Faċċati fuq il-fil, Graffiato,
Silicato, Ġibs, Invjar eċċ....
Nagħmlu wkoll rinovazzjonijiet
fi djar antiki.
Għal stima b'xejn fuq il-post ċemplu
Mob: 99867647 jew 21418440

opticalpoint

St Paul's Street, St Paul's Bay

Tel: 27576843 Mobile: 99921911




Your Chefs
Let us take care of the cooking while you entertain your guests
Platters • Barbecues • Private Dining
YourChefsMlt
your.chefsmlt
yourchefsmlt@gmail.com
77015294


IL-MIXTLA
plants&pet supplies
Tel: 77936703



PAPER SOURCE
STATIONERY
TOYS & GIFTS
OPEN
WITH EVERY €100 SPENT, YOU'LL GET €10 WORTH OF STATIONERY, TOYS AND GIFTS
GREAT PRICES IN STORE!
Email us on
papersource19@gmail.com
31 Triq il-Kbira Mgarr Malta
Call us on 21572051




Pd
GATES & GARAGE DOORS
DEA
Specialists in Garage Doors, Gates & Automation
INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
ROLLER SHUTTER DOORS
RESIDENTIAL & INDUSTRIAL,
SLIDING & WING GATES IN VARIOUS DESIGNS AND FINISHES
REMOTE CONTROL AUTOMATION AVAILABLE
t. 21419275 m. 99498269 e. patrick.pds@gmail.com
Midland Micro Enterprise Park, Block D, Plots 10 & 11, Triq Burmarrad, L/O Naxxar, NXR 6345 - Malta
find us on facebook.


MALTA SUNRIPE
A TASTE OF MALTA
A farmers-owned trade of Maltese Traditional Delicacies
Quality - Tradition - Culinary Heritage
Our brand Tari Tari
Malta Sunripe Company Ltd., St Peter Street, Mġarr - Malta - MĠR1545
T: +356 2158 3269 - M: +356 7926 1490 / +356 7925 2339
E: msunripe@maltanet.net - W: www.maltasunripe.com


TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry
• Weddings • Engagements • Parties and Private functions
• Wines & Spirits • Beers & Minerals • Tobacco
• Snacks & Confectionery • Foodstuffs • Ice Cubes & Flakes
• at wholesale prices
• Rabat • Dingli • Bahrija, • Mosta • Attard • Zebbug,
• Lija • Iklin • Balzan • B'kara • Fleur De Lys
• Mgarr • Bidnija • Naxxar • Gharghur
TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry
Vincenzo Ciapara Street, Rabat
Tel: 21 454 876 • 21 459 925 • Fax: 21 451 079
Email: info@takarla.com


Mgarr Farmers
Snack Bar
& Bennej Restaurant
Home Made Food!
Sir Temi Zammit Street, Mgarr - Malta
Tel: 2157 1328, 7959 4938


BLAUGRANA
CERAMICS
Importers of Tiles from Italy & Spain
Specializing in Bathrooms and Floor Ceramics
• Tile Laying
• Bathroom Accessories
• Mixers
Johann Said
mob: 99728174
90, Main Street, Mgarr, Malta
info@blaugrana.com.mt
www.blaugrana.com.mt


VELLA WHOLESALERS
Groceries, Toiletries, Detergents and Pet Shop
'St. Michael', Sir Temi Zammit Street, Zebbiegh
Tel - 21 522 805
Mob - 99 837 837


RFL
24HR TOWING & RECOVERY SERVICE
RFL Towing was established in 2005 and currently operates in association with Mapfre Middlesea p.l.c.
RFL Towing understands that having problems on the road is frustrating and inconvenient, which is why the company operates everyday and at all hours, with timeliness and efficiency in mind. Organisation and responsibility are also key factors in the way RFL Towing is managed.
Roadside assistance is given to those who require it, and services include tyre changing, battery replacements and battery boosts, amongst others.
RFL Towing offers its services in both Malta and Gozo, and prices vary depending on the type of vehicle and the severity of the situation. A special rate is available for companies that make use of the service.
RFL Towing Services, Ta Saliba, Wardija Crossroads, Malta
Find us on Facebook: RFL Towing Service Website: www.rfltowing.com Email: rflt@go.net.mt
(+356) 9945 1593 / 9957 9240


Get your
brand
out there
CUSHIONS
FULLY CUSTOMISED GARMENTS
VARIOUS HATS
BASEBALL CAPS
BANDANAS
WATERPROOF SPEAKER
WATERPROOF TOUCH SCREEN
FOLDABLE FAN
FOLDABLE BAGS
Mini notebook with pen
T-SHIRTS & POLOSHIRTS
CHEERING STICKS
Make sure your brand doesn't go unnoticed.
Our range of promotional merchandise will surely go a long way.
Visit our website for a bigger range.
UV PRINT
Tel: 2144 0815
Email: info@uvprint.com.mt
UV Print Malta
www.uvprint.com.mt


St. Mary's
Bakery
Tal-Pewx
Suppliers of Traditional Maltese & Fancy Bread
for Grocers, Confectionery, Restaurant and Snacks Bars
Mob: 9947 5459 / 7723 7702




P. N.

Il-Kumitat Sezzjonali
tal-Partit Nazzjonalista tal-Imġarr
jixtieq jawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd



# Logħob tal-Imgħoddi

Janie Vassallo

It-tfulija m'hawnx isbaħ minnha. It-tfal jibku, jilagħbu u jitgħallmu. Illum il-ġurnata, fejn affarijiet kummerċjali affettwaw l-aspetti kollha ta' ħajjitna, it-tfulija nbidlet ukoll. Għadda ż-żmien meta t-tfal kienu jinġabru fit-toroq u l-isqaqien tar-raħal u jilagħbu bil-boċċi jew biż-żibeġ.

Illum il-familji jkollhom inqas tfal u ħafna nies bilkemm jafu min huma l-ġirien tagħhom. Imma kif jista' jkun li f'medda ta' madwar sebgħin sena l-ħajja nbidlet daqshekk?!

Fl-imgħoddi kien hemm differenza bejn il-ħajja tan-nies tal-ibliet u ta' dawk fl-irħula u l-kampanja. Minħabba li n-nies fl-irħula kienu jaħdmu fil-biedja, dawn id-differenzi kienu jinkludu d-djar fejn kienu jgħixu, dak li jieklu u t-tip ta' tfulija li kien ikollhom iċ-ċkejknin.

Dawn it-tfal kienu jgħinu lill-familji tagħhom fix-xogħol tar-raba' u jgħinu biex jieħdu ħsieb l-annimali li jkollhom. Ma kinux joqogħdu bilqiegħda jħarsu lejn skrin tat-televixin jew tal-kompjuter, imma kienu jedhew fil-logħob jew jivvintaw modi oħra kif iqattgħu l-ħin tagħhom.

Xi wħud minn dawn illum jitqiesu bħala moħqrija tal-annimali. Irridu nippruvaw nifhmu l-ħajja ta' dak iż-żmien, imma mhux billi nużaw mentalità 'moderna'. Kellhom stil ta' ħajja sempliċi u innoċenti, madankollu kienu responsabbli aktar mit-tfal tal-lum. Kienu jilagħbu logħob bħat-tfal tal-ibliet. Iżda barra, bil-boċċi u biż-żibeġ, kienu jivvintaw logħob ieħor, billi joħolqu xi ħaġa minn oġġetti naturali.

Dawn huma xi wħud mill-oġġetti li kienu jagħmlu t-tfal biex iqattgħu l-ħin liberu tagħhom:

## *It-tajra*

Fi nħawi differenti tal-gżejjer Maltin it-tajra tissejjaħ b'ismijiet oħra, bħal 'ħamiema', 'fjamma' jew 'manuċċa'.[1] Dan kien il-passatemp favorit tat-tfal, speċjalment fis-sajf, meta kienu jistennew kundizzjonijiet tat-temp tajbin biex itajru t-tajra tagħhom. It-tajra ma kinitx popolari biss mat-tfal tal-kampanja.

Filwaqt li fl-ibliet u l-irħula l-kbar kienu jagħmluhom mill-karti tat-tajr, it-tfal tal-kampanja kienu jużaw l-ixkejjer tal-ġwież. Kienu jsibu l-qasab minn xi wied jew sies u jaqtgħu biċċiet minnhom skont il-kobor tat-tajra. Kienu jagħmlu l-kolla billi jħalltu ftit dqiq mal-ilma. Iżda minħabba li ma kienx hemm dqiq għall-ħela ġieli kienu jagħmlu l-kolla mod ieħor. Kienu jaqbdu ftit bebbux, iqattgħuh biċċiet u jieħdu x-xaħam li jkun hemm ġewwa. Qaluli li kienet tiġi twaħħal aktar mill-kolla tal-lum!

---

1 *Bid-djalett Żejtuni mano – id + uccello – għasfur*

### *Il-badbut*

Il-qasab kien jintuża wkoll biex isir strument mużikali sempliċi, li jista' jindaqq waħdu jew bħala parti miż-żummara.[2] Qasba dejqa tinqata' b'tul ta' madwar 10ċm. Permezz ta' mus jinqata' lsien fil-qasba. Din kienet tkun il-parti li tivvibra. Il-badbut kien favorit mat-tfal – arahom jonfħu u jagħmlu xebgħa storbju. Ma tantx kien maħbub mill-adulti minħabba l-ħoss monotonu li kien jagħmel, għax jipproduċi nota waħda biss.



*Il-Badbut*

### *Id-dewwiema tal-qasab jew tal-bont*

Għal darb'oħra l-qasab huwa l-materjal ewlieni li jintuża. Id-dewwiema, li hija skrun żgħir – ġeneralment parti minn pinnur – kienet issir billi tinqata' biċċa qasba tul ta' madwar 15-il ċm. Dil-qasba tiġi maqsuma għat-tul min-nofs. Imbagħad jitpoġġew fuq xulxin u tittaqqab toqba fin-nofs. Dawn kienu jiġu mqabbda ma' qasba permezz ta' biċċa fildiferru. Xi ħadd tas-sengħa ried jaqta' t-truf tal-qasab fil-forma eżatta – bħax-xfafar ta' skrun – inkella d-dewwiema ma ddurx sewwa.

Fil-kampanja l-ħajja timxi skont l-istaġuni. Dawn kienu jaffettwaw ukoll x'tip ta' dewwiema ssir.

Fir-rebbiegħa l-bdiewa jgħarrsu l-basal is-sabiħ sabiex jagħmel iż-żerriegħa. Fis-sajf jikber il-bont, li jkollu qisu pompom biż-żerriegħa. Wara li tinġabar iż-żerriegħa dawn il-bnut kienu jintużaw minflok il-qasab biex issir id-dewwiema.

Id-dewwiema kienet tintuża wkoll bħala l-biċċa ta' quddiem tal-pinnur.



*Pinnur tal-qasab*

### *Iċ-ċpejpella*

Kienu jilagħbu wkoll b'ġebel ta' daqsijiet u forom partikolari. Ġebla ta' daqs medju – magħrufa bħala 'l-master' – titpoġġa wieqfa ftit 'il bogħod. Fuqha jpoġġu xi muniti. Kienu jilagħbu billi jippruvaw jolqtu lill-master b'ġebla ċatta u żgħira magħrufa bħala 'ċpejpella'. It-tifel li jirnexxilu jolqot il-master kien jieħu dak li kien ikun hemm fuqu.

Fi żmien il-Milied it-tfal ma kinux jippretendu li jaqilgħu xi iPhone jew xi ġugarell jiswa l-flus. Kienu jingħataw xi ftit ġewż bħala rigal. Qabel jikluhom kienu joqogħdu jilagħbu bihom. F'dan iż-żmien minflok muniti kienu jpoġġu dan il-ġewż.

### *Iż-żunżan bagħal*

Fl-imgħoddi, meta kien għad m'hemmx ilma fid-djar, in-nies kienu jużaw l-għejun tal-ilma biex jimlew l-ilma għax-xorb u l-ħasil. Tip ta' żunżan, magħruf bħala 'żunżan bagħal', kien jinġabar fejn dawn l-għejun biex jixrob l-ilma li jkun hemm fl-art. Iż-żunżan bagħal ma baqax jidher wara li daħal is-servizz tal-ilma fid-djar u l-għejun tal-ilma ma baqgħux jintużaw. F'dawn l-aħħar snin dan l-insett reġa' beda jidher f'xi nħawi ta' Malta.

It-tfal kienu jinġabru madwar l-għajn tal-ilma biex jippruvaw jaqbdu xi wieħed minn

---

2 *Strument tradizzjonali*

dawn iż-żnażan b'biċċa drapp imxarrba. Wara kienu jaqbdu biċċa qasba għall-ponta u jdaħħluha f'għajnejn iż-żunżan. Din il-qasba kienet tkun imqabbda m'oħra wieqfa. Il-wieqfa kienet titqabbad m'oħra mimduda li tkun imdaħħla f'ħajt. Iż-żunżan bagħal kien jipprova jtir u minflok kien jibda jdur bħall-ħmar tas-sienja.


*Iż-żunżan bagħal*

## *Il-karru tal-pal*

Il-pal tal-bajtar huwa komuni ħafna fil-kampanja Maltija. Avolja jkun mimli xewk, dan kien jintuża biex minnu jsir karru tal-logħob. Pala sabiħa kienet tinqata' u tingħorok ġot-trab biex jitneħħa x-xewk. Żewġ qasbiet irqaq kienu jiddaħħlu fil-ġnub tagħha u magħhom jitwaħħlu erba' biċċiet pal maqtugħin għat-tond. It-tfal kienu jorbtu l-karru b'lenza u joqogħdu jġebbduh warajhom.

Dawn huma wħud mil-logħbiet li kienu joħolqu t-tfal tal-kampanja. Ħafna minnhom kienu jistgħu jsiru biss fi żmien partikolari tas-sena u kienu jistgħu jintużaw biss għal ftit taż-żmien. Dan kien iwassal biex jivvintaw logħob ieħor u jistennew bil-ħerqa l-wasla tal-istaġun li jmiss.

Illum il-ġurnata t-tfal ma jqattgħux il-ħin liberu tagħhom bil-logħob imsemmi hawn fuq. Anke t-tajra – l-unika logħba milli semmejna li għadna naraw – saret tkun magħmula b'materjali oħra, bħall-plastik. Iżda huwa importanti li ngħallmu t-tfal tagħna jifhmu u japprezzaw l-affarijiet sempliċi u nħeġġuhom jagħmlu l-affarijiet huma stess. Tkun xi ħaġa tajba kieku ngħallmuhom dwar il-logħob tradizzjonali. Dan jista' jsir fl-iskejjel waqt workshops apposta. It-tfal ikunu kburin bihom infushom meta joħolqu xi ħaġa huma stess.

Importanti wkoll li ngħallmuhom dwar id-drawwiet u t-tradizzjonijiet Maltin għax hemm bżonn isiru konxji – u jħossuhom kburin – bil-wirt tagħhom.

Iżda l-aktar aspett importanti tal-logħob tradizzjonali huwa li kien jintlagħab f'komunità, fejn it-tfal kienu jgħinu 'l xulxin biex joħolqu xi ħaġa li jedhew biha. U llum anki fl-istess familja, kulħadd iċċassat itektek fil-mobile. Tiġux tgħiduli li dan hu progress!


*Karru tal-pal*

## *Bibljografija*


Mifsud, F. Logħob tal-Imgħoddi; 2017 (intervista minn J. Vassallo)

Mifsud, K. Logħob tal-Imgħoddi; 2017 (intervista minn J. Vassallo)

Storjografija - Strumenti Tradizzjonali Maltin tan-Nifs; 18 ta' Lulju 2019. https://www.youtube.com/watch?v=47spOMrB-eQ

Vella, V. Żunżana 'predatur'… tinfirex f'Malta u perikoluża; 2014, September 23: iNews. http://www.inewsmalta.com/article.php?ID1=19759

# "Min huma d-dixxendenti tal-għasafar?"

Claudine Muscat B.Ed. (Hons), MBA



L-għasafar li jimlew is-smewwiet tad-dinja llum huma dinosawri ħajjin, tifkiriet ta' passat imbiegħed u stramb!

Id-dinosawri dejjem qanqlu l-immaġinazzjoni, imma l-fehmiet tagħna dwar dawn l-annimali spettakolari nbidlu kontinwament matul iż-żmien. Tant hu hekk li l-immaġni tagħna tad-dinosawri issa hija pjuttost differenti minn dik imressqa mill-ewwel paleontologi li ddedikaw ir-riċerka tagħhom fuq il-fossili ta' dawn l-annimali.



Il-fehim il-ġdid tagħna tal-evoluzzjoni tad-dinosawri qed jittrasforma l-mod kif jaħsbu x-xjenzati. Kien hemm drabi meta d-dinosawri kienu meqjusa bħala gremxul ta' kobor kbir, iżda issa huma meqjusa b'mod differenti ħafna. Għexieren ta' snin ta' skoperti kbar u studji ġodda kkonvinċew lir-riċerkaturi li hemm rabta diretta bejn speċi ta' għasafar moderni u dinosawri teropodi (theropods).

### *Ir-rinaxximent tad-dinosawri*

Ninsabu f'perjodu li l-paleontologi jsejħulu 'r-rinaxximent tad-dinosawri'. Beda fis-sittinijiet bl-iskoperta rivoluzzjonarja ta' *Deinonychus*, dinosawru żgħir predatorju li għex madwar 115-il miljun sena ilu, u dan kien instab li kellu r-rix. Din l-iskoperta għenet biex jiġi trasformat il-mod kif il-paleontologi jaħsbu dwar id-dinosawri. Dan id-dinosawru mhux biss wera xebh uniku mal-għasafar, iżda wkoll deher li kien kaċċatur intelliġenti u ta' ħeffa liema bħalha!

Riċerka ġdida li saret fuq kampjuni qodma flimkien mal-iskoperti tad-dinosawri u speċi ta' għasafar bikrija fl-istess qasam appoġġjat l-idea li d-dinosawri kienu l-antenati diretti tal-għasafar. Ħafna karatteristiċi u mġiba li jikkaratterizzaw l-għasafar ħajjin instabu wkoll fl-antenati tad-dinosawru tagħhom.

### *Dinosawri bir-rix*

Forsi l-aktar rivelazzjoni sorprendenti kienet l-iskoperta ta' dinosawri bir-rix, li bidlet kompletament il-perċezzjoni tal-komunità xjentifika dwar id-dehra u l-imġiba tagħhom.

Rikostruzzjonijiet moderni ta' dinosawri predaturi huma simili għall-għasafar tal-bidu. Ix-xbieha tagħna tad-dinosawri mxiet 'il bogħod mill-istampa tas-snin ħamsin ta' gremxul kbir bil-qoxra għal waħda li hija ħafna aktar dinamika u eċitanti.



## *Dinosawri Teropodi*



*Deinonychus* kien teropodu (*theropod*), wieħed minn grupp ta' dinosawri bipedi (li jużaw żewġ saqajn biex jimxu) u karnivori li kienu jinkludu wkoll it-*Tyrannosaurus rex* (*T. rex*). L-għarfien tagħna ta' dawn il-kreaturi qed jinbidel kontinwament hekk kif qed jinkixfu fossili ġodda.

Ix-xjentisti issa jafu li d-dinosawri evolvew karatteristiċi simili għall-għasafar ħafna qabel ma deher *Archaeopteryx* – il-fossila tal-perjodu Ġurassiku tard, li normalment hu maħsub li huwa l-aktar għasfur bikri.

Il-bidla evoluzzjonarja gradwali minn dinosawri bipedi li jiġru b'ħeffa fuq l-art għal għasafar żgħar u bil-ġwienaħ li jtiru probabbilment bdiet madwar 160 miljun sena ilu. Possibilment seħħet b'riżultat ta' ċaqliq minn xi teropodi żgħar fis-siġar fit-tfittxija għall-ikel jew għall-protezzjoni.

## *Bdew jiċkienu hekk kif evolvew*

Matul l-istorja evoluttiva tagħhom id-daqs tal-ġisem ta' xi gruppi ta' teropodi naqas gradwalment – tendenza li, flimkien ma' ħafna bidliet oħra fl-iskeletru, fl-aħħar wasslet għad-dehra ta' għasafar.



L-ewwel skoperti tad-dinosawri saru fil-bidu tas-seklu dsatax. Fil-bidu d-dinosawri kienu maħsuba li jidhru bħal gremxul kbir u b'dehra ta' annimali enormi b'tul ta' mijiet ta' piedi. Fl-1996 tħabbar l-ewwel dinosawru bir-rix u minn dakinhar ħarġu ħafna oħrajn. Dan ix-xogħol wera li *Deinonychus*, oriġinarjament muri bħala dinosawru bil-qxur, fil-fatt kien bir-rix.

Skoperti ġodda jfissru li dejjem għandna naġġornaw il-fehmiet dwar id-dehra, l-imġiba u l-istil tad-dinosawru.

## *Għexu dinosawri f'Malta?*

La qed nitkellmu dwar is-suġġett tad-dinosawri, li jolqot l-interess ta' bosta individwi, tajjeb li wieħed ikun jaf li f'Malta qatt ma eżistew id-dinosawri.

Il-gżejjer Maltin huma magħmula minn saffi differenti ta' blat sedimentarju. F'termini ġeoloġiċi l-gżejjer huma żgħar ħafna. Dawn inħolqu ħafna wara li d-dinosawri spiċċaw u għalhekk huwa impossibbli li jinstabu fossili tad-dinosawri fi kwalunkwe blat tal-gżejjer.

Dan ma jfissirx li f'Malta ma kienx hawn skoperti affaxxinanti ta' fossili… Biżżejjed wieħed imur mawra sal-mużew dedikat lill-istorja naturali ta' pajjiżna jew Għar Dalam biex japprezza dan il-fatt.



# L-Importanza tal-Frott

Marylise Spiteri

L-istaġun tas-sajf iġib miegħu abbundanza ta' frott bnin. Tajjeb li ninkorporawh bħala parti mid-dieta tagħna għaliex jagħtina diversi benefiċċji, fosthom il-vitamini u l-minerali, li huma importanti biex jipprevjenu ċertu mard, il-fibra, li hija importanti biex inżommu s-sistema diġestiva b'saħħitha, kif ukoll m'għandux xaħam!

Mill-banda l-oħra, ikkonsma l-frott f'ammonti moderati, speċjalment jekk qed timxi ma' xi tip ta' dieta mnaqqsa miz-zokkor, għaliex il-frott għandu zokkor naturali li jagħtih dik it-togħma ħelwa!

Hawn taħt għandek xi ideat ta' riċetti ħfief u bnini li jinkludu l-frott.

---

## *Sorbet tad-dulliegħ*

***L-Ingredjenti:***

600 gr dulliegħ imqatta' cubes

meraq ta' lumija jew lime

***Il-Metodu: pic 39***

Iffriża d-dulliegħ għal madwar 8 sigħat.

Itfa' d-dulliegħ iffriżat ġo food processor u ħawwad sakemm it-taħlita tiġi sorbet. Itfa' l-meraq tal-lumi jew lime bil-mod waqt li tkun qed tħawwad. Servi.

* Titfax il-meraq kollu mill-ewwel f'daqqa, inkella t-taħlita tibqa' maħlula.

* Tista' żżid ftit għasel biex ikollok taħlita ftit iżjed ħelwa.

## *Ġelat tal-ħawħ u l-jogurt*

*(riċetta għal 4 porzjonijiet)*

***L-Ingredjenti:***

madwar 8 ħawħiet ta' daqs medju mqattgħa slajsis iffriżati

3 mgħaref għasel

nofs tazza Greek yoghurt

mgħarfa meraq tal-lumi

***Il-Metodu:***

Ixħet l-ingredjenti ġo food processor u ħawwad għal madwar 5 minuti sakemm it-taħlita tiġi kremuża bħal ġelat. Servi.

Jekk m'intix ser isservi mill-ewwel tista' titfa' l-ġelat ġo kontenitur fil-friża li jservi għal madwar xahar.

Tista' tuża frott li tixtieq minflok il-ħawħ.



## *Pancakes bil-banana*

*(riċetta għal 8 pancakes żgħar)*



***L-Ingredjenti:***

banana waħda

2 bajdiet imħabbta

¼ ta' kuċċarina assenza tal-vanilla

***Il-Metodu:***

Għaffeġ il-banana b'furketta ġo bowl.

Żid l-assenza tal-vanilla u l-bajd imħabbat mat-taħlita. Ħawwad sew.

Saħħan taġen u keskes ftit cooking spray.

Itfa' madwar 2 mgħaref mit-taħlita fit-taġen u sajjar sakemm jagħqdu.

Żejjen il-wiċċ bi ftit jogurt, frott imqatta', għasel u ftit lewż imkisser jew b'ingredjenti li tixtieq.

*Tista' żżid ftit kokkodina biex ikollok pancakes taċ-ċikkulata.

*Tista' żżid ftit baking powder mat-taħlita biex ikollok pancakes iżjed ħfief.





# Servitù

Dr Sonia Consiglio LL.D.
Konsulent Legali

### *X'inhi servitù?*

It-tendenza llum hija li terraced houses u maisonettes jitwaqqgħu għalkollox, inkella jinbena fuqhom, sabiex minn abitazzjoni waħda jew tnejn titla' blokka appartamenti. Il-parti l-kbira tal-blokok illum jogħlew sa ħames sulari, b'erba' appartamenti u penthouse, u f'ċerti rħula jew areas partikolari anke b'aktar sulari, skont il-politika reġjonali dwar l-ippjanar tal-ibliet u tal-kampanja.

Madankollu ftit huma dawk li jafu r-riperkussjonijiet li jistgħu jinqalgħu fejn ikun hemm maisonettes li huma proprjetà ta' żewġ sidien differenti, u dan fuq dak li jirrigwarda s-servitujiet.

### *Forsi dak li jkun jistaqsi, x'inhi servitù?*

Is-servitù hija jedd stabbilit għall-vantaġġ ta' fond fuq fond ta' ħaddieħor, sabiex isir użu minn dan il-fond ta' ħaddieħor jew sabiex ma jitħalliex li sidu juża minnu kif irid. Il-fond li jkollu jittollera s-servitù jissejjaħ 'fond servjenti', filwaqt li l-fond li għall-vantaġġ tiegħu s-servitù tinħoloq jissejjaħ 'il-fond dominanti'.

Mela f'każ ta' żewġ maisonettes fuq xulxin, dak ta' isfel huwa l-fond servjenti mentri dak ta' fuq huwa l-fond dominanti. Dan għaliex ta' isfel irid jissaporti l-introspezzjoni tal-maisonette ta' fuqu ġewwa l-btieħi tiegħu, mit-twieqi li ta' fuq ikollu f'dawn il-btieħi kif ukoll l-ilma tax-xita u d-dranaġġ li jgħaddi minn ta' fuq għal isfel.

### *Allura kif jinħolqu dawn is-servitujiet?*

Is-servitujiet jinħolqu mil-liġi, jew mill-fatt tal-bniedem. Dawk maħluqa mil-liġi għall-utilità pubblika huma stabbiliti minn liġijiet jew regolamenti speċjali, filwaqt li l-liġi toħloq ukoll servitujiet għall-utilità privata, bi tliet modi:

(a) bis-saħħa ta' titolu;

(b) bil-preskrizzjoni, jekk il-fond li fuqu jiġu eżerċitati jista' jinkiseb bil-preskrizzjoni;

(ċ) bid-destinazzjoni tas-sid ta' żewġ fondi.

Dan għalhekk ifisser li wieħed ma jistax jaqbad u jikkrea servitujiet ġodda apparti b'dawn il-modi.

### *Mela xi jfisser li jkollok permess għall-bini maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar?*

Il-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar jagħti l-fakultà sabiex isir żvilupp ġdid jew modifika fil-bini. Madanakollu, meta l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ permess għall-

bini, dan ikun qiegħed jingħata salv għad-drittijiet ta' terzi (saving third party rights), u għalhekk l-applikant mhuwiex meħlus milli jikseb xi permess ieħor meħtieġ mil-liġi appuntu b'dak il-permess tal-bini.

Hemm min jirraġuna li kull kwistjoni rigward sanità, anke f'dak li jirrigwardja drittijiet ta' terzi, hi regolata u deċiża waqt il-proċess li jwassal għall-ħruġ tal-istess permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, u fuq dan il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Maria Concetta mart it-Tabib Dottor Joseph Zammit Lupi et vs il-Maġġur Peter Paul Ripard, deċiża fit-30 ta' Ottubru 2003 u kkonfermata fl-Appell fit-3 ta' Novembru, 2006, kellha xi tgħid hekk:

*"Issa jista' jkun minnu li l-awtoritajiet sanitarji aċċettaw pjanti li jista' jkun li jkunu juru twieqi fuq proprjetajiet ta' terzi; dana peress li t-tali twieqi ma jiġux dikjarati li jagħtu fuq proprjetà ta' terzi fil-pjanti li jiġu sottomessi. Dan, però, ma jfissirx li b'daqshekk l-awtoritajiet tas-sanità jkunu qed jawtorizzaw it-tali ftuħ indipendentement mid-drittijiet ta' terzi. Il-permessi tal-awtoritajiet kompetenti joħorġu "saving third party rights", u dawn m'għandhomx dritt jimponu servitù ta' ftuħ ta' aperturi fuq proprjetà ta' terzi."*

### *Għalhekk ladarba servitù tinħoloq validament b'att tal-bniedem, ħafna drabi minqux jew imnizzel f'att pubbliku, kif ninterpretaw il-firxa tas-servitù? Kif niddeterminaw id-drittijiet li din is-servitù tagħti lill-fond dominanti u l-piż li l-fond servjenti għandu jbati?*

Dejjem in tema ta' servitujiet m'għandux jonqos li jiġu senjalati wkoll dawn l-aspetti ta' interess, hekk dottrinalment u ġurisprudenzjalment affermati:

Is-servitujiet huma *'di stretto diritto'* u kull limitazzjoni għad-dritt li wieħed jisserva liberament bi ħwejġu għandha tirċievi interpretazzjoni rigoruża, anke għaliex is-servitù hi eċċezzjoni għar-regola tal-massimu u liberu godiment ta' fond;

Tant dan hu hekk illi jinsorġi l-prinċipju l-ieħor li fejn ikun hemm dubji dwar l-estensjoni ta' servitù, *'quod minimum est sequimur'*, li jfisser li kwalunkwe dubju f'dan is-sens għandu jmur favur is-sid tal-fond servjenti;

Meta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tas-servitù, wieħed għandu jinqeda biha fil-limiti ta' dak li hu meħtieġ, billi jittieħdu b'qies id-destinazzjoni li l-fond dominanti kellu fiż-żmien li ġiet stabbilita s-servitù u l-użu konvenjenti ta' dak il-fond, bl-anqas ħsara tal-fond servjenti.

### *Xi jfisser użu konvenjenti?*

Irridu nħarsu lejn is-servitù u b'mod oġġettiv naraw x'kien l-iskop ta' din is-servitù meta nħolqot, għaliex kienet stabbilita fl-ewwel lok, waqt li nżommu f'moħħna li l-firxa tas-servitù għandha tkun limitata għal dak li hu meħtieġ għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt li s-servitù tagħti lill-fond dominanti. F'każ ta' dubju rridu nħarsu lejn il-fond dominanti fiż-żmien tal-ħolqien tas-servitù, irridu nidentifikaw ir-raġuni għaliex ġiet stabbilita s-servitù u rridu ninterpretaw il-firxa tagħha skont dak li huwa meħtieġ għas-servitù tal-fond dominanti bl-inqas ħsara lill-fond servjenti.

Min-naħa l-oħra dan ma jfissirx li l-qies tas-servitù jista' jiċkien sabiex jintemm id-dritt. Għalhekk l-interpretazzjoni ta' servitù, filwaqt li hija ġeneralment restrittiva, m'għandhiex tkun restrittiva bla bżonn (restrittiva wisq); il-fond dominanti huwa f'kull ħin intitolat li jgawdi l-vantaġġ involut fis-servitù.

Rigward kif jiġu eżerċitati s-servitujiet il-liġi tgħidilna li fis-servitù prinċipali jidħlu servitujiet sekondarji. Għalhekk meta tiġi stabbilita servitù jitqies li magħha ġie mogħti dak kollu li hu meħtieġ għat-tgawdija ta' dik is-servitù, bl-inqas ħsara li jista' jkun hemm tal-fond servjenti. Bħala eżempju nsibu li l-jedd tal-mili tal-ilma jġib miegħu l-jedd tal-mogħdija, u l-jedd ta' wieħed li jgħaddi l-ilma minn fuq il-fond ta' ħaddieħor iġib miegħu l-jedd tal-mogħdija matul il-ġnub tal-kanali sabiex iħares il-mixi tal-ilma, u sabiex inaddaf il-kanali u jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

### *Kif għandhom jiġu eżerċitati s-servitujiet?*

Fejn is-servitù tkun kostitwita b'titolu (b'att pubbliku jew kuntratt) din għandha tiġi eżerċitata bil-mod stabbilit fl-att. Is-sid tal-fond dominanti jista' jwettaq a spejjeż tiegħu kull xogħol meħtieġ għall-eżerċizzju u l-preservazzjoni tas-servitù, bl-inqas inkonvenjent possibbli għall-fond servjenti. Min-naħa tiegħu sid il-fond servjenti ma jista' jagħmel xejn li jista' jnaqqas l-użu tas-servitù jew li jagħmel li dan l-użu jkun ta' xkiel akbar. Hu ma jistax ibiddel il-kundizzjoni tal-fond, u lanqas ma jista' jiddestina għall-eżerċizzju tas-servitù parti oħra tal-fond diversa minn dik li fiha s-servitù kienet ġiet stabbilita fil-bidu.

### *Kif jispiċċaw is-servitujiet?*

Il-liġi tistabbilixxi modi differenti li bihom is-servitù jistgħu jiġu estinti.

#### *1. Meta l-ħaġa suġġetta għas-servitù tkun f'kundizzjoni li s-servitù ma tkunx tista' tibqa' tiġi eżerċitata.*

F'dan il-każ, iżda, aktar milli estinzjoni ta' servitù, tali bidla fl-istat tal-fond hija biss kawża ta' interkonnessjoni jew sospensjoni ta' servitù minħabba l-impossibbiltà tal-eżerċizzju tagħha. Is-servitù terġa' titqajjem jekk il-ħaġa terġa' titqiegħed fi stat li wieħed jista jerġa' jinqeda biha, kemm-il darba ma jkunx għadda żmien biżżejjed biex titnissel il-preżunzjoni li s-servitù spiċċat.

#### *2. Minħabba għaqda jew konsolidazzjoni*

Meta l-fond dominanti u dak servjenti jsiru proprjetà ta' persuna waħda, ibbażata fuq il-prinċipju li ħadd ma jista' joħloq servitù għalih.

#### *3. Minħabba sitwazzjoni li trendi l-eżerċizzju ta' servitù mhux neċessarju*

Eżempju hemm għalqa li mhix mat-triq u biex tidħol għaliha trid bilfors tgħaddi minn fuq l-għalqa ta' quddiemha, li tinsab mat-triq. Allura hawnhekk l-ewwel għalqa għandha d-dritt ta' passaġġ minn fuq l-għalqa kontigwa għall-aċċess. Issa jekk b'xi mod, maġenb l-għalqa li għandha d-dritt ta' passaġġ fuq l-għalqa l-oħra, infetħet triq ġdida, mela dina l-għalqa issa m'għandhiex bżonn aktar dak id-dritt ta' servitù sabiex tgħaddi minn fuq l-għalqa l-oħra.

#### *4. Minn non-użu*

Servitù tispiċċa meta wieħed ma jinqediex biha għal erbgħin sena, fil-każ ta' beni tal-Gvern ta' Malta jew tal-Knisja jew ta' istituzzjoni pija oħra, u għal tletin sena fil-każ ta' beni oħra.

Madankollu din mhix preċiżament preskrizzjoni tassew estintiva imma akkwistiva għax

tikkonsisti mill-ħelsien tal-fond mis-servitù. Għalhekk dan m'għandux jitqies bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali li preskrizzjoni estintiva qatt ma tista' tintuża bħala bażi għall-azzjoni.

### *5. Bidla fil-mod ta' tgawdija*

Il-mod li bih wieħed jinqeda bis-servitù jista' jiġi preskritt bħas-servitù nnifisha. Eżempju kien hemm dritt ta' passaġġ għall-karettun però dan qatt ma ġie eżerċitat. Minflok, iżda, kien hemm l-użu tal-passaġġ bir-riġel, u allura f'dan il-każ is-servitù hija limitata għas-servitù tar-riġel wara li jiskadi l-perjodu preskrittiv.

### *6. Fejn koproprjetarji jaqblu li jtemmu s-servitù*

Meta żewġ binjiet li oriġinarjament kienu ta' sid wieħed ikunu ser jiġu maqsumin, kull waħda mill-partijiet fil-qasma għandha jedd titlob, qabel il-qasma, li titneħħa kull servitù bejn iż-żewġ fondi, kemm-il darba dan ikun jista' jsir mingħajr ħsara kbira.

### *7. Fejn servitù f'fond servjenti nħolqot minn persuna li kellha titolu temporanju*

Kwalunkwe servitù miksuba mir-raġel favur il-fond dotali, jew miċ-ċenswalist favur il-fond mogħti b'ċens enfitewtiku, ma tispiċċax bil-ħall taż-żwieġ jew bl-għeluq tal-enfitewsi, iżda jispiċċaw dawk is-servitujiet magħmulin fuq dawn il-fondi mill-persuni hawn fuq imsemmija.



# L-Arkivji fil-Baned Maltin

Danica Abela

L-istorja ta' pajjiżna hija kruċjali fil-kultura u l-identità tagħna. Mhux talli toffri bażi komuni bejn l-individwi fis-soċjetà, iżda hija wkoll mod kif niddistingwu ruħna minn popli oħra. Mill-banda l-oħra l-baned Maltin huma essenzjali fl-insiġ tal-karatteristiċi Maltin. Xi bini, bħat-tempji u l-palazzi, juri biċ-ċar l-istorja ta' pajjiżna, iżda hemm fatturi oħra li juru r-rikkezza tal-istorja Maltija – id-dokumenti. Għaldaqstant l-arkivji huma kruċjali għall-istorja ta' pajjiżna hekk kif huma jżommu dokumenti ta' valur għoli, kemm storiku, legali u anke ekkleżjastiku.

### *X'inhu arkivju?*

Wieħed għandu jibda billi jifhem eżatt x'inhu arkivju. Mill-ħolqien tal-kitba l-bnedmin bdew jiktbu l-attivitajiet tagħhom bħala prova ta' eżistenza, minn kitba fl-għerien sa ittri bejn l-ambaxxaturi. Dawn huma dokumenti li huma maħluqa u organizzati b'mod naturali, riżultat ta' attività legali, kummerċjali, amministrattiva jew soċjali. Għalhekk huwa importanti illi din l-informazzjoni tiġi protetta f'post sigur minn nies professjonali. Normalment arkivju huwa post fejn dokumenti u oġġetti ta' valur storiku, magħrufa aħjar bħala "sorsi primarji", jiġu ppreservati għal ammont ta' snin jew għal dejjem. Eżempji jinkludu ritratti ta' importanza storika, dokumenti u korrispondenza maħruġa mill-gvern, informazzjoni fuq mewt u twelid fil-parroċċa u anke kuntratti notarili. L-arkivist huwa dik il-persuna responsabbli mill-materjal arkivistiku u mill-bini tal-arkivju. Huwa d-dmir tal-arkivist illi jara li l-materjal huwa aċċessibbli għan-nies. Għaldaqstant l-arkivist huwa responsabbli għall-aċċessibilità, il-preservazzjoni u l-ordni tad-dokumenti. Persuna responsabbli minn arkivju għandha tara illi dokumenti minn kreaturi differenti jinżammu separati, filwaqt li jinżammu fl-ordni oriġinali tagħhom (provenance and original order).



*L-ewwel ċertifikat tal-magħmudija fl-Imdina, fl-1539 (Grazzi lil Joseph Grech, 2017)*

### *L-irwol tal-arkivji f'soċjetà filarmonika*

Kif ġa spjegajt, fl-arkivji jinżammu dokumenti ta' valur storiku jew legali. Normalment l-arkivji huma aktar assoċjati maż-żamma ta' dokumenti storiċi.

F'Malta hawn madwar tmenin arkivju parrokkjali, li ġo fihom wieħed jista' jsib reġistri ta' twelid, żwiġijiet u mwiet, fost l-oħrajn. Dawn huma essenzjali għall-istorja ta' Malta, hekk kif jagħtuna stampa u figuri ċari tal-popolazzjoni Maltija fi żmien meta ċ-ċensimenti u r-Reġistru Pubbliku kienu għadhom ma jeżistux. F'arkivju tal-banda wieħed jista' jsib mużika sagra u liturġika li tkun indaqqet matul is-snin kif ukoll manuskritti li għal xi raġuni jew oħra spiċċaw f'dawn l-arkivji. Dawn id-dokumenti jagħtu stampa ċara ta' kif ir-repertorju tal-banda nbidel matul iż-żminijiet. L-arkivju jaħdem sabiex din il-mużika ma tintilifx darba għal dejjem u jara illi l-awtentiċità tagħha tibqa' valida.

Il-mużika li tinsab f'arkivji bħal dawn hija parti mill-istorja tas-soċjetà u tar-raħal, kif ukoll parti mill-patrimonju Malti. F'arkivju jinżammu wkoll xi minuti tal-kumitat tal-banda, fejn ir-riċerkatur ikun jista' jifhem għaliex ċerti deċiżjonijiet ittieħdu filwaqt li oħrajn baqgħu fuq l-ixkaffa. Dawn id-dokumenti jinkludu anke rendikonti finanzjarji u juru l-bidla fl-istruttura tal-banda u l-kumitat tagħha. Barra minn hekk fl-arkivju jistgħu jinżammu dokumenti msejħa "Mixxellanji" (Miscellaneous). Normalment dawn ikunu kollezzjoni ta' dokumenti varji li huma relatati mal-banda, is-surmastrijiet u anke l-allievi. Dawn jistgħu jkunu korrispondenza, ritratti tal-banda matul is-snin u reġistri tal-attendenza. L-arkivju mhuwiex post statiku, fejn id-dokumenti jibqgħu magħluqin. Dan il-post jista' jiġi aċċessat mill-pubbliku kollu, irrelevanti jekk hux mir-raħal, minn Malta jew barrani. Huwa post fejn wieħed jista' jirriċerka l-istorja tal-baned u kif dawn l-organizzazzjonijiet iqajmu s-sajf Malti. Sabiex id-dokumenti jibqgħu f'kundizzjoni tajba huwa essenzjali illi l-arkivist jaċċerta ruħu illi l-post mhuwiex umduż u hu aċċessibbli għan-nies, anke dawk b'diżabilità. Il-preservazzjoni hija parti kruċjali fil-qasam arkivistiku, u għalhekk l-arkivisti jagħmlu sforz kollettiv sabiex il-patrimonju tas-soċjetà ma jintilifx.



*Eżempju ta' dokument li għandu bżonn konservazzjoni minħabba ż-żmien u xi elementi naturali oħra (Grazzi lil Joseph Grech, 2017)*

***L-aċċessibilità u l-preservazzjoni***

L-aċċessibilità u l-preservazzjoni huma żewġ elementi kruċjali fil-qasam arkivistiku, anke fl-arkivji tal-baned. Minħabba l-kwantità ta' mużika li tinżamm għall-użu tal-banda huwa essenzjali illi din tinstab mill-ewwel. Meta surmast jibni repertorju għall-kunċert irid ikun ċert illi għandu l-partituri tal-istrumenti kollha għal silta partikolari u li dawn jinstabu f'kundizzjoni tajba. Għalhekk l-arkivju jrid ikun ordnat sabiex dawn jinstabu mill-ewwel. Il-mużika trid tinżamm ġo kaxxi apposta, bla aċidu u b'pH neutral. Dawn il-kaxxi huma magħmulin minn kartun apposta b'materjal arkivistiku sabiex l-ebda tip ta' kimika ma terħi fuq id-dokumenti, filwaqt li l-karti jkunu protetti mill-insetti bħas-susa, li tikolhom. Minbarra li l-kaxxi jkunu bl-isem tal-mużika u f'ordni organizzata l-arkivist jista'

jmur pass oltre minn hekk. Databases jew inventorji saru importanti fid-dinja arkivistika. B'sempliċi klikk fuq il-kompjuter is-software ikun jista' jinfurmak jekk għandekx dokument partikolari, u jekk iva, f'liema kaxxa. Fid-dinja teknoloġika tal-lum l-użu tal-kompjuters huwa inevitabbli u jista' jiġi addattat sabiex iħaffef l-aċċessibilità fl-arkivji. Din id-database tkun tista' tiġi riveduta skont il-ħtieġa. Arkivji akbar, bħal dawk notarili u nazzjonali, jagħmlu użu mill-iscanners sabiex l-organizzazzjoni jkollha kopja diġitali tad-dokumenti.

Meta persuna ċċaqlaq volum ta' ċerta età sabiex jinqara, b'mod naturali sseħħ bħal pressjoni fuq l-ispina tal-volum. B'mod naturali t-truf tas-swaba' tar-riċerkatur jistgħu jagħmlu l-ħsara fuq il-linka tad-dokument filwaqt li hemm ċans akbar ta' telf bi traskuraġni, bħat-tqattigħ ta' kantunieri fraġli. Għaldaqstant bl-użu ta' kopji sekondarji diġitali dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu evitati peress li r-riċerkatur jara l-kopja minflok l-oriġinali. Dan il-proċess ta' diġitalizzazzjoni sar proċess essenzjali fid-dinja arkivistika hekk kif huwa mod ta' preservazzjoni rħis. Ir-restawr tal-karta jitlob finanzi kbar, u għalhekk huwa importanti li ċerti passi jittieħdu qabel ma l-ħsara tkun estiża. Dawn il-kopji jistgħu jittellgħu f'websites-katalgi apposta, minn fejn ir-riċerkatur ikun jista' jaċċessa dawn id-dokumenti fuq l-internet mill-kumdità ta' daru. Mhux hekk biss – l-inventarju jkun jista' jittella' online, fejn wieħed ikun jaf x'tip ta' dokumenti jinżammu f'arkivju partikolari.

### *Inħarsu 'l quddiem*

L-arkivji tal-baned huma żgħar u b'nuqqas ta' fondi. Ir-riżorsi huma limitati u wieħed ma jkunx jista' jiżviluppa kif jixtieq. Mingħajr arkivju l-ebda organizzazzjoni ma tkun ċerta mid-dokumenti li tkun qed toħloq. Inżid ngħid li l-arkivju jgħin lil kull għaqda fl-organizzazzjoni, speċjalment f'soċjetà filarmonika, li tiddependi mill-kollezzjonijiet mużikali tagħha. L-arkivji tal-baned jistgħu jħaddnu teknoloġija avvanzata, bħall-virtual u l-augmented reality. Dawn it-teknoloġiji jħallu persuna tipponta l-mowbajl tagħha lejn il-mużika statika fuq karta u permezz ta' software tkun tista' tisma' l-banda ddoqq. Minħabba n-nuqqas ta' finanzi u volontarjat, il-parti l-kbira tal-arkivji fil-baned jieħdu ħsiebhom xi dilettanti, li sfortunatament qegħdin dejjem jonqsu. Ċerti arkivji jinsabu f'kundizzjoni ta' ħasra kbira, fejn il-patrimonju ta' xi dokumenti jinsab fil-periklu li jintilef għal dejjem. Kif spjegajt, l-aċċessibilità hija importanti. L-arkivji tal-baned għandhom ikollhom ħinijiet itwal ta' ftuħ u jirreklamaw lilhom infushom bħala post fejn wieħed jista' jaqra u jirriċerka, post dinamiku u mimli ħajja fejn kulħadd hu milqugħ. L-isfida hija kbira u estensiva. Nemmen li xi darba r-raħal tagħna li tant ngħożżu jkollu l-arkivju mużikali tiegħu. Holma li tista' ssir realtà meta s-Soċjetà tagħna tistabbilixxi ruħha f'każin. Nemmen li bil-koperazzjoni tal-komunità Mġarrija r-raħal tagħna jista' jkollu post fejn wieħed igawdi l-istorja u l-arti tiegħu.



*Il-preservazzjoni tad-dokumenti f'kaxxi apposta bla aċidu (Grazzi lil Joseph Grech, 2017)*


Condominium Management
Long Let Management
Short Let Management
Commercial Management
Facility Management
Mail Management
Rent Collection
Key Holding Services
Call us today to help you with your Property Management needs.
We provide an effective and tailor made solution to suit your needs!
www.victorestate.com.mt
Victor Estate
PROPERTY MANAGEMENT
+356 2157 4315
+ 356 7939 6319
info@victorestate.com.mt



# Min Irreklama f'Din il-Pubblikazzjoni


Adrian Delia 93
Agius Agriculture 93
Aquarius 84
B Grima Sons 54
Ballut blocks 147
Ballut Farm 85
Bezzina Frans Drainage 146
Bibas 24
Bjorn's Garage 146
Blaugrana 173
Bottega Frawli 55
Brittania Travel 163
Bugeja Said Alicia 18
Carecuts 85
Centric computers 51
Charles Azzopardi 51
Ciapella Landrovers 50
Clayton Gauci 31
ConvenienceShop 118
Creative glems 128
David Wood works 128
Dine West 122
Dr Muscat 124
Dr Sonia consiglio 23
Eclipse 125
Falzon Landrovers 126
FNG 125
Framegrip 14
Gasan Mamo 127
Giormina 22
Green Energy 161
Grey Hound 162
Hagi 55
Hairaholic 54
Hungry Wolf 164
Ian Borg 10
Ideal Farmhouses 164
IG Engineering 187
Il-Barri 83
J Micallef Service Stat 165
J&L Supermarket 162
James Falzon 13
Jardinland 58
JJ Gauci 30
Jonathan Borg Alum 58
Julia Farrugia Portelli 59
k Lounge 27
Karmenu Funerali 120
Koptaco 121
Laflafet 120
Lawrence Gatt 159
Luke Hi up 122
Lumenerie 123
Manuel Bezzina 160
Mapfre Middle Sea 160
Mario Calleja 21
Marlene fish 82
Martin Grima 82
MAV Supplies 49
Maypole 89
Melanie bezzina Ins 50
Mgarr Farmers Coop 158
Mgarr Farmers Snack Bar 173
Mgarr pharmacy 166
Mgarr United 156
Mgarr YN 159
Michael Agius 155
Midland 157
Mifsud Marbles 133
Modern /Restawrarti 168
Muscat Pools 150
Music link 167
MV Hardware 1 148
MV Hardware 2 149
Nathaniel Muscat 168
Needs and Treats 151
Newwes Funerali 87
Newwes Wedding 86
Optical Point 169
Paper Source 171
Paradise Bay 26
Pavi Pama 91
PD Gates 171
Pets World 92
Ph Borg Fuel 92
PL Mgarr 176
PN Mgarr 176
Powder Coated 166
Pullicin 88
Pure 90
Ray's Garage (Ic-Catt) 79
Rebekkah Cilia 90
Regjun Tramuntana 145
RFL 175
Rodney Fish Shop 155
RPJ 152
SEM 112
Simon Edward Daniel
Funeral Service 94
Sindku 15
Snowhite 96
St Mary Bakery 175
St Mary Pharmacy 117
Stitch by Stitch 140
Sunripe 172
Swaey Brothers Inside Back
Sweet king 153
Ta Celita 153
Ta karla 172
Ta' l-Ingliz 25
Tac-Canti 183
Tal-Mixtla 170
Tal-Plitt 96
The Professionals 169
Thermaseal 114
Thermomix 151
Tiziana Borg Busuttil 117
Transport Service 116
Trattoria D Emanuele 115
Treecake 57
United Restaurant 154
Universal Stationery 125
UV Print 174
Vaxxell Inside Front
Vella Supermarket 118
VellaWholesalers 174
Victor Estate 191
VMS 119
Your Chefs 170